# IL-PAĊI:
# ĦOLMA JEW REALTÀ?

KNISJA elfejn

sena XXXVII nru. 154
ottubru – diċembru 2025

# Il-Paċi: Ħolma jew Realtà?

WERREJ

Fr Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

Fr Ivan Attard OP
**L-isfidi biex nippromwovu l-paċi f'sitwazzjoni ta' kunflitti vjolenti** 3

Prof. Carmel Borg
**Paċi, Ġustizzja Soċjali u Edukazzjoni** 19

Prof. Patricia Vella de Fremeaux
**Peace, security and the validity of International Law in the 21st Century** 27

Prof. Trevor Calafato
**Security and Terrorism: the Implications of Peace** 35

Dr Michael Grech
**Il-kuntest tal-kunflitt Għarbi-Iżraeljan** 43

Prof. Carmen Sammut
**Paċi u propaganda fil-kuntest ta' Gaża** 51

Victor Vella
**L-immigrant għaliex jaħrab? Xi jkun qiegħed ifittex? ... tifhimhom meta tisma' l-istorja** 65

Dr André P. DeBattista
**Ir-rwol tar-reliġjonijiet għall-paċi: xkiel jew opportunità?** 71

Dr Daniel Darmanin
**Il-gwerra ġusta fil-ħsieb Kattoliku** 81

Fr Raymond Gatt OP
**Il-Papiet u s-sejħa għall-paċi** 89

Kontributuri 96

Rivista ta' formazzjoni teoloġika
li tittratta temi ta' duttrina biblika,
dommatika, morali u xjenzi umani

Toħroġ kull tliet xhur

*Bl-approvazzjoni tal-Knisja*

---

Direzzjoni – Redazzjoni – Amministrazzjoni
Knisja 2000
Kunvent Patrijiet Dumnikani
Misraħ San Duminku
Rabat RBT 2521

---

Editur: P. Raymond Gatt O.P.
gattrayop@yahoo.com

---

Setting: Joe Cassar
Cover design: Mark Mercieca
Stampat: Best Print, Qrendi. Tel. 21 680789
Copyright: Pubblikazzjonijiet Dumnikani

*Editorjal*

# Il-Paċi: Ħolma jew Realtà?

Fr Raymond Gatt OP

Iż-żmien li qegħdin ngħixu fih, l-ewwel kwart tas-seklu 21, ma tantx huwa żmien sabiħ: f'kull parti tad-dinja nsibu diversi kunflitti u gwerer li qed iħallu eluf ta' nies mejta, fosthom tfal innoċenti! Il-midja internazzjonali l-iktar li qiegħda tagħti importanza bħalissa hija l-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna u dik bejn Iżrael u l-Palestina. Imma hemm oħrajn li seħħew ftit tas-snin ilu jew li għadhom għaddejjin sal-lum: fil-kontinent Afrikan insibu l-kunflitti fl-Etjopja, in-Niġerja, is-Sudan, is-Somalja, il-Congo, il-Mali u l-Burkina Faso. Fl-Asja hemm dawk tas-Sirja, l-Afganistan, il-Myanmar, il-Yemen u l-kunflitt bejn il-Korea ta' Fuq u t'Isfel. Imbagħad għadu għaddej għal ħafna snin il-kunflitt fil-Messiku fuq il-kummerċ tad-drogi u s-sitwazzjoni diżastruża li tinsab fiha l-Haiti fil-Karibew.

Kif dejjem jiġri fil-gwerer dawk li jsofru huma dawk li jieħdu sehem fihom u n-nies ċivili u mhux dawk li qegħdin fis-setgħa! Miljuni ta' nies mietu fil-gwerer u l-bniedem għadu ma tgħallimx! Biżżejjed insemmu s-seklu 20 biż-żewġ gwerer dinjija li qerdu miljuni ta' persuni u farrku pajjiżi sħaħ! U llum il-prospettivi ma tantx qed juru li se jkun hemm soluzzjonijiet fil-qrib għall-paċi dejjiema. Saru diversi tentattivi u medjazzjonijiet fis-sitwazzjonijiet imwiegħra li jinsabu fiha l-pajjiżi miġġielda, imma dawn mhux dejjem ħallew il-frott mixtieq. U l-mistoqsija tiġi waħedha: il-Paċi hija ħolma jew verament tista' ssir realtà?

Kull bniedem ta' rieda tajba jħoss il-bżonn tal-paċi ġewwinija minħabba li tqawwi fih is-saħħa mentali u emozzjonali, tnaqqas l-istress, turi paċenzja u tolleranza, u ttih ħajja iktar trankwilla u kuntenta. Il-paċi ssaħħaħ ir-relazzjonijiet umani billi tippromwovi l-komunikazzjoni u

l-għarfien bejn il-persuni b'mod speċjali fil-familji. Għalhekk huwa tant siewi li ssir edukazzjoni mmirata lejn il-paċi fil-livelli kollha tal-ħajja umana ibda miż-żmien tat-tfulija sax-xjuħija. Il-paċi trid tkun mibnija fuq il-valuri li jibnu l-bniedem fir-relazzjoni tiegħu mal-oħrajn. Ir-rispett lejn il-ħajja umana bid-drittijiet kollha tagħha trid tkun il-bażi biex b'hekk il-paċi tissaħħaħ fost il-bnedmin.

Fuq livell globali, il-paċi hija essenzjali għall-progress soċjali u ekonomiku u hi tiggwida lis-soċjetajiet biex ifittxu soluzzjonijiet mingħajr vjolenza u aggressjoni quddiem il-kunflitti li jinbtu minn żmien għal żmien bejn il-ġnus. Hija meħtieġa d-diplomazija, biex permezz tal-medjazzjoni, negozjati u djalogu jiġu megħluba l-gwerer u ssir ir-rikonċiljazzjoni. Il-paċi trid tkun mibnija fuq il-ġustizzja: dawn it-tnejn ma tistax tifridhom minn xulxin. L-istituzzjonijiet li jaħdmu għall-għaqda fost il-ġnus flimkien mar-reliġjonijiet iridu jkunu l-katalisti biex il-paċi tirrenja f'kull rokna tad-dinja. Fuq kollox trid tkompli ssir ħidma fuq skala internazzjonali għad-diżarmanent nukleari u tiġi dejjem iktar imsaħħa l-liġi internazzjonali fejn jidħol il-poter, l-ordni u l-ġustizzja.

M'hemmx isbaħ u ta' ġid li n-nazzjonjiet kollha jagħrfu jiżirgħu ambjenti sani li jħallu lil dawk li jgħixu fihom jiffjorixxu u jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom għall-ġid tal-umanità. Din hija responsabbiltà etika tal-komunità dinjija għax bħalma jrid ikun hemm responsabbiltà kollettiva li tevita l-gwerer, hekk ukoll hemm responsabbiltà kollettiva li trid tippromwovi l-iżvilupp integrali tal-popli kollha fil-mixja tagħhom lejn il-paċi vera.

F'din il-ħarġa tar-rivista għandkom issibu diversi artikli minn kittieba li huma intiżi fit-tema tal-paċi. Nixtieq nirringrazzja lil Dr Michael Grech, li hu lettur fil-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta, li għenni fit-tfassil ta' din il-ħarġa tal-*Knisja 2000,* u lil dawk li kkontribwew permezz tal-ħsibijiet tagħhom. Nibqgħu nagħtu sehemna u nittamaw biex il-paċi dejjem tirrenja fostna bħala ċittadini tal-umanità.

# L-isfidi biex nippromwovu l-paċi f'sitwazzjoni ta' kunflitti vjolenti

Fr Ivan Attard OP

## Daħla

Qed ngħixu f'sitwazzjoni fejn il-vjolenza u l-kunflitti qed jinbtu ma' kullimkien fuq diversi livelli u għal raġunijiet varji, mhux biss bejn Stati, popli, jew alleanzi internazzjonali u militari differenti,[1] iżda wkoll fit-triq, bejn familji, ġirien, partiti u gruppi oħra. F'dawn il-paragrafi se naqsam magħkom xi riflessjonijiet tiegħi dwar dan is-suġġett, u se niffoka primarjament – u mhux biss – fuq il-kunflitti tipiċi li jinqalgħu bejn il-popli. Se nipprova nwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet: X'jistgħu jkunu l-kawżi tal-vjolenzi, kunflitti u antipatiji bejn il-popli? X'nistgħu nagħmlu biex nippromwovu l-paċi u l-ġustizzja f'sitwazzjonijiet ta' tensjoni?

Jeħtieġ nagħrfu li kull kunflitt għandu l-istorja tiegħu u għalhekk għandu jiġi kkunsidrat għalih. Huwa diffiċli ħafna li wieħed jifhem il-kumplessità tar-raġunijiet li jwasslu għal vjolenzi u ġlied armat. Għaldaqstant se nispjega fil-qosor ħafna it-tema tan-narrativi li l-mexxejja politiċi jiżviluppaw biex jispjegaw ir-raġunijiet ewlenin għaliex jinsabu f'kunflitt ma' poplu jew popli oħra.[2] Barra minn hekk, se nipproponi xi għodod li toffrilna l-Knisja Kattolika biex nimxu fit-triq li tiggarantixxi l-ġustizzja,[3] l-iżvilupp sħiħ tal-bniedem[4] u l-ġid komuni,[5] li huma meħtieġa sabiex tinbena l-paċi vera.

## 1. In-narrattivi

L-għerq tal-kunflitti jinsab fis-separazzjoni bejn aħna u huma abbażi ta' xi kategorija, bħal nazzjonalità, etnija, twemmin reliġjuż differenti, kif ukoll bejn popli u gruppi organizzati oħra. Din is-separazzjoni faċli toħloq rivalità jew sens ta' superjorità-inferjorità bejn il-partijiet li tista'

twassal għall-imġieba inġusta, piki, għira u kattiverji. L-inġustizzji mġarrba jistgħu jkunu veri jew perċepiti bħala tali. Ġeneralment, il-mexxejja ta' dawn il-gruppi jew pajjiżi jiżviluppaw narrattivi biex jispjegaw l-inġustizzji li qed ibatu u t-triqat li għandhom jittieħdu biex jinħelsu mill-oppressjoni (jekk ikun hemm), iħarsu d-drittijiet tagħhom (jekk huma mċaħħda minnhom) u b'hekk issir ġustizzja magħhom. Naturalment, fil-proċess tal-elaborazzjoni ta' dawn in-narrativi ssir għażla maħsuba tal-fatti li għandhom jiġu inklużi u tal-interpretazzjoni konvenjenti li għandha tingħatalhom. Ħafna drabi jkabbru n-narrattiva tal-inġustizzji li sofrew u jimminimizzaw – jew saħansitra jinjoraw għal kollox – l-iżbalji li huma stess ikunu wettqu.

Permezz ta' dawn in-narrattivi, il-politiċi jfittxu li jiżguraw l-appoġġ, il-kunsens popolari u jiġbdu s-simpatija ta' popli oħra, ħalli jiġġustifikaw u jagħtu leġittimità lill-kawża u 'l-azzjonijiet tagħhom kontra dawk meqjusa inġusti, sfruttaturi jew aggressuri. Wara n-narrattivi spiss ikun hemm interessi ta' natura ekonomika, finanzjarja, militari jew ġeopolitika. Anke kif jallinjaw ruħhom l-Istati l-oħra, ħafna drabi, ikun motivat aktar minn interessi simili milli mill-ġustizzja jew il-ġid tal-popli.

### 1.1 L-interessi ekonomiċi u finanzjarji

L-industriji tal-armi għandhom bżonn il-kunflitti u l-gwerer biex tiżdied id-domanda għall-armi fis-suq internazzjonali. Kull industrija tipproduċi biex tbigħ il-prodotti tagħha.[6] Jekk l-impriżi tal-armi ma jsibux suq għall-prodotti tagħhom, ifallu u jżidu l-qgħad. Il-falliment tagħhom ikollu konsegwenzi fuq l-ekonomija nazzjonali, peress li l-bejgħ tal-armi jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku tal-pajjiż u joħloq impjiegi, bħal kull industrija oħra.

Għalkemm dawn il-pajjiżi jistgħu ma jkunux involuti direttament fil-kunflitti, xortawaħda jibbenefikaw minnhom u għandhom interess li jinkuraġġuhom. Barra minn hekk, dawn l-impriżi ħafna drabi jinvolvu ruħhom fil-finanzjament ta' partiti politiċi jew kandidati għall-elezzjonijiet – kemm fil-pajjiż fejn joperaw, kif ukoll f'pajjiżi li huma predisposti għall-kunflitti – bil-għan li, ladarba dawn jirbħu l-elezzjonijiet, il-gvern elett jieħu deċiżjonijiet li jiffavorixxu l-interessi tagħhom.

Il-pajjiżi għonja fir-riżorsi naturali sikwit iġarrbu kunflitti. Biżżejjed wieħed iħares lejn l-Afrika u l-Lvant Nofsani, li huma għonja fiż-żejt u materji primi. Ħafna pajjiżi industrijalizzati u kumpaniji multinazzjonali kbar jippruvaw jakkwistaw dawn ir-riżorsi, kemm biex ikollhom aktar kontroll fuq is-suq internazzjonali, kif ukoll biex jiżguraw materja prima bi prezz irħis għall-industriji tagħhom.

Il-mod l-aktar faċli biex wieħed jaħtaf dawn ir-riżorsi huwa billi jinħolqu l-gwerer. Ladarba l-gwerra tagħmel ħerba mill-pajjiżi milquta bl-attakki militari, biex dawn jerġgħu jibnu l-infrastruttura u l-ekonomija, ikollhom bżonn jissellfu minn pajjiżi sinjuri jew minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħall-Fond Monetarju Internazzjonali jew il-Bank Dinji.[7] Dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji, fost affarijiet oħra, jitolbu l-privatizzazzjoni tal-impriżi pubbliċi u l-liberalizzazzjoni tas-swieq, bil-għan li jiżguraw il-prosperità ekonomika ħalli jitħallas lura d-dejn.[8] B'dan il-mod, il-kumpaniji multinazzjonali jistgħu jikkonkorru biex jixtru r-riżorsi naturali jew l-impriżi tagħhom. Konsegwentement, il-pajjiżi, li diġà jinsabu għarkupptejhom minħabba l-gwerer, isiru dipendenti finanzjarjament fuq dawn l-istituzzjonijiet u jkollhom jissottomettu ruħhom għall-interessi ta' min qed jiffinanzjahom, jekk ma jridux jitilfu l-fondi. L-ebda Stat b'saħħtu ma jagħmel xejn għal xejn. L-għajnuna finanzjarja qatt mhi bla interess.

Il-gwerer u l-ġlied huma waħda mill-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni ta' miljuni ta' refuġjati, li jkunu mġegħlin iħallu art twelidhom bit-tama li jsibu kenn f'pajjiż aħjar fejn jistgħu jgħixu ħielsa mill-biża' u minn dak li hu ta' theddida u ta' periklu għal ħajjithom u għall-għeżież tagħhom. Dawn in-nies, li spiss ikunu f'sitwazzjoni ta' disprament, ikunu lesti jaċċettaw kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol. B'dan il-mod, il-pajjiżi li jilqgħuhom – speċjalment dawk ekonomikament żviluppati fejn hemm rata baxxa ta' twelid u nuqqas ta' ħaddiema – japprofittaw ruħhom u jisfruttawhom sabiex jagħmlu l-ogħla qligħ possibbli minn fuq daharhom.

### 1.2 L-interessi militari u ġeopolitiċi

Il-qawwiet militari l-kbar jinsabu f'kompetizzjoni bejniethom biex dejjem isaħħu u jżidu l-influwenza tagħhom fuq livell globali u

reġjonali, partikolarment biex jikkontrollaw il-kurituri kummerċjali.[9] Għal dir-raġuni jinħolqu alleanzi sabiex tiġi mħarsa l-merkanzija importata u esportata bejn il-pajjiżi. Għaldaqstant, il-paċi f'dawn il-kurituri kummerċjali għandha primarjament importanza ekonomika. B'riżultat ta' dan, l-Istati alleati jibbenefikaw mill-għajnuna reċiproka.[10] Id-dominanza tal-Istati Uniti u l-alleati tagħhom toħnoq l-aspirazzjonijiet ta' qawwiet oħra, speċjalment meta l-qawwiet tal-Punent jestendu s-swaba tal-poter f'reġjuni 'l bogħod ħafna mill-konfini ġeografiċi tagħhom – u ħafna drabi eżatt taħt imnieħer il-qawwiet l-oħra li qed jiżviluppaw, kemm militarment, ekonomikament kif ukoll politikament, bħalma huma xi pajjiżi Asjatiċi.

Sakemm jibqgħu jeżistu dawn l-interessi għall-pajjiżi sinjuri, sfortunatament il-gwerer se jibqgħu għaddejjin. Mingħajr il-konverżjoni tal-qalb, ma jistax ikun mod ieħor. Bin-narrattivi tagħhom, il-qawwiet politiċi jippruvaw jaħbu l-interessi tagħhom u jiġġustifikaw għemilhom bħala għajnuna għal min hu fil-bżonn jew biex iħarsu s-sigurtà internazzjonali. M'għandniex xi ngħidu, in-nies ordinarji f'dawn il-pajjiżi milquta mill-gwerer huma dawk li jkollhom iħallsu l-ogħla prezz.

## 2. Il-motivazzjonijiet li jiġġustifikaw in-narrattivi

Il-mexxejja politiċi jappellaw għal diversi valuri morali u soċjali fil-propaganda tagħhom biex jiġġustifikaw kull intervent li jagħmlu. L-għażla ta' dawn il-valuri hija intenzjonata primarjament biex tmiss il-qalb taċ-ċittadini u l-popli, bl-għan li tqajjem simpatija u ammirazzjoni lejhom, u antipatija u disprezz lejn l-avversarji tagħhom. Fost dawn il-valuri (li mhux neċessarjament huma kompatibbli mal-valuri Nsara) nsibu: in-nazzjonaliżmu,[11] ir-reklamazzjoni ta' drittijiet minħabba xi inġustizzja li soffrew,[12] il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali madwar id-dinja, u l-ħelsien tal-popli magħkusa minn gvernijiet dittatorjali – speċjalment billi jesportaw u jimponu reġim ta' gvern demokratiku. Ma nafx b'liema pretest wieħed jista' jesporta mudelli demokratiċi li lanqas biss jaħdmu sew fil-pajjiżi fejn twieldu. Id-demokrazija vera trid tibda mill-poplu nnifsu, mhux mill-qawwiet militari barranin. Apparti minn hekk, dawn it-taparsi demokraziji ħafna drabi qegħdin hemm aktar biex jagħtu leġittimità u

jiffavorixxu l-interessi tal-barranin li qed jiffinanzjawhom, milli biex iservu l-ġid taċ-ċittadini tagħhom.[13]

F'dawn in-narrattivi, l-għedewwa mhux biss jiġu ppreżentati bħala nies inġusti u kattivi, iżda wkoll jiġu demonizzati. Jiġu akkużati li wettqu atroċitajiet – li jistgħu jkunu veri – li ma jirrispettawx il-liġijiet internazzjonali (li ħafna drabi huma magħmula biex jiżguraw l-interessi tal-qawwiet il-kbar), li qed jipproduċu armi nukleari, kimiċi u/jew bijoloġiċi bil-moħbi u mingħajr l-għarfien tal-komunità internazzjonali, u konsegwentement jiġu preżentati ta' periklu u ta' theddida għall-umanità kollha jew għar-reġjun ġeografiku.

Hemm it-tendenza li fil-propaganda tagħhom fuq il-midja jippreżentaw lilhom infushom bħala l-vittmi ta' inġustizzji (il-pajjiż aggredit) u/jew bħala l-ħelliesa tal-umanità (l-aggressur). L-aggressur u l-alleati tiegħu jippreżentaw ruħhom bħal dawk li lesti li jissagrifikaw ruħhom biex isalvaw id-dinja jew ir-reġjun minn dawn il-perikli. Jekk l-għedewwa li għandhom jiġu miġġielda huma demonizzati, allura r-raġunament iwassal biex il-pajjiż salvatur-ħellies għandu l-obbligu morali li jattakkahom u jwaqqafhom milli jwettqu l-pjan mxajtan tagħhom.

Barra minn hekk, teżisti wkoll propaganda oħra immirata biex il-gwerer jiġu normalizzati u preżentati bħala l-unika alternattiva possibbli biex jiġu solvuti l-kunflitti bejn il-popli. Qed nirreferi għall-varjetà ta' films ta' azzjoni u *science-fiction* prodotti minn Hollywood, kif ukoll il-logħob tal-kompjuter li jsir f'kuntest ta' gwerra. F'dawn il-każijiet, spiss jittieħdu elementi reali (bħalma hi l-ġlieda tal-Istati Uniti kontra t-terroriżmu Iżlamiku) biex jinbena xenarju fittizju, imżejjen b'effetti speċjali sbieħ u attraenti, biex jiġbed lil dawk li jħobbu dan it-tip ta' films u logħob. B'riżultat ta' dan, il-proċess li wieħed jassoċja l-gwerra ma' xi ħaġa pjaċevoli jsir aktar faċli. B'dan il-mod, il-gwerer virtwali u dawk reali (li wieħed jara dwarhom fuq il-midja – forsi wkoll fuq l-istess skrin) jibdew jitħalltu fl-immaġinarju tan-nies. Konsegwentement, il-gwerer reali jsiru aktar aċċettabbli. Il-kunflitti veri bejn il-popli jiġu trattati bħal ġlidiet ta' gladjaturi fl-arena tal-midja. Fi kliem sempliċi, qed nirriskjaw li niġu aljenati u illupjati, kif ukoll qed insiru insensittivi u indifferenti lejn it-tbatija u l-miżerja li jġibu magħhom il-gwerer.[14]

### 3. L-effetti tan-narrattivi

In-narrativi jistgħu iħallu diversi effetti fuq in-nies u l-popli li jsegwuhom u jemmnuhom b'għajnejhom magħluqa. F'ċerti każi, jinħoloq sens ta' vittimizzazzjoni, speċjalment meta l-inġustizzji li jkunu sofrew jiġu mkabbra, u jiġu injorati l-għażliet ħżiena li jkunu għamlu. In-narrativi jistgħu joħolqu distorsjoni tar-realtà, li twassal għal diversi timbri u preġudizzji. Ħafna drabi, dak li ġarbu fl-imgħoddi minn xulxin – li jiġi trasmessi primarjament minn ġenerazzjoni għal oħra u mhux neċessarjament minn studji storiċi – jintuża biex jikkonfermaw il-preġudizzji. Għaldaqstant, in-narrativi jwasslu għal ġeneralizzazzjoni ta' kwalitajiet negattivi li jiġu attribwiti lill-poplu kollu bla eċċezzjoni. Fl-aħħar nett, in-narrattivi jagħmlu simplifikazzjoni ta' diversi fatturi kumplessi ħafna biex jispjegaw il-ġrajjiet li seħħew.

F'ċerti pajjiżi jew fost alleati, billi mhux il-popolazzjoni kollha temmen f'dawn in-narrattivi, jinħoloq livell ta' polarizzazzjoni u ta' politiċizzazzjoni dwar is-suġġett, u jsir kważi impossibbli li jsir djalogu biex wieħed jifhem aħjar id-dinamika tal-fatti. Ħafna drabi, dan iwassal għal dibattiti b'ton aggressiv u intolleranti, li jistgħu joħolqu kunflitti ġodda fuq livelli differenti.

### 4. Il-promozzjoni tal-paċi fid-dawl tat-twemmin Kattoliku

Huwa faċli ħafna li quddiem dawn il-kunflitti, gwerer u vjolenzi, u quddiem it-tbatija kbira ta' nies u popli innoċenti, naqtgħu qalbna għax inħossuna li ma nistgħu nagħmlu xejn. Jista' jiġri wkoll li nwaħħlu f'Alla għax narawh indifferenti u ma jagħmel xejn quddiem tant kefrija u tbatijiet. Min-naħa l-oħra però jeħtieġ li nkunu onesti u naċċettaw il-fatt li l-gwerer – u l-miżerji li jġibu magħhom – huma frott għemil il-bniedem u mhux Alla. Alla ma jridhomx. Jekk il-bnedmin kollha jgħixu tassew il-Vanġelu, ma jkunx hawn atroċitajiet. Alla tana l-għodod biex nevitaw il-gwerer. Sta għalina li nagħmlu użu tajjeb minnhom. Għalhekk, huwa n-nuqqas ta' ubbidjenza tagħna lejn Alla li jagħti lok għall-gwerer, li huma l-kawża ta' tant miżerji. Huwa kemxejn infantili li nitfgħu l-ħtija fuq Alla għall-iżbalji u n-nuqqasijiet tagħna l-bnedmin. Jeħtieġ għalhekk li nippromwovu kultura li tgħinna nagħrfu ħtijietna, nerfgħu r-responsabbiltà ta' għemilna u naħfru lil xulxin.

**4.1 Att ta' fidi**

L-ewwel ħaġa li rridu nagħmlu hija att ta' fidi f'Alla, il-Ħallieq, li jista' kollox u Sid l-univers u l-istorja. Irridu nafdaw fih u nemmnu li Hu jaf aħjar minna x'inhu l-aħjar għalina. Biex nagħmlu dan l-att ta' fidi, għandna bżonn il-virtù tal-umiltà, ħalli nkunu nistgħu naċċettaw il-limitazzjonijiet u x-xejn tagħna, u fl-istess ħin ninfetħu għall-għerf infinit ta' Alla u l-kobor tiegħu bla tarf. Alla hu l-Imgħallem tagħna. Aħna d-dixxipli tiegħu. Għalhekk, aħna għandna nitgħallmu minnu, mhux Hu minna. Ma nistgħux nippretendu li ngħallmu lil Alla x'għandu jagħmel u ma jagħmilx.

Alla sar bniedem f'Ġesù Kristu. Huwa għex u ġarrab ir-realtà tagħna l-bnedmin. Xejjen lilu nnifsu u ta lilu nnifsu kompletament għalina sal-mewt tas-salib (Fil 2,7) għall-fidwa tagħna, biex jeħlisna minn kull ħażen. Iżda ma waqafx hemm. Tana l-grazzja li nieħdu sehem fil-ħajja divina tiegħu, fl-imħabba tiegħu sagrifikali u fir-rebħa tiegħu fuq kull ħażen, sabiex inkomplu l-missjoni salvifika tiegħu fi żminijietna, fid-dinja kollha. Aħna rridu nagħmlu l-parti tagħna biex nilqgħuh ta' kuljum f'qalbna, filwaqt li nħalluh jibdilna f'membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu (1Kor12,12-31), sabiex Hu permezz tagħna (Gal 2,20) juri lid-dinja l-imħabba tiegħu bla qies, li tiggarantixxi l-ġustizzja u l-paċi vera. Dan ifisser li bil-ħajja tagħna, irridu nagħtu xhieda tal-preżenza u l-ħidma tiegħu fostna. Id-Duttrina Soċjali tal-Knisja tgħallimna li l-promozzjoni tal-paċi hija responsabiltà ta' kull persuna u mhux biss tal-mexxejja tal-popli.[15]

Alla huwa qrib kull min qed ibati, jieħu ħsiebhom u qatt ma jabbandunahom. Ġesù mhuwiex indifferenti. Hu jkompli jieqaf magħhom permezz tagħna, li tassew infittxu li nilqgħuh u ngħożżuh f'qalbna. Għaldaqstant, huwa aħna l-bnedmin li ġieli nabbandunaw lil min qed ibati u nibqgħu indifferenti u mhux Alla. Il-mistoqsija m'għandhiex tkun fejn hu Alla quddiem tant miżerja u tbatijiet, iżda fejn hu l-bniedem u fejn hu in-Nisrani, għax Alla huwa hemm ibati ma' min qed ibati.

Is-sagramenti jwettqu proprju dan il-misteru fil-ħajja ekkleżjali. Kif Ġesù offra lilu nnifsu fuq is-salib għall-glorja ta' Alla l-Missier u għas-salvazzjoni tagħna, hekk ukoll aħna, bħala l-membri tal-Ġisem

Mistiku tiegħu, miegħu u bħalu, noffru lilna nfusna lil Alla għall-glorja tal-Missier u għas-salvazzjoni ta' kulħadd. Is-sagramenti u t-talb huma in-nutriment spiritwali tagħna, sabiex Alla jaħdem fina u permezz tagħna. Ladarba l-pedamenti ta' ħajjitna nibnuhom fuq il-blata vera, li huwa Ġesù (Mt 7,24-27), allura fuqu nistgħu nibnu l-istrutturi soċjali ġusti li jiggarantixxu l-ġustizzja vera, l-iżvilupp sħiħ ta' kull persuna, il-ġid komuni u l-paċi dejjiema.

## 4.2 In-narrativi ideoloġiċi u l-fidi

Aħna ngħixu fid-dinja u ma nistgħux nippretendu li ma nkunux influwenzati min-narrattivi ideoloġiċi differenti li nkunu esposti għalihom u bumbardjati bihom ta' kuljum. It-terminu ideoloġija jirreferi għal dawk is-sistemi ta' twemmin u valuri li jiġu assolutizzati u jiffunzjonaw bħala suppożizzjonijiet indiskutibbli li ħadd ma jista' jmisshom jew imerihom, sabiex wieħed janalizza u jifhem ir-realtà soċjali, politika, ekonomika, antropoloġika u morali.[16] Anke it-twemmin Nisrani jista' jsir ideoloġiku – jew użat biex isaħħaħ u jiġġustifika ideoloġiji – jekk jiġi żvujtat mill-laqgħa personali ma' Ġesù, li jqaddes il-qlub.

L-ideoloġiji ġodda, kemm tax-xellug kif ukoll tal-lemin,[17] speċjalment wara l-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin, ħadu direzzjoni ftit differenti minn dik tal-passat. Ix-xellug fl-Ewropa beda ftit ftit jispira ruħu mix-xellug kif mifhum fl-Istati Uniti, li huwa iktar mnebbaħ mil-liberaliżmu milli mis-soċjaliżmu.[18] Ix-xellug Ewropew kien jiffoka fuq id-drittijiet soċjali u ekonomiċi tal-klassijiet żvantaġġati (il-ħaddiema u l-fqar). Illum il-ġurnata, sar jappella aktar għad-drittijiet ċivili – u mhux tant għal dawk soċjali u ekonomiċi – ta' dawk il-kategoriji ta' nies li huma żvantaġġati abbażi tas-sess, il-ġeneru, l-orjentament sesswali u n-nazzjonalità. Min-naħa l-oħra, il-lemin sar għandu t-tendenza – li qegħda dejjem tikber – li jerġa' jħaddan in-nazzjonaliżmu, fis-sens li l-interess tan-nazzjon għandu jiġi mħares l-ewwel u qabel kollox, anke jekk dan jitlob li jiġi ssagrifikat il-ġid ta' persuni ta' nazzjonalità oħra.

L-ideoloġiji tax-xellug u tal-lemin jitkellmu fuq l-interessi aktar milli fuq il-ġid, u meta jużaw it-terminu 'ġid', ħafna drabi jkunu qed ifissru 'interess'. Tradizzjonalment, il-liberaliżmu jagħti prijorità lill-

interessi individwali anke jekk dan jitlob li jiġu ssagrifikati l-interessi kollettivi – jiġifieri biex jiġu mħarsa l-interessi tal-individwi (mhux neċessarjament ta' kull individwu), il-liberali huma lesti li jissagrifikaw dawk tal-kollettività. Fil-fatt, l-istorja turina li l-interessi tal-individwi li jiġu primarjament mħarsa huma l-interessi tas-sinjuri u ta' min hu b'saħtu. Bil-maqlub, is-soċjaliżmu kien jagħti prijorità lill-interessi kollettivi, u biex dawn jiġu mħarsa, kien lest li jissagrifika l-interessi tal-individwi.

Il-kunċett tal-ġid imur lil hinn mill-interessi, fis-sens li meta jiġi mħares il-ġid sħiħ tal-persuni,[19] jiġi żgurat ukoll il-ġid soċjali u l-ġid komuni. Il-ġid huwa dak kollu li tassew jissoddisfa l-bżonnijiet fundamentali tal-bniedem sabiex jgħix ħajja diċenti, iħares id-dinjità tiegħu u jassigura l-iżvilupp sħiħ tiegħu. U peress li s-soċjetà umana hija magħmula minn persuni, sabiex jiġi mħares il-ġid soċjali veru, jeħtieġ jiġi mħares il-ġid ta' kull persuna u mhux biss ta' xi wħud. Għaldaqstant, il-ġid personali u l-ġid soċjali huma komplimentari għal xulxin – jiġifieri m'hemmx wieħed mingħajr l-ieħor – u huma parti integrali mill-ġid komuni. Min-naħa l-oħra, l-interessi jistgħu jkunu kontra xulxin. U meta jiġri hekk, l-interessi ta' min hu b'saħħtu jiġu salvagwardati askapitu tal-oħrajn.

Irridu nkunu konxji mis-simpatiji u l-antipatiji tagħna lejn l-oħrajn li ħafna drabi jkun frott l-influwenza tan-narrattivi ideoloġiċi. Huwa essenzjali għalina l-Insara li nistudjaw l-ideoloġiji fid-dawl tal-fidi, b'moħħ miftuħ, b'kawtela u mingħajr preġudizzji, biex nifhmu aħjar id-dinamiċi soċjali, politiċi u ekonomiċi. Fil-fatt, l-ideoloġiji jixħtu dawl fuq diversi fatturi soċjali li ħafna drabi ninjorawhom. Għalhekk jistgħu jgħinuna nifhmu aħjar xi aspetti antropoloġiċi u soċjali. Madankollu, jistgħu wkoll iċajpru r-realtà tal-fatti. Jista' jagħti l-każ, li l-interpretazzjoni u l-analiżi tagħhom titlaq minn presupposti antropoloġiċi u sistema ta' twemmin u valuri li mhux dejjem għandhom appoġġ empiriku fir-realtà jew fl-ordni tan-natura, u f'ċerti aspetti jkunu wkoll inkompatibbli mal-fidi. Għalhekk, irridu noqogħdu attenti biex ma nħallux lilna nfusna nitkaxkru jew saħansitra niġu indottrinati minnhom. Ħafna drabi jiġrilna, bla ma nindunaw, li aktar naqraw ir-realtà fid-dawl tal-ideoloġiji milli fid-dawl tal-Kelma ta' Alla.

**4.3 Nifhmu lil xulxin**

Ladarba nirrikonoxxu l-influwenza tal-ideoloġiji fuq il-mod kif naħsbu u naraw l-affarijiet, kif ukoll wara li nidentifikaw is-simpatiji, l-antipatiji u l-preġudizzji tagħna minħabba fihom, għandna nagħmlu ħilitna biex ma nħalluhomx ifixkluna milli nisimgħu bil-għan li nifhmu. L-adeżjoni għamja għal xi ideoloġija tista' tfixkel is-smigħ tagħna u naslu biex nippreġudikaw, nittimbraw u nikkategorizzaw lil dawk li jaħsbuha b'mod differenti minna. Konsegwentement jinħoloq ir-riskju li npoġġu fuq fommhom kliem li qatt ma qalu, u bħala riżultat, mhux talli ma nsolvux il-kunflitti, talli noħolqu aktar nuqqas ta' ftehim, frustrazzjoni, rabja u weġgħat. Ma jistax jinbena djalogu onest jekk nonqsu milli nippruvaw nifhmu lil xulxin. Irridu npoġġu lilna nfusna fiż-żarbun tal-oħrajn u nħarsu lejn ir-realtà mill-perspettiva tagħhom. Dan jitlob impenn kontinwu biex nippruvaw nifhmu kif iħossuhom, jaħsbu u jaġixxu. Li nifhmu s-sitwazzjoni u r-raġunament ta' ħaddieħor ma jfissirx li qed niġġustifikaw, napprovaw jew naqblu mal-mod kif jaħseb jew jaġixxi. Barra minn hekk, jekk jien ma naqbilx mal-ħsieb, mal-għażliet jew mal-imġiba ta' dak li jkun ma jfissirx li qed nonqsu mir-rispett. Bl-istess raġunament ladarba hu ma jaqbilx miegħi, allura hu wkoll ikun qed jonqosni mir-rispett. Ħaġa li mhix minna.

In-nuqqas ta' ftehim joħroġ biċ-ċar fil-kunflitti bejn il-pajjiżi u l-alleati tagħhom. Ħafna drabi, il-mexxejja politiċi fid-diskorsi tagħhom ma jagħmlu l-ebda sforz biex jifhmu l-pużizzjoni ta' xulxin, għax in-narrattivi huma aktar imqanqla minn interessi ekonomiċi, militari u ġeopolitiċi, milli biex jagħrfu s-sewwa fid-dawl tal-verità tal-fatti, ħalli tiġi mħarsa l-ġustizzja u assigurata l-paċi bejniethom. Huma aktar moħħhom li jippreżentaw lilhom infushom fuq il-midja bħala l-eroj u jippromwovu n-narrattivi tagħhom biex jiġbdu s-simpatiji, jassiguraw il-kunsens popolari u l-appoġġ tal-alleati tagħhom, filwaqt li jpoġġu f'dell ikrah lill-avversarji tagħhom u lil min jissimpatizza magħhom.

Jekk naqbżu l-fażi li nippruvaw nifhmu lil xulxin, id-djalogu jsir dibattitu emozzjonali li, ġeneralment, iwassal għal aktar nuqqas ta' ftehim, risentiment, weġgħat u umiljazzjoni. Id-djalogu jiddeġenera fi ġlied, piki u kompetizzjoni ta' min għandu raġun. F'dawn iċ-ċirkustanzi faċli tiżviluppa mġiba aggressiva-difensiva, mimlija diskors provokattiv

u saħansitra jista' jeskala f'intimidazzjonijiet u forom differenti ta' vjolenza, kattiverji u żebliħ. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-ewwel nagħmlu ħilitna biex nifhmu lil xulxin sabiex jibda il-proċess ta' fejqan.

**4.4 Proċess ta' fejqan**

Normalment, f'kunflitt, ħadd mhu kompletament innoċenti jew ħati. Għalkemm wieħed jista' jkun aktar innoċenti jew aktar ħati mill-ieħor. Dan jgħodd ukoll għall-pajjiżi. Ħafna drabi, meta xi ħadd jagħmlilna xi ħsara napplikaw b'mod impulsiv il-liġi ta' għajn b'għajn u sinna b'sinna. Minflok naħfrulu, nippruvaw inpattuhielu, bl-intenzjoni li nagħmlu ġustizzja. Ovvjament, l-ieħor jirreaġixxi bl-istess mod, u b'hekk il-kunflitt jibqa' għaddej bir-riskju li jeskala fi ġlied jew saħansitra f'kunflitt armat. Sadanittant il-pika u l-ebusija tar-ras tiżdiet u ma naslu għal ebda soluzzjoni. Ħadd ma jkun irid iċedi biċċa jew jammetti xi żball, għax meta wieħed iċedi jew jaħfer jiġi meqjus bħala dgħajjef. U ħadd ma jrid joħroġ ta' dgħajjef.

Huwa minnu li xi pajjiż jista' jkun vittma ta' provokazzjonijiet jew attakki kontinwi, iżda r-reazzjoni aggressiva u vjolenti qatt mhi ġustifikata, meta jeżistu mezzi oħrajn biex tinsab soluzzjoni, bħalma huma d-djalogu, id-diplomazija u l-medjazzjoni. L-intenzjoni tista' tkun tajba (li jiġi mħares l-ġid tal-poplu), imma l-mezzi użati (l-aggressjoni u l-vjolenza) biex jintlaħaq dan l-għan mhumiex tajba.

Għaldaqstant, sabiex ikun possibbli li jiġi solvut kunflitt, il-partijiet involuti jridu jagħrfu l-għażliet żbaljati li jkunu għamlu u jerfgħu r-responsabbiltà. Ma jistgħux jaraw biss l-iżbalji tal-oħrajn jew l-inġustizzji li jkunu sofrew. Biex dan iseħħ, hemm bżonn ta' umiltà, sinċerità u onestà mar-realtà tal-fatti. Hemm bżonn għalhekk li jitneħħew l-ostakli li joħonqu u jfixklu dan il-proċess, bħalma huma l-arroganzja, il-kburija, s-suppervja, il-qerq, l-egoiżmu u l-mibgħeda.

Idealment, għandu jkun hemm istituzzjonijiet internazzjonali imparzjali li jimpenjaw ruħhom biex jiffaċilitaw u jiggarantixxu djalogu u medjazzjoni bejn il-partijiet. Sfortunatament, l-istituzzjonijiet internazzjonali li jeżistu llum spiċċaw ħafna drabi jiffavorixxu l-interessi ta' ċerti naħat – kultant ma jsibuhiex diffiċli jagħlqu għajnejhom għal xi pajjiżi quddiem ksur ta' liġijiet internazzjonali. Konsegwentement,

ħafna pajjiżi, li m'humiex fil-grazzji ta' dawn l-istituzzjonijiet, spiċċaw delużi u tilfu l-fiduċja tagħhom fihom. Fil-fatt, m'għadniex naraw, bħal fl-imgħoddi, u lanqas nisimgħu b'xi forma ta' medjazzjoni min-naħa tal-Ġnus Magħquda sabiex jiġu solvuti l-kunflitti armati li għaddejjin bħalissa. Dawk li jidhru li qed jippruvaw isibu xi soluzzjoni, huma l-qawwiet politiċi, ekonomiċi u militari li għandhom interess li jigwadanjaw xi ħaġa mis-sitwazzjoni – qishom xakalli lesti biex jaraw x'se jaħtfu mill-priża.

Li wieħed jirrikonoxxi l-iżbalji tiegħu u jerfa' r-responsabbiltà tagħhom m'għandux jitqies bħala sinjal ta' dgħufija jew bħala raġuni ta' umiljazzjoni u mistħija. Fil-fatt, wieħed irid ikun kuraġġuż biex jagħmel dan il-pass. Għalhekk, il-komunità internazzjonali, permezz ta' diversi miżuri, għandha tiffaċilita u tinkuraġġixxi lill-popli involuti fil-kunflitti biex jirrikonoxxu n-nuqqasijiet tagħhom, jerfgħu r-responsabbiltà u jagħmlu dak kollu li hu possibbli biex tinsab soluzzjoni ġusta, raġonevoli u mħaddna miż-żewġ naħat li tassigura l-paċi dejjiema. Li pajjiż jiġi penalizzat b'mod iebes b'sanzjonijiet kummerċjali għall-għażliet ħżiena li jkun għamel iweġġa' aktar lin-nies ordinarji milli lil dawk li verament jipprovokaw il-gwerer u jwassal biex jiżviluppa aktar risentiment u mibegħda bejn il-popli.

Wara li l-partijiet jirrikonoxxu u jassumu r-responsabbiltà tal-iżbalji tagħhom għandhom jitolbu maħfra u jaħfru lil xulxin, sabiex jibdew proċess ta' rikonċiljazzjoni. Ovvjament, maħfra kożmetika u rikonċiljazzjoni sfurzata ma jsolvu xejn. Il-maħfra teħtieġ iż-żmien, imma hija t-triq li għandhom jaqbdu, għax kif qal tajjeb San Ġwanni Pawlu II, fil-XXXV Jum Dinji tal-Paċi tal-1 ta' Jannar 2002 , "Ma hemmx paċi mingħajr ġustizzja u ma hemmx ġustizzja mingħajr maħfra."[20] Barra minn hekk, il-maħfra biex tkun kredibbli trid tkun akkumpanjata minn xi forma ta' riparazzjoni raġonevoli u ġusta għall-ħsarat li jkunu saru. L-impenn biex wieħed jirranġa dak li ġara hu sinjal konkret ta' rieda tajba.

### 4.5 Il-Virtujiet Morali

Il-virtujiet morali huma rekwiżit indispensabbli biex wieħed ikun jista' jibda l-impenn diffiċli li jippromwovi u jibni l-paċi f'sitwazzjonijiet ta' vjolenza u kunflitti. Kull ċittadin u kull poplu, irrispettivament mill-

fidi Nisranija, għandhom jinvestu ħin u riżorsi biex jikbru fil-virtujiet. F'kuntest soċjali u kulturali fejn il-valuri liberali huma dominanti, morali bażata prinċipalment fuq regoli, ħafna drabi tiġi esperjenzata bħala forma ta' oppressjoni, limitazzjoni u projbizzjoni, sakemm wieħed ma jkunx għaraf il-valur u l-ġid li dawn ir-regoli jridu jħarsu. Barra minn hekk, din il-viżjoni tal-morali tippreżenta biss żewġ għażliet: jew tirrispetta r-regoli jew tiksirhom. Il-morali bażata fuq il-virtujiet (li ma teskludix il-liġi) toffri spazju għal vjaġġ biex wieħed jikber, jitgħallem mill-iżbalji u jimmatura. Nies li huma f'mixja biex jikbru fil-virtujiet huma aktar imħejjija biex jiffaċċjaw il-kunflitti u jindirizzaw in-nuqqas ta' ftehim u l-inġustizzji li jkunu sofrew. L-impenn li wieħed jikber kuljum fil-virtujiet – bħalma huma l-umiltà, is-sinċerità, l-onestà, il-ġustizzja, il-kompassjoni, is-solidarjetà u l-maħfra – huwa meħtieġ biex jiġu evitati kunflitti bla bżonn, imġiba aggressiva u vjolenti, u hekk jiġi żgurat l-għajxien paċifiku.

## Konklużjoni

Dak li wieħed jiżra', jaħsad. Ma nistgħux nippretendu li naqtgħu l-ħawħ minn siġra tal-lumi. Jekk irridu l-ħawħ, jeħtieġ li inħawlu s-siġar tal-ħawħ. L-istess japplika għall-ġustizzja u l-paċi. Irridu nħallu lil Alla jiżra' f'qalbna l-Kelma (Mt 13, 4-9) u l-imħabba sagrifikali tiegħu, li hija s-sors tal-ġustizzja u l-paċi vera. L-ideoloġiji ispirati mill-liberaliżmu la jwasslu għall-ġustizzja, wisq inqas għall-paċi, għax huma ibbażati fuq il-kunċett ta' interessi, li kif spjegajna jistgħu jkunu kontra xulxin. U meta jiġri hekk, l-interessi ta' min hu b'saħħtu jirbħu dejjem. U t-tellief jispiċċa frustrat u jiġma' rabja għall-inġustizzja li jkun ġarrab. F'xi mument, dan ir-risentiment moħbi se joħroġ fid-dieher u jerġa' joħloq tensjoni u ġlied, li jistgħu jwasslu għall-gwerer, kif tgħallimna l-istorja. Apparti minn hekk, għal dawn l-ideoloġiji, li wieħed jagħraf l-iżbalji li jkun għamel, jaħfer u jfittex ir-rikonċiljazzjoni huma meqjusa kważi ħmerijiet u sinjal ta' dgħufija.

Ir-regħba għall-flus u l-poter iġġib magħha għatx li ma jinqata' qatt, għax aktar ma wieħed ikollu, aktar irid u ma jixba' qatt. Dan iwassal għal forom differenti ta' ħażen (1Tim 6, 9-10), inġustizzji u gwerer. Għaldaqstant għandna nqiegħdu t-tama tagħna f'Alla biss. Il-virtujiet

jħejju qlubna biex nilqgħu lil Sidna Ġesù Kristu, li jaħdem fina u permezz tagħna, huwa u jkompli l-missjoni salvifika tiegħu fiż-żmien u f'kull rokna tad-dinja.

L-għażla li nimxu wara Ġesù ma tistax tkun selettiva jew skont il-gosti u l-konvenjenzi tagħna. Għandha tkun sħiħa, awtentika u radikali. Għalhekk, jiddependi minna li nagħtu lilna nfusna kompletament lil Alla biex nibnu dinja ġusta, ħielsa minn kull forma ta' vjolenza u oppressjoni; dinja li tiżgura l-għajxien paċifiku bejn il-bnedmin, fejn il-ġid komuni u l-iżvilupp sħiħ ta' kull persuna jsiru realtà u mhux biss ħolma utopika.

## Noti

1. Skont il-pubblikazzjoni ta' OXFAM Italia tal-4 ta' Marzu 2024, l-atti ta' vjolenza unilaterali minn gruppi organizzati, kemm jekk huma forzi armati uffiċjali jew le, jammontaw għal 187 skont l-*Uppsala Data Conflict Program*, u kkawżaw total ta' 238,000 vittma, li minnhom, 100,000 indarbu fil-kunflitt li għaddej fl-Etjopja. Għal aktar informazzjoni tista' żżur il-paġna elettronika: https://www.oxfamitalia.org/le-guerre-nel-mondo-recenti-che-hanno-gia-fatto-la-storia/
2. Għal aktar tagħrif wieħed jista' jikkonsulta dan l-artiklu: Bradshaw S. et al. (2024), 'Strategic Storytelling: Russian State-Backed Media Coverage of the Ukraine War', International Journal of Public Opinion Research, Volum 36, Ħarġa 3. https://academic-oup-com.ejournals.um.edu.mt/ijpor/article-abstract/36/3/edae028/7709024?redirectedFrom=fulltext
3. San Tumas t'Akwinu, *Summa Theologiae*, II-II, q.58, a.1.
4. Ara, Pawlu VI, Enċiklika *Populorum Progressio*, 1967, 14. Populorum Progressio (26 marzo 1967) | Paolo VI (vatican.va)
5. Għal ġabra qasira dwar it-tagħlim tal-Knisja Kattolika fuq il-ġid komuni, wieħed jista' jikkonsulta l-Kompendju tad-Dottrina Soċjali tal-Knisja, n. 164-170.
6. Biżżejjed wieħed jara l-politika ta' Donald Trump fil-konfront tal-pajjiżi Ewropej. Huwa qed jesiġi li għandhom iżidu n-nefqa tagħhom fl-armamenti. Dan ifisser li għandhom jixtru aktar armamenti mill-Istati Uniti.

7. Għal aktar informazzjoni, wieħed jista' jżur is-sit uffiċjali tal-Bank Dinji: https://www.worldbank.org/en/about/leadership/members
8. Għal aktar tagħrif, wieħed jista' jikkonsulta d-dokument li ġie pubblikat mill-Bank Dinji fit-23 ta' Jannar 2020 bit-titlu 'Collateralized Transactions: Key Considerations For Public Lenders and Borrowers': https://documents1.worldbank.org/curated/pt/689561580497778132/pdf/Collateralized-Transactions-Key-Considerations-for-Public-Lenders-and-Borrowers.pdf
9. Għal ġabra qasira tal-attività kummerċjali madwar id-dinja u l-kurituri kummerċjali, wieħed jista' jżur is-sit tal-McKinsey Global Institute: https://www.mckinsey.com/mgi/our-research/global-trade-explorer?toggle=c&year=2022&sector=0ag&sub-sector=TAG&eco=wld
10. L-alleanza bejn l-Istati Uniti u l-pajjiżi Ewropej qed tixxellef. Biżżejjed wieħed jara l-prezz li kellha tħallas il-Ġermanja (li kienet dipendenti fuq ir-Russja għall-gass) minħabba l-gwerra fl-Ukrajna, dovuta primarjament – u mhux biss – għall-politika ta' espansjoni tan-NATO f'pajjiżi ġirien tar-Russja, fosthom l-Ukrajna.
11. Li tkun patrijott hija ħaġa tajba fiha nnifisha, iżda meta tidħol l-kburija nazzjonali, huwa faċli ħafna li din tiżviluppa f'forma ta' nazzjonaliżmu, fejn poplu – jew aħjar nazzjon – iħoss li huwa superjuri fuq l-oħrajn (aħna l-aqwa u ħadd ma jista' għalina). Din is-superjorità tagħti d-dritt falz li nazzjon juża l-prepotenza u jisfrutta lill-oħrajn biex jissalvagwardja l-interessi u l-aspirazzjonijiet tiegħu. Fil-fatt, l-Enċiklopedija Treccani tiddefinixxi n-nazzjonaliżmu bħala l-eżaltazzjoni tal-idea tan-nazzjon u ta' dak kollu li jirrappreżenta fil-ħajja ċivili u politika. Barra minn hekk, in-nazzjonaliżmu jimplika wkoll sentiment ta' rabta qawwija man-nazzjon. https://www.treccani.it/vocabolario/nazionalismo/
12. Kif diġà intqal tista' tkun vera jew perċepita bħala tali.
13. Għal aktar tagħrif, wieħed jista' jikkonsulta: Archibugi, D. (2006), 'Si Può Esportare La Democrazia?', Lettera Internazionale, 89, 3, paġni 1000–1002; u Piffero, E. (2007), 'Iraqi Freedom: Un Esperimento di Esportazione della Democrazia: Percorso Bibliografico', f'Emiliani, M. (ed.), Iraq: Radiografia del Conflitto Quattro Anni Dopo, Bologna, Clueb, paġni 1-21.
14. Għal aktar tagħrif, wieħed jista' jikkonsulta l-artiklu ppubblikat f'Jacobin Italia fil-25 ta' Ottubru 2022 minn Bartkowiak L. u Sullivan B.J. bit-titlu 'La Propaganda dei Wargames'. https://jacobinitalia.it/la-propaganda-dei-wargames/

15. Għal aktar informazzjoni, ara l-Kompendju tad-Dottrina Soċjali tal-Knisja, n. 495.
16. L-Enċiklopedija Treccani tagħti ġabra qasira ta' kif żviluppa l-kunċett ta' ideoloġija matul iż-żmien u kif intuża minn diversi ħassieba. https://www.treccani.it/enciclopedia/ideologia/
17. L-ideoloġiji tax-xellug u tal-lemin mhumiex biss ideoloġiji politiċi, imma jesprimu ruħhom wkoll f'oqsma soċjali oħra, bħal fl-ekonomija, fl-iskejjel, fil-movimenti soċjali u oħrajn.
18. Ix-xellug Ewropew matul il-Gwerra Bierda kien ispirat primarjament mis-soċjaliżmu u l-komuniżmu. Il-liberaliżmu kien meqjus lemin. Fil-fatt, fl-Ewropa ta' qabel il-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin, fuq in-naħa tax-xellug tal-ġlieda politika u ekonomika kien hemm il-komuniżmu u s-soċjaliżmu u fuq in-naħa tal-lemin kien hemm il-kapitaliżmu u l-liberaliżmu.
19. Illum qed tiġi aktar użata l-espressjoni Ingliża: holistic well-being.
20. Għal aktar informazzjoni, wieħed jista' jara l-messaġġ tal-Papa San Ġwanni Pawlu II: https://www.vatican.va/content/john-paul-ii/it/messages/peace/documents/hf_jp-ii_mes_20011211_xxxv-world-day-for-peace.html

# Paċi, Ġustizzja Soċjali u Edukazzjoni

Prof. Carmel Borg

## Introduzzjoni

Il-kunċetti ta' paċi, ġustizzja soċjali u edukazzjoni huma marbuta mill-qrib u jikkostitwixxu qafas essenzjali għal riflessjoni dwar il-preżent u l-futur tal-umanità. Il-paċi hija spiss mifhuma bħala n-nuqqas ta' gwerra jew ta' kunflitt armat, dik li Galtung (1969) jirreferi għaliha bħala paċi negattiva (*negative peace*). Madankollu, dan il-mod normalizzat ta' kif inħarsu lejn il-paċi jħalli barra dimensjonijiet oħra relatati mal-istrutturi soċjali u l-inugwaljanzi li jipperpetwaw sitwazzjonijiet ta' vjolenza indiretta u strutturali (Borg & Grech, 2017). F'dan is-sens, il-paċi ma tistax tiġi mifhuma b'mod sħiħ jekk ma tkunx imwaħħda mal-ġustizzja soċjali, jiġifieri mal-ħolqien ta' kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi fejn il-bnedmin kollha jistgħu jgħixu b'dinjità u bil-bibien tal-aċċess u l-inklużjoni miftuħin beraħ (Nussbaum, 2011).

L-edukazzjoni, meta tkun proċess ħellies, tista' tkun tassew strumentali fit-trawwim ta' kuxjenza favur paċi mnebbħa mill-ġustizzja soċjali. Edukazzjoni tassew liberatorja mhijiex sempliċement magna tat-trasmissjoni tal-għarfien, iżda proċess etiku, kulturali u politiku li jista' jġib il-bidla morali u soċjali li d-dinja tant għandha bżonn (Borg, 2013). Għaldaqstant, l-argument ta' dan l-artiklu hu li l-edukazzjoni, mhux mingħajr limiti, għandha titqies bħala pedament sod għall-bini ta' kultura ta' paċi u ġustizzja soċjali, filwaqt li tindirizza wkoll l-isfidi prattiċi li dawn il-valuri jġibu magħhom fil-kuntesti lokali u globali (Borg & Grech, 2014).

## Xi Teoriji u Kunċetti ta' Paċi

B'kuntrast mal-kunċett ta' paċi negattiva, Galtung jipproponi paċi pożittiva, li tirreferi għall-preżenza ta' ġustizzja soċjali u ugwaljanza,

Duffy, H. and Van Den Herik, L. (2021). Terrorism and the Security Council. In R. Geiß & N. Melzer, eds *The Oxford Handbook of the International Law of Global Security*. Oxford University Press, pp. 193–212. [online]. Available from: https://academic.oup.com/edited-volume/41308/chapter/352055476 [Accessed September 8, 2025].

Elemanya, A.V. (2023). Terrorism and Global Security: A Study of Islamic State of Iraq and Syria (ISIS). *Global Journal of Arts, Humanities and Social Sciences*, 11(6), pp.63–78. [online]. Available from: https://eajournals.org/gjahss/vol11-issue-6-2023/terrorism-and-global-security-a-study-of-islamic-state-of-iraq-and-syria-isis/ [Accessed September 7, 2025].

Europol. (2025). Europol coordinates operation against terrorist content online targeting minors – Over 2 000 links were referred during the action day. *Europol*. [online]. Available from: https://www.europol.europa.eu/media-press/newsroom/news/europol-coordinates-operation-against-terrorist-content-online-targeting-minors [Accessed September 7, 2025].

Farwell, J.P. (2014). The Media Strategy of ISIS. *Survival*, 56(6), pp.49–55. [online]. Available from: https://doi.org/10.1080/00396338.2014.985436 [Accessed September 7, 2025].

Galtung, J. (1969). http://www.jstor.org Violence, Peace, and Peace Research. *Journal of Peace Research*, 6(3), pp.167-191. [online]. Available from: http://www.jstor.org/stable/422690.

Hunt, C.T. and Zimmerman, S. (2022). Counter-Terrorism & Peace Operations: The Impacts of UN Security Council Approaches to Tackling Terror on the Pursuit of Peace. [online]. Available from: https://consensus.app/papers/counterterrorism-peace-operations-the-impacts-of-un-hunt-zimmerman/855e07320a1e5f0cbcf33eeea8a9b64a/ [Accessed September 7, 2025].

Karlsrud, J. (2019). From Liberal Peacebuilding to Stabilization and Counterterrorism. *International Peacekeeping*, 26(1), pp.1-21. [online]. Available from: https://www.tandfonline.com/doi/full/10.1080/13533312.2018.1502040 [Accessed September 7, 2025].

Karlsrud, J. (2017). Towards UN counter-terrorism operations? *Third World Quarterly*, 38(6), pp.1215–1231. [online]. Available from: https://www.tandfonline.com/doi/full/10.1080/01436597.2016.1268907 [Accessed September 7, 2025].

Khan, H.U. (2024). An analytical investigation of consequences of terrorism in the Middle East. *Journal of Economic Criminology*, 4, p.100067. [online]. Available from: https://linkinghub.elsevier.com/retrieve/pii/S2949791424000198 [Accessed September 7, 2025].

Kim, W. and Sandler, T. (2020). Middle East and North Africa: Terrorism and Conflicts. *Global Policy*, 11(4), pp.424–438. [online]. Available from: https://onlinelibrary.wiley.com/doi/abs/10.1111/1758-5899.12829 [Accessed September 8, 2025].

Klasén, L., Fock, N. and Forchheimer, R. (2024). The invisible evidence: Digital forensics as key to solving crimes in the digital age. *Forensic Science International*, 362, p.112133. [online]. Available from: https://linkinghub.elsevier.com/retrieve/pii/S0379073824002147 [Accessed July 28, 2025].

Lakomy, M. (2023). Artificial Intelligence as a Terrorism Enabler? Understanding the Potential Impact of Chatbots and Image Generators on Online

Terrorist Activities. *Studies in Conflict & Terrorism*, pp.1–21. [online]. Available from: https://www.tandfonline.com/doi/full/10.1080/1057610X.2023.2259195 [Accessed September 7, 2025].

Melki, J. and Jabado, M. (2016). Mediated Public Diplomacy of the Islamic State in Iraq and Syria: The Synergistic Use of Terrorism, Social Media and Branding. *Media and Communication*, 4(2), pp.92–103. [online]. Available from: https://www.cogitatiopress.com/mediaandcommunication/article/view/432 [Accessed September 7, 2025].

Monir, R.R. (2020). War on Terror and Its Implications for Global Peace and Security. *Journal of South Asian Studies*, 8, pp.71–78. [online]. Available from: https://consensus.app/papers/war-on-terror-and-its-implications-for-global-peace-and-monir/a4da0ac15eee53c29fb1a0e3751624e1/ [Accessed September 7, 2025].

Rekawek, K. (2024). *Russian State Terrorism and State Sponsorship of Terrorism*. International Centre for Counter Terrorism. [online]. Available from: https://www.icct.nl/publication/russian-state-terrorism-and-state-sponsorship-terrorism [Accessed September 8, 2025].

Weimann, G. (2008). The Psychology of Mass-Mediated Terrorism. *American Behavioral Scientist*, 52(1), pp.69-86. [online]. Available from: https://journals.sagepub.com/doi/10.1177/0002764208321342 [Accessed September 7, 2025].

# Il-kuntest tal-kunflitt Għarbi-Iżraeljan

Dr Michael Grech

**Daħla**

Biex inkunu ċari din mhix kitba li se timmoralizza fuq suġġett li, madankollu, pożizzjoni morali dwaru wieħed ma jistax ma jiħux. Fissens, biex nibqgħu fuq ġrajjiet li seħħew fi żminijiet reċenti, wieħed ma jistax ma jikkundannax l-attakk barbaru tas-sebgħa ta' Ottubru 2023, il-martirju li għaddew/għaddejjin minnu l-ostaġġi, il-massakru ta' ċivili f'Gaża mill-armata Iżraeljana, u l-qtil bil-ġuħ ta' nies innoċenti minħabba l-azzjonijiet tal-Gvern Iżraeljan. L-istess huma kundannabbli l-attakki minn Iżrael fuq pajjiżi f'dik in-naħa tad-dinja, li ġabu riskju li l-kunflitt ikompli jikber fi gwerra reġjonali. Fil-każ tal-Qatar ukoll, ġie attakkat pajjiż li seta' jkun medjatur. Biex ma nsemmux inġustizzji li ilhom snin, bħal ngħidu aħna l-fatt li l-Palestinjani ma kellhomx ċans ikollhom stat. Kif għedt, imma, l-għan ta' din il-kitba mhix li tagħti ġudizzju morali ta' min għandu raġun jew tort.

Spiss jingħad kliem dwar il-bżonn ta' paċi ġusta u dejjiema mażżewġ popli. L-impressjoni li tingħata hi li s-soluzzjoni hi faċli, kulma teħtieġ hi ftit rieda tajba. Min jgħid dan il-kliem aktarx li ma jafx, jew ma jafx sew, il-kuntest li fih il-kwestjoni twieldet u żviluppat tul is-snin. Il-kitba mhux beħsiebha tpenġi l-kuntest kollu, ħaġa li titlob ħafna aktar minn ftit paġni. Ser insemmi numru ta' punti li bosta minn dawk li jaqraw, jikkummentaw u anke jimmilitaw fuq dawn l-affarijiet, spiss jaħarbulhom.

Dan il-kuntest hu importanti għax, kif kont argumentajt ma' Carmel Borg ftit snin ilu, il-kelma 'paċi' hi kelma li hi sensittiva għall-kuntest li fih tintuża; li f'kuntesti differenti tfisser u timplika affarijiet differenti.[1] (Biex nagħmlu paragun, tixbah lil kelma 'twil';

f'kuntest ta' nies ordinarji tfisser ħaġa; f'kuntest ta' nies jilagħbu l-basketball tfisser oħra. Allura Ġanni jista' jkun twil f'kuntest imma mhux b'ieħor). Għalhekk dak li l-paċi titlob u timplika fil-kuntest tal-kwestjoni tal-Art Imqaddsa hi ħaġa li wieħed jista' jipprova jislet mill-kuntest li għalih qed tintuża, u mhux jikkunsidra b'mod astratt jew minn fuq keyboard.

## Id-daqs

Ħafna jitkellmu fuq Iżrael u l-artijiet Palestinjani bħallikieku dawn huma xi pajjiżi kbar, ngħidu aħna d-daqs ta' Franza u l-Ġermanja. Fil-verità dan mhux il-każ. Bil-kontra ngħidu aħna ta' kunflitt ieħor mdemmi li għaddej bħalissa (imma li donnu ma jinteressa lil ħadd) dak tas-Sudan, il-kunflitt fil-Lvant Nofsani jinvolvi artijiet żgħar ħafna. Anke jekk ma nqisux gżejjer bħal Sardenja u Sqallija, l-Italja hi aktar minn għaxar darbiet akbar mill-Istat ta' Iżrael, il-Medda ta' Gaża u x-Xatt tal-Punent flimkien. Il-biċċa hi kumplikata mill-fatt li dawn l-artijiet żgħar huma mifqugħa bin-nies. Barra minn hekk dawn mhumiex imqassma b'Għarab jgħixu biss f'artijiet Palestinjani (Xatt tal-Punent u Gaża) u Lhud jgħixu biss f'Iżrael. Din ir-realtà ġeografika turi li s-slogan 'Żewġ Stati għal żewġ Popli', li spiss ikun mitfugħ bħala soluzzjoni ovvja u faċli, mhuwiex fir-realtà soluzzjoni ħafifa daqs kemm bosta jimmaġinaw. L-istess jista' jingħad għal soluzzjoni li ġieli ssemmiet, dik li jkun hemm stat wieħed mifrux mall-Art Imqaddsa kollha, fejn Lhud u Għarab ikunu ċittadini ugwali. Raġuni ewlenija hi d-demografija; li poplu jibża' li jinbela' minn ieħor mhux bi gwerra imma mir-rata tat-twelid.

## Ir-Reliġjon

Karikatura oħra hi dik li tpenġi dik tal-Art Imqaddsa bħala kunflitt primarjmanet reliġjuż. Hi ovvja, kemm minħabba li l-post hu li hu, u kemm minħabba żviluppi reċenti fid-dinja u fir-reġjun li r-reliġjon, jew aħjar ir-reliġjonijiet lagħbu u jilagħbu parti fil-kunflitt, kif ukoll ser ikollhom jilagħbu parti jekk xi darba ser tinstab soluzzjoni. Madankollu, dan ma jistax jiġi ridott għal kunflitt bejn il-Ġudaiżmu fuq naħa u l-Iżlam fuq in-naħa l-oħra kif spiss jagħmlu xi wħud.

Ibda biex, anke jekk meta twieled l-Istat ta' Iżrael, il-post kellu rabta mal-poplu Lhudi minħabba ġrajjiet bibliċi,[2] bosta minn dawk li waqqfu l-pajjiż ma kellhomx xi prattika jew drawwiet reliġjużi, bi wħud minnhom ma jkunu jemmnu b'xejn. David Ben Gurion ngħidu aħna, aktarx li kien ateu. Bosta Lhud reliġjużi wkoll, kienu opponnew it-twaqqif tal-Istat, anke għax kienu jemmnu li l-Lhud għandhom jerġgħu jwaqqfu l-Istat tagħhom fl-Art Imqaddsa biss meta jiġi l-Messija. (Hemm grupp reliġjuż Lhudi għadu jħaddan dan it-twemmin, in-Neuterei Karta).

Lanqas ma hu l-każ li l-Musulmani kienu kollha qed jiġġieldu fuq in-naħa l-oħra. Il-maġġoranza tal-Palestinjani kienu u għadhom Musulmani, minkejja li kien (u għad hemm) komunità mdaqqsa Nisranija, b'numru ta' militanti Palestinjani ewlenin f'oqsma diversi (ngħidu aħna George Habash, Edward Said, u Hanan Ashrawi) jkunu membri ta' din il-komunità.

Jiġġieldu fuq in-naħa ta' dawk il-Lhud li waqqfu l-Istat Iżraeljan kien hemm bosta bedwini Għarab li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu Musulmani.[3] Hemm ukoll iċ-Ċirkassi, Musulmani li kienu ħarbu mill-artijiet fejn twieldu fuq il-Baħar l-Iswed minħabba l-invażjoni Russa fis-seklu dsatax. Dawn kellhom rabtiet kulturali ma dawk il-Lhud li marru l-Art Imqaddsa u li wkoll kienu ġejjin mill-Imperu Russu u li bħalhom kienu persegwitati minn dan l-Imperu. Iċ-Ċirkassi għadhom sal-lum iservu fl-Armata Iżraeljana.[4] F'din l-Armata jservu wkoll Għarab ta' reliġjon Drużа.[5]

Ovvjament ma rridx ngħid li r-reliġjon ma lagħbitx parti fil-bidu tal-kunflitt. (Id-Drużi tal-Art Imqaddsa ngħidu aħna, żammew mal-Lhud li waqqfu l-Istat Iżraeljan minħabba – fost raġunijiet oħra – il-fatt li huma jorbtu l-komunità tagħhom ma' Ġetro, ħaten Mosè, li għen lill-Lhud joħorġu mill-Eġittu. Barra minn hekk, bosta Musulmani opponew it-twaqqif tal-Istat Iżraeljan għax għalihom il-Palestina kienet parti integrali minn *Dar Al-Islam* li ma tistax tinqata' minn din). Biss il-kunflitt ma twelidx bħala kunflitt esklussivament reliġjuż.

L-impatt reliġjuż fuq il-kwestjoni żdied bit-tisħiħ ta' bosta movimenti Iżlamiċi fil-Lvant Nofsani mis-snin sebgħin 'l hemm. (Il-grupp Ġiħad Iżlamiku u Ħamas ngħidu aħna, twaqqfu fis-snin tmenin). Żdied ukoll meta aktar u aktar Lhud reliġjużi ma baqgħux jopponu, anzi bdew

isostnu l-idea ta' Stat Lhudi u jemigraw f'Iżrael (minkejja li għalihom kien għadu ma ġiex il-Messija). Ir-rata tat-twelid ta' dawn ukoll, wasslet biex l-impatt tagħhom fuq il-politika tal-Gvern Iżraeljan; kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' policies kif ukoll ma' viżjoni ta' x'inhu l-pajjiż u fejn sejjer jew fejn għandu jmur, kibret konsiderevolment. Dan l-aspett ser iwassal għal ieħor li bosta jinjoraw meta jitkellmu fuq il-kunflitt, il-fatt li ż-żewġ naħat f'dan il-kunflitt mhumiex omoġenji.

**Naħat maqsuma**

Fatt ieħor li bosta jinjoraw huma l-firdiet li hemm fuq naħa u oħra tal-kunflitt. Inkella, dawn il-firdiet jiġu simplifikati f'qasma bejn nies sekolari u raġonevoli fuq naħa, u fanatiċi reliġjużi fuq oħra. Anke hawnhekk madankollu, ir-realtà hi ftit aktar kumplikata minn dak li spiss nimmaġinaw.

Ovvjament b'dan ma rridx ngħid li firdiet bejn lajċi u reliġjużi fuq iż-żewġ naħat ma jeżistux. (Anke jekk tajjeb ngħidu li kemm fuq in-naħa Iżraeljana u forsi aktar fuq dik Palestinjana, xi jfisser meta tgħid li persuna jew grupp, speċjalment politiku, hu lajk mhux l-istess ħaġa ta' dak li tindika din il-kelma fil-kuntest tal-Ewropa tal-Punent.) F'Iżrael ngħidu aħna, hemm antipatija minn bosta Lhud li jew ma jemmnux, ma jsegwux wisq ir-reliġjon, jew jinterpretaw din b'paramteri moderni lejn bosta Lhud Ortodossi, l-aktar minħabba li s-seminaristi tal-fergħa Ħaredi tal-Ġudaiżmu Ortodoss, kuntrarju għaż-żagħżagħ nisa u rġiel Lhud oħra (u ż-żgħażagħ irġiel Ċirkassi u Drużi), mhumiex marbuta jservu fl-armata tal-pajjiż.[6] U mhux il-każ li dawk sekolari huma bilfors aktar raġonevoli mill-oħrajn. Nies bħal Avigdor Lieberman m'għandhomx viżjoni reliġjuża tal-ħajja jew ta' pajjiżhom, imma ma tantx għandhom ideat paċifiċi dwar l-Għarab tal-Art Imqaddsa. Spiss dan il-politiku u dawk li jsostnuh u għandhom l-istess viżjoni tal-Istat Iżraeljan jitkellmu dwar il-bżonn li dik jew din il-komunità Musulmana titkeċċa minn dak li llum hu l-Istat Iżraeljan.[7]

Dik bejn reliġjużi u sekolari mhix l-unika firda li hemm. Hemm firda bejn iż-Żijonisti, li jaraw l-Istat Iżraeljan f'termini tan-nazzjonaliżmu modern, u l-Messjanisti li jaraw l-Istat Iżraeljan modern bħala l-preludju tal-miġja tal-Messija. Biex ma nsemmux il-firdiet marbuta mal-post li

minnu ġejjin Lhud differenti. (Iżrael kien imwaqqaf primarjament minn Lhud Axkenażi, minkejja li l-maġġoranza ta' Lhud anke dak iż-żmien kienu Xefarditi u ġejjin mill-Lvant Nofsani, li spiss sofrew preġudizzju u diskriminazzjoni.[8] Xi ħaġa simili qed isofru reċentement immigranti Lhud mill-Afrika).[9]

Fuq in-naħa Għarbija hemm firda kbira fost simpatizzanti ta' gruppi politiċi differenti; firda li barra minn għeruq interni, għandha kaġunijiet marbuta mal-bilanċ politiku, ekonomiku u militari fir-reġjun. (Waħda mill-kaġunijiet tal-attakk tas-7 ta' Ottubru aktarx kienet li l-Ħamas kienet xprunata mill-alleat li jweżinha b'diversi modi, l-Iran, biex iwettaq l-attakk. Dan kien bil-għan li ma jseħħx waqfien ftehim li kien ser jintlaħaq bejn Iżrael u l-Arabja Sawdita).[10] Hemm ukoll firda bejn Għarab li jgħixu fl-ibliet u bdiewa. Hemm ukoll firda u preġudizzji bejn Għarab li jgħixu f'belt jew raħal fejn għexu l-antenati tagħhom għal ġenerazzjonijiet, u oħrajn li huma jew familthom ħarbu minn belthom jew raħalhom wara l-gwerer li seħħew minn mindu twaqqaf l-Istat ta' Iżrael fl-1948, u spiċċaw refuġjati f'pajjiżhom stess. Hemm ukoll firdiet oħra bażati anke fuq kulur tal-ġilda, li l-aktar li jbatu minnhom huma Palestinjani suwed.

Dawn il-firdiet u oħrajn li ma semmejtx juru li kwalunkwe soluzzjoni li tħares fit-tul mhux sempliċement trid togħġob lil naħa u l-oħra, imma trid tikkunsidra gruppi u fazzjonijiet b'interessi u proġetti differenti fuq iż-żewġ naħat li mhux dejjem jaqsmu l-istess viżjoni ma' gruppi u persuni oħra fuq in-naħa tagħhom. Dan l-aspett ukoll imma, spiss hu injorat minn dawk li jitkellmu ħafna fuq is-suġġett. Spiss ukoll, isiru karikaturi tal-interessi barranin fil-kwestjoni u tal-mod li bih dawn żviluppaw.

### Il-Lvant u l-Punent, ix-Xellug u l-Lemin

Karikatura oħra li spiss naraw hi dik li żżomm li l-Istat ta' Iżrael hu kreatura tal-Punent, jiġifieri tal-Istati Uniti u l-Alleati tagħha. Dan jgħodd kemm f'dak li għandu x'jaqsam mat-twelid tal-Istat Iżraeljan, u kemm ma' dak li ġara wara li l-Istat twieled. Ovvjament ir-rabta speċjali li Iżrael għandu mal-Istati Uniti – u li spiss wasslet biex f'fora tal-Ġnus Magħquda ma tgħaddi lanqas l-iċken riżoluzzjoni tikkundanna bil-kliem

affarijiet li huma kunadannabli u kif – ma tistax tiġi injorata. L-istess bħalma ma jistax jiġi injorat is-sehem diżastruż li kellu r-Renju Unit fil-ħolqien tal-problema. (Għalkemm ikun simplistiku jingħad li l-Britanniċi dejjem żammew ma' naħa u kontra l-oħra, spiss qabblu kif qablilhom u żammew ma' naħa jew oħra skont iċ-ċirkostanzi.) Mandakollu li wieħed jassumi li l-Istat ta' Iżrael hu primarjament kreatura tal-Punent maħluq biex iseddaq l-interessi ta' dan hi ftit simplistika. Ibda biex l-Istati Uniti kellhom dubji dwar il-mod kif kienet ser tinqasam l-Art Imqaddsa qabel it-twaqqif tal-Istat ta' Iżrael (ara ngħidu aħna r-rapport tal-Kummissjoni King-Crane tal-1922). Fit-twaqqif u fl-ewwel snin tal-Istat Lhudi, aktar kellhom sehem l-Unjoni Sovjetika u l-Alleati tagħha. Din mhux biss appoġġjat il-qasma tal-Art Imqaddsa u t-twaqqif tal-Istat Lhud fil-Ġnus Magħquda, imma permezz taċ-Ċekoslovakkja tat l-armi liż-Żijonisti fil-gwerra tal-1948. Sal-bidu tas-snin ħamsin din il-qrubija kienet għadha tinħass anke fuq livell kulturali, minħabba n-natura Soċjalista ta' bosta Kibbuz li fihom trabbew u kienu jgħixu wħud minn dawk li waqqfu l-Istat Iżraeljan. Kien lejn tmiem is-snin ħamsin, u fis-snin sittin, li l-Unjoni Sovjetika senslet rabtiet u alleanzi ġodda ma pajjiżi Għarab, u tbiegħdet minn Iżrael.

U la semmejt is-Soċjaliżmu idea oħra li spiss tissemma hi li l-appoġġ għall-Palestinjani u l-oppożizzjoni għal Iżrael hi kwestjoni essenzjalment xellugija. Din ukoll hi idea simplistika. Apparti l-fatt li wħud mill-fundaturi tal-Istat Iżraeljan kienu soċjalisti u bosta partiti Soċjalisti Ewropej kienu jappoġġjaw l-Istat Iżraeljan. Uħud minn dawn kienu jarawh bħala entità progressiva f'realtà retrograda. L-aktar li kien hemm oppożizzjoni lejn l-Istat Lhudi kien minn xi partit tal-Lemin estrem. Il-partit Laburista Iżraelan ukoll kien attiv ħafna internazzjonalment. (Fuq livell lokali, tajjeb ngħidu li dan il-partit appoġġja bi sħiħ lil dak Laburista Malti fi żmien il-kwestjoni politiko-reliġjuża tas-snin sittin).

Il-biċċa bdiet tinbidel qrib il-gwerra tas-sitt ijiem. F'din il-gwerra Iżrael ma baqax il-pajjiż żgħir mhedded li jkun miknus fil-baħar kif kienet in-narrativa tal-ewwel snin ta' wara l-ħolqien tal-Istat, imma deher bħala stat b'saħħtu li ħakem il-bqija tal-Art Imqaddsa. L-ideoloġija Soċjalista ta' bosta gruppi u gvernijiet Għarab (Nasser, Gaddafi, Fataħ, il-Front Popolari tal-Ħelsien tal-Palestina, u oħrajn) u l-użu ta' diskors

anti-Imperjalista ta’ wħud minn dawn, kiseb bosta simpatiji u appoġġ fost ix-xellug. (Dak kien fi żmien fejn f’bosta mkejjen tad-dinja Għarbija s-Soċjaliżmu kien popolari u kien għadu ma bediex jgħolli rasu b’saħħa l-Iżlamiżmu kif ġara fis-snin sebgħin). It-tqarrib tal-Istat Iżraeljan lejn l-Istati Uniti żied l-appoġġ ta’ bosta xellugin fil-Punent lejn il-Palestinjani.

**Konklużjoni**

Il-kwestjoni ta’ Iżrael u l-Palestinjani, anki fid-dawl ta’ bosta avvenimenti (mhux l-anqas il-massakru li għaddej waqt li qed nikteb), tqanqal bosta emozzjonijiet u fi wħud militanza. Din minnha nfisha hi ħaġa tajba (minkejja li traġedji oħra, forsi anke akbar, li għaddejjin fl-istess waqt donnhom ma jinteressaw lil ħadd). Madankollu, mhux dawk kollha li jxejru bandiera jew iħarbxu poeżija jagħrfu kemm hu kumpless il-kuntest li qed jitkellmu dwaru u kemm aħna, minkejja li m’aħniex daqshekk ’il bogħod ġeografikament, ninsabu maqtugħin minnu. Il-paragrafi t’hawn fuq huma mifhuma biex jagħtu togħma żgħira ta’ din il-kumplessità. Ovvjament hemm ħafna affarijiet li ma messejtx bħall-funzjoni li l-kawża Palestinjana kellha għal bosta reġimi fir-reġjun (in-nies f’bosta pajjiżi Għarab kienu mħajra jaċċettaw reġimi psewdo-sekolari minħabba li ribelljoni kontra dawn id-dittaturi setgħet tidher li qed tgħin lil Iżrael) u jekk din il-funzjoni naqsitx, l-istorja u l-miti li ż-żewġ popli (bħal ġnus oħra wara kollox) jirreferu għalihom biex isostnu n-narrativi li jiggwidawhom, u l-parti li l-kwestjoni tilgħab fil-qasam ekonomiku reġjonali u dinji. Il-kitba mhijiex mifhuma madankollu li tqanqal fataliżmu imma realiżmu. Kull tħammim u diskors dwar paċi jispiċċa kliem vojt jekk ma jikkunsidrax dan il-kuntest kumpless u mżewwaq.

## Noti

1. Ara d-daħla f'Borg u Grech *'Pedagogy, Politics and Philosophy of Peace. Interrogating Peace and Peace Making',* 2017.
2. Anke jekk għall-bidu ż-Żijonisti qiesu postijiet oħra fejn setgħu jwaqqfu l-Istat Lhudi, bħall-Uganda.
3. Arahttps://greenolivetours.com/on-the-bedouin-serving-in-the-israeli-army/?fbclid=IwY2xjawM8v3VleHRuA2FlbQIxMABicmlkETBzVHVPOGNhZEZoZGdIelFzAR6dOdAMudHxVMkHX7ILxNI2oSboViEQb5QxpzDcznkcB1lvKHw7qDkYYjVWYA_aem_PVcFLHv4gxNoaueFK9dsyg.
4. Ara https://www.bukhariantimes.org/2024/12/11/israeli-circassians-a-little-known-loyal-community-in-the-holy-land/
5. Ara https://gjia.georgetown.edu/2025/04/21/the-druze-community-in-israel-a-model-of-minority-integration/
6. Ara https://www.ispionline.it/en/publication/the-battle-over-the-enlistment-of-ultra-orthodox-jews-in-israel-181717
7. Ara ngħidu aħna https://www.theguardian.com/world/2014/mar/25/transfer-arab-israeli-citizens-palestinian-state
8. Ara ngħidu aħna https://notebookm.com/2013/10/19/a-sephardic-jew-why-discriminate-against-this-person/,
9. Ara ngħidu aħna https://www.aa.com.tr/en/middle-east/ethiopian-jews-suffer-racism-in-israel/1526782.
10. Ara https://www.middleeastmonitor.com/20220417-afro-palestinians-face-double-the-harassment-and-double-the-racism/

# Paċi u propaganda fil-kuntest ta' Gaża

Prof. Carmen Sammut

Ix-xahar ta' Settembru 2025 għalaq bl-aħbar li 'intlaħaq ftehim dwar Gaża'. Il-President Amerikan Donald Trump sejjaħ il-proposti tiegħu stess bħala opportunità tad-deheb għal ftehim storiku u "paċi eterna" f'reġjun bi 3,000 sena ta' tensjonijiet, gwerer u tixrid tad-demm. L-opinjoni pubblika globali donnha ħadet nifs kbir 'il ġewwa. Ħsibna li hemm mnejn li jintemmu l-attakki Iżraeljani fuq il-Palestinjani mġewħa u trawmatizzati. Għedna forsi fl-aħħar jippermettu li jidħlu f'Gaża l-provvisti tal-ikel u mediċinali tant meħtieġa. Ittamajna li jinħelsu l-ostaġġi Iżraeljani li kienu se jagħlqu sentejn maħtufa mill-Ħamas. Hemm kienu f'Washington s-Sur Trump u Benjamin Netanyahu quddiem il-midja internazzjonali. Ħabbru 'deal' li kellu l-appoġġ ta' wħud mill-"pajjiżi Għarab u Musulmani" (New York Post, 2025). Xaqq ta' dawl wara abbiss ta' dlam, li iżda fuq medda twila mhux se jiggarantixxi la paċi u lanqas stabbilità.

Sal-għada, l-1 ta' Ottubru, mexxej wara l-ieħor offrew l-appoġġ tagħhom għal dak li ppropona Trump għaliex fid-deher aktarx ma setgħux jagħmlu mod ieħor. Fil-verità meta taqra l-proposti deher car li għalkemm fid-deher żblukkaw sitwazzjoni staġnata, fil-fatt kienu maħsuba biex ma jwasslu mkien. Anzi dehru mfassla bl-intenzjoni li l-Palestinjani jirrifjutawhom. F'bosta midja, anke dawk lokali, ftit rajna analiżi informata ta' dak li ġie propost. Il-*headlines* kienu jgħidu li l-ftehim intlaħaq u allura mingħajr ħsieb kritiku aċċettaw il-mod kif l-aħbar ġiet ippakkeġġjata bħala opportunità tad-deheb wara tant snin ta' tiġrib! Anki hawn xi politiċi ma damux wisq ma ħarġu jifirħu b'dan l-iżvilupp. Hija sitwazzjoni li fakkritni fil-kitba tas-soċjologu u filosfu Jean Baudrillard dwar is-'*simulacra' u s-simulazzjoni* u l-kunċett tal-

ipperrealità, fil-kitbiet tiegħu dwar il-Gwerra tal-Golf.[1] Biss issa din hija simulazzjoni tal-paċi, mhux tal-gwerra.

Kważi kważi wħud irkantaw il-ħsieb li dawk l-497 baħħara fuq l-imriekeb tal-flottila internazzjonali Sumud lanqas kellhom għalfejn jibqgħu jissograw ħajjithom biex jiftħu kuritur umanitarju. Il-flotta “Sumūd”, kelma Għarbija li tfisser qlubija u reżiljenza, bdiet tbaħħru bil-motto “*When the World Stays Silent, We Set Sail*.” (Sail to Gaza, 2024) peress li d-dinja kien ilha sentejn kwieta u kiebja. Sakemm waslu qrib Gaża laħqu ġabru ħafna sostenn. Iżda meta l-Gvernijiet Ewropej u anki wħud Musulmani bdew ifaħħru l-proposta ta’ Trump, il-proġett tagħhom seta’ kważi żvinta għaliex Iżrael ta l-impressjoni li mhux sa jibqa’ għaddej il-gwaj. Għal uħud, anki politiċi ewlenin Ewropej, dawk il-mijiet ta’ nies kuraġġjużi li marru jisfidaw l-imblokk ta’ Gaża kienu saħansitra qed ‘jipprovokaw’. Iżrael dlonk iddemonizza lil Greta Thunberg, l-attivista Svediża magħrufa bħala tifla toħloq kuxjenza fuq il-Bidla fil-Klima, li llum saret il-mara tmexxi l-flottila ta’ Gaża. Akkużawha li saret kollaborattriċi tal-Ħamas u allura li tappoġġja t-terroriżmu (Fox News, 2025). Għaliex fin-narrattiva żijonista kull min jissimpatizza mal-kawża Palestinjani u jopponi l-ġenoċidju huwa anti-semitiku jew terrorist.

Hekk kif mijiet t’attivisti tal-Flottila Sumud, ġejjin minn 46 pajjiż, ġew interċettati u arrestati minn Iżrael f’ibħra internazzjonali, tqanqlu reazzjonijiet kbar tant li mad-dinja kollha n-nies organizzaw irwieħhom permezz tal-medja socjali u dlonk ħonqu t-toroq jisfidaw in-narrattivi tal-istati. Ftit wara li l-mexxejja tal-Unjoni Ewropea li ltaqgħu f’Copenhagen, moħħhom mgħobbi bil-piż tat-theddida Russa, malajr ħarġu jfaħħru l-proposti ta’ paċi ta’ Trump. Donnu riedu jrendu t-theddida mostruża taż-Żijoniżmu bħal waħda mansa. Iżda l-opinjoni pubblika m’accettax din il-pożizzjoni u fl-Italja rajna l-unions tal-ħaddiema jorganizzaw strajk ġenerali.

Bosta ma setgħux jifhmu kif, imbeżżgħa fuq xifer ta’ gwerra kbira oħra, l-Unjoni Ewropea mal-ewwel imbuttat in-narrattiva propagandistika qarrieqa. L-iskop tal-propaganda kien li tixxejjen ir-reżistenza globali qawwija kontra l-għemejjel t’Iżrael, oppożizzjoni li ħarġet bl-akbar saħħa fl-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fi New York.

Irridu niftakru l-kuntest tal-Assemblea Ġenerali 2025, fejn l-istat tal-Palestina kiseb l-għarfien uffiċjali ta' 157 pajjiż mill-193 stat imsieħeb fil-Ġnus Magħquda. Iżda l-Amerikani baqgħu jirrifjutaw joħorġu l-viża lill-mexxejja Palestinjani biex jattendu għal-laqgħa. Minflok mar Netanyahu, minkejja li f'Novembru 2024 il-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) ħarġitlu mandat t'arrest takkużah bi krimi tal-gwerra relattati mal-ġenoċidju f'Gaża. L-assedju ta' Gaża ġie ddikjarat uffiċjalment bħala ġenoċidju fis-16 ta' Settembru 2025 mill-Kunsill tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (UNHCR). F'Diċembru 2023 l-Afrika t'Isfel kienet l-ewwel li akkużat lil Iżrael b'ġenoċidju f'każ quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (ICJ). Imma l-propaganda taf tostor u dan il-kuntest importanti mhux dejjem ġie ppreżentat bħala sfond għal 'proposti ta' paċi'.

**Il-propaganda u r-ritorn ta' kolonjaliżmu awtoritarju**

Għal dawk minna li jsegwu x'jiġri fil-Lvant Nofsani, l-20 proposta mal-ewwel inxtammu bħala eżerċizzju propagandistiku biex inessi d-diskorsi xokkanti ta' Trump u Netanyahu fl-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda ftit jiem qabel. Mhux biss ma kienx hemm il-Palestinjani madwar il-mejda tat-taħdidiet, iżda dehru mal-ewwel jiġbdu biss lejn naħa waħda. Lill-Palestinjani, Trump u Netanyahu stennewhom iċedu kollox. Dak li ġew imwiegħda kienu biss drittijiet naturali u obbligi importanti li kien messhom qatt ġew mittiefsa.

Deher mal-ewwel li l-ħsieb kien li jekk il-Palestinjani ma jaċċettawx il-proposti, tkun biss ħtija tagħhom meta jissokta l-infern li kienu diġà jinsabu fih. Kemm minn fost il-mexxejja Ewropej emmnu li paċi dejjiema fil-Lvant Nofsani tista' sseħħ f'ħin ta' anqas minn 72 siegħa, kif iddetta Trump?[2] Kemm minnhom staqsew kif Donald Trump poġġa lilu nnifsu bħala ċ-ċerman ta' l-hekk imsejjaħ "Bord tal-Paċi" maqbul ma' Netanyahu minn wara dahar il-Palestinjani. Jew kif il-mexxejja kollha Palestinjani ġew esklużi mill-mejda tat-taħdidiet anki fil-ġejjieni ... Jew kif dan il-Bord tal-Paċi se jiddetermina l-ġejjieni tal-Palestinjani, minflok dawn jieħdu huma r-riedni tad-destin tagħhom.

Ma ssemmiex xi rwol importanti jista' jkollhom medjaturi t'esperjenza u s-sehem tal-Ġnus Magħquda, ħlief fejn jidħlu l-kunsinni

umanitarji. Il-proposti mkien ma wiegħdu li l-portijiet u l-ajruport ta' Gaża jerġgħu jinfetħu biex il-poplu ma jibqax jiddependi minn Iżrael għal kull ma jidħol f'arthom. Ma kienx hemm lanqas mistoqsijiet dwar kif il-Palestinjani ġew mitluba minnufih iċedu l-armi mingħajr ebda garanziji dwar il-ġejjieni tagħhom.

Il-pjan isemmi li għandhom jinħelsu t-48 ostaġġ Iżraeljan li fadal f'idejn il-Ħamas. Fl-istess waqt jipproponi li jinħelsu il-250 'priġunieri' Palestinjani, li qed jiskontaw sentenza t'għomor il-ħabs u 1,700 persuna oħra, li ilhom snin jimmoffaw f'ħabsijiet mingħajr ma tressqu quddiem qorti tal-ġustizzja. Għax innotaw l-Iżraeljani huma "ostaġġi" u l-Palestinjani huma "priġunieri" u "ħabsin". Biex ma ngħidux il-fatt li hemm reżistenza minn Iżrael għat-talba internazzjonali biex jinħeles Marwan Barghouti, li forsi huwa l-aktar mexxej importanti li jista' jgħaqqad lill-poplu Palestinjan. Barghouti kellu rwol sinifikanti fin-negozjati għall-Ftehim t'Oslo. Huwa mxebbah ma' Nelson Mandela u issa ilu jitherra fil-ħabs mill-2002 għax ħa sehem fl-organizzazzjoni tat-Tieni Intifada u wara sabuh ħati ta' terroriżmu għalkemm hu qatt m'aċċetta l-leġittimità tas-sentenza ta' għomor il-ħabs.[3]

Fil-proposti ta' Trump ma ssemma mkien il-ħolqien ta' stat Palestinjan, kif kien miftiehem f'Oslo fil-bidu tas-snin disgħin bejn il-Prim Ministru Iżraeljan Yitzhak Rabin (li ftit wara safa assassinat minn estremista Lhudi) u l-mexxej Palestinjan Yasir Arafat. Dak il-ftehim kien idea ta' soċjologu Norveġiż Terje Larsenu u membru parlamentari Laburista Iżraeljan Yossi Beilin ... u kien ġie ffirmat f'Washington taħt l-awspiċju tal-President Bill Clinton (Ghanem et al, 2020). Bih il-Palestinjani għarfu l-eżistenza tal-istat ta' Izrael u fost il-wegħdiet li wara sfaxxaw, kien hemm il-ħolma ta' żewġ stati sovrani. Fit-territorju okkupati, jiġifieri fix-Xatt tal-Punent u fil-Medda ta' Gaża, kienu saru elezzjonijiet demokratiċi: fix-Xatt tal-Punent tela' l-Partit tal-Fataħ; fl-elezzjoni li kienet saret f'Gaża fl-2006 telgħet il-fergħa politika tal-Ħamas b'maġġoranza kbira. Kien wara din l-elezzjoni li Iżrael sab ix-xoqqa f'moxtha u mblokka minnufih lil Gaża (Chomsky u Pappé, 2010). Il-popolazzjoni ta' Gaża ilha mblukkata 17-il sena u s-sitwazzjoni mal-ewwel kienet imwiegħra. F'Jannar 2012 il-Kardinal Renato Martino, President tal-Kunsill Pontifiċjali għall-Ġustizzja u l-Paċi tal-Vatikan,

kien iddeskriva lil Gaża bħala "kamp konċentrament kbir" (ikkwotat mill-Arċidjoċesi ta' Baltimore, 2012).

Illum il-ftehim propost ma fih xejn minn dak il-ħolm tal-imgħoddi. Ir-rikostruzzjoni ta' Gaża maħsuba li tkun bil-viżjoni u l-prijoritajiet li jfassal Trump u l-Bord tiegħu. Għalkemm Trump wiegħed li jinkludi xi teknokratiċi Palestinjani, lill-klassi politika Palestinjana se jħalliha barra. Ma ninsewx li fl-aqwa tal-ġenoċidju, kien Trump li ħareġ bl-idea li ssir riviera sabiħa; proġett ta' kostruzzjoni ala grande fuq art ċimiterju għadha niedja bid-demm ta' madwar 70 elf ruħ maqtula fl-assedju tal-aħħar sentejn.

L-20 proposta ta' Iżrael u l-Amerikani ma jinkludux dettalji ta' min se jħallas il-biljuni għar-rikostruzzjoni. Lanqas qalu għaliex deffsu fil-Bord għall-Paċi lil eks Prim Ministru Ingliż Tony Blair, li bejn l-2007 u l-2015 kien serva bħala Mibgħut Speċjali fil-Lvant Nofsani f'isem dak li kien jissejjaħ il-Quartet magħmul mill-Ġnus Magħquda, l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti u r-Russja. Ħadd ma indirizza l-possibbiltà li l-Bord ta' Superviżjoni jista' jwassal biex il-barranin jieħdu kontroll tar-riżervi tal-gass 'il barra minn Gaża minn ħalq il-Palestinjani. Blair ilu snin għajnejh fuq dawn ir-riservi.

Tajjeb li nfakkru wkoll hawnhekk is-sehem tal-Ingilterra fil-kuntest kolonjali u dak post-kolonjali. L-Ingliżi kienu ċaħħdu lill-Palestinjani minn arthom. Kienu huma strumentali għan-*Nakba* (traġedja) tal-1948, fejn l-Għarab tilfu kull ma kellhom u bosta sfaw refuġjati f'artijiet oħra jew sfaw bnedmin tat-tieni klassi taħt il-madmad tal-okkupazzjoni. Dak li ġarrbu wara l-Palestinjani tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża huwa mfisser tajjeb ferm fil-kotba illustrati ta' Joe Sacco (2001, 2009) li jirrakkonta sa mill-era tal-kolonjaliżmu Ingliż.

Il-Palestinjani ma jinsewx ukoll li meta kien Prim Ministru Blair, kien daħal sħab mal-Istati Uniti fil-Gwerra tal-Iraq, kontra l-parir ta' kulħadd u minkejja li miljuni ta' nies ħarġu jipprotestaw fit-toroq ta' Londra. Kien daħal abbażi ta' informazzjoni u interpretazzjoni ħażina tal-*intelligence*; jiġifieri mar għall-gwerra abbażi ta' propaganda qarrieqa.[4] Barra dan, fi żmien li kien il-mibgħut tal-Quartet fil-Lvant Nofsani, ftit li xejn irnexxielu jwaqqaf il-ksur flagranti tal-Ftehim ta' Oslo minn Iżrael bl-espansjoni tas-settlements Lhud u s-sistema tal-

apartheid li tħaddmet f'dan it-territorju li suppost kellu jitmexxa minn gvern elett mill-Palestinjani nfushom (BBC News 2015).

Minkejja l-propaganda kollha, dawn l-20 proposta ta' Trump huma moralment indiċenti għaliex it-taparsi għażla għall-Palestinjani hija waħda: dik li jċedu kollox u jumiljaw irwieħhom inkella jkomplu jaraw il-mewt. Iżrael ma wera ebda indiema għall-invażjoni u l-moħqrija sproporzjonata fuq il-Palestinjani. U l-pajjiżi li fl-imgħoddi tant imbuttaw il-prinċipju tal-paċi liberali issa jidher li qegħdin joħonqu l-karba ta' poplu mġarrab.

## Il-propaganda bħala għodda tal-gwerra

It-tradizzjoni realista fit-teorija tar-Relazzjonijiet Internazzjonali tissuġġerixxi li l-politika barranija għandha tkun ibbażata fuq deċiżjonijiet deliberati meħtieġa mhux skont opinjoni pubblika emozzjonali (Morgenthau, 1978). Madankollu, fid-demokrazija liberali, l-istat jeħtieġlu jilleġittimizza d-deċiżjonijiet tiegħu billi jappella għall-pubbliku. U din il-ħtieġa tkun akbar fi żminijiet ta' gwerra meta l-poplu jiġi msejjaħ jieħu sogri kbar; fejn parti kbir mill-popolazzjoni tkun saħansitra se tissagrifika ħajjitha fl-interess nazzjonali. Għalhekk il-komunikazzjoni hija meħtieġa.

Insibu li l-Ewwel Gwerra Dinjija kienet l-ewwel "gwerra tar-relazzjonijiet pubbliċi". Fl-Istati Uniti Edward Bernays, in-neputi ta' Sigmund Freud, kien pijunier fl-użu ta' propaganda emozzjonali u simbolika biex tiġi fformata u/jew immanipulata l-opinjoni pubblika biex jiġi ġġenerat appoġġ favur l-involviment Amerikan fil-gwerra. Huwa applika l-psikoanaliżi żviluppata minn zijuh u żewwiġha ma' teoriji oħrajn dwar l-imġiba tal-massa (Wells, 2024).

L-hekk imsejħa l-Gwerra l-Kbira, kienet skattat fis-sajf tal-1914. Dak iż-żmien wiegħdu lill-popli li kellha tkun biss gwerra qasira: "It will be over by Christmas". Baqgħet izda tkaxkar għal erba' snin sħaħ u lanqas biss nafu eżatt kemm mietu għax fi gwerra kulħadd donnu jsir numru. Jingħad li nqatlu bejn 15 u 22 miljun ruħ ... seba' miljuni 'l hawn u 'l hinn. Nofshom kienu suldati, l-oħrajn persuni pajżana inklużi nisa, tfal u xjuħ vittmi tal-ġuħ u l-mard. Kienet gwerra li qerdet ġenerazzjoni sħiħa. Għall-propaganda ntużaw l-aktar il-mezzi stampati,

jiġifieri ġurnali u fuljetti. Naħa kienet tiddemonizza lin-naħa l-oħra biex tiġi leġittimizzata il-ħtieġa tal-ħruxija u l-imwiet.

Il-ħbieb u l-għedewwa serrħu kemm felħu fuq il-propaganda anki fil-Gwerra Ċivili Spanjola, kif dokumentata mill-kittieb George Orwell (1938) li dak iż-żmien kien ġurnalist. Kiteb *f'Homage to Catalonia*: "*All the war-propaganda, all the screaming and lies and hatred, comes invariably from people who are not fighting*." Imbagħad ġiet it-Tieni Gwerra Dinija fejn ir-radju u ċ-ċinema bdew jintużaw ukoll bħala għodda ta' propaganda effiċjenti biex jiġu reklutati s-suldati, biex jikkonvinċu lin-nisa jieħdu post l-irġiel fl-agrikoltura u l-oqsma tal-industrija u biex iżommu l-moral tagħhom għoli ... waqt li jbaxxu l-moral tal-għadu.

Ma nistagħġbux għalhekk li matul is-seklu għoxrin, il-propaganda kisbet konnotazzjonijiet negattivi ferm. Meta tmenin sena ilu twaqqfet il-Ġnus Magħquda kien hemm min kellu l-għaqal iwissi li l-propaganda taħdem kontra l-paċi. L-Assemblea Ġenerali tal-1947 adottat riżoluzzjoni li tikkundanna l-propaganda għax tqajjem konflitti u tinkoraġġixxi l-aggressjoni (Riżoluzzjoni 110/11).

Minkejja dan, il-propaganda kienet ċentrali fil-kunflitti tal-Gwerra l-Bierda, fejn trasmissjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni servew bħala għodda kruċjali għat-tixrid tal-aġendi taż-żewġ superpotenzi u anki fl-isferi t'influwenza rispettivi tagħhom (Thussu, 2000). Bosta gwerer imdemma li ġraw f'diversi partijiet tad-dinja kienu ħtija tal-intriċċi u taqbid bejn is-superpotenzi, inkluzi dawk tal-Korea, tal-Vjetnam, l-Angola, l-Afganistan u t-tixrid tad-demm u ħruxijiet fl-Amerika Latina.

Wara l-Gwerra l-Bierda, faqqgħu il-"gwerer kulturali" li kkonsolidaw wara l-attakki tat-Twin Tower u tal-underground ta' Londra u mbagħad minħabba l-mewġiet ta' refuġjati kkawżat minn konflitti bħal dak tal-Afghanistan, l-Iraq, u s-Sirja. Il-gwerer kulturali għadhom għaddejjin s'issa, fejn il-propaganda u t-tixwix kontra l-barranin u l-immigranti għadhom ċentrali għan-narrattivi politiċi tal-partiti u gvernijiet populisti, inkluża l-amministrazzjoni Amerikana kurrenti.

**Il-kollass tal-"Paċi Liberali"**

Bħalissa qegħdin naraw kif din is-sena raġel wieħed ħarbat l-ordni internazzjonali fraġli ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Fost

affarijiet oħra qed naraw tisfaxxa l-perspettiva tal-Paċi Liberali li tikkunsidra d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem bħala l-garanzija tas-sigurtà umana. Kien hemm żmien, fejn konna naraw lill-qawwiet tal-Punent jinfurzaw dawn il-prinċipji kemm bil-kelma t-tajba imma kultant anki b'sanzjonijiet u l-qawwa militari. L-istituzzjonijiet demokratiċi u l-ekonomija tas-suq kienu prijoritizzati fi sfond ta' kummerċ transnazzjonali u fora internazzjonali li jħaddnu l-multilateraliżmu.

Il-midja tal-Punent kienu jippromwovu l-idea li d-demokraziji għandhom inqas propensità għall-vjolenza. Sakemm ħarbat kollox Trump, il-kritiċi tal-Paċi Liberali kienu jgħidu li din hija mezz biex tespandi politika ekonomika neoliberali mbuttata minn żmien ir-Reaganiżmu u Thatcheriżmu, li żiedu l-integrazzjoni ekonomika globali iżda wkoll ikkawżaw reżistenza u anki reżentiment f'bosta naħat tad-dinja.

F'dak il-perjodu, pajjiżi bi sfidi ta' żvilupp (bosta minnhom wara snin twal ta' tmexxija kolonjali) kienu spiss jiġu mbuttati jissieħbu f'ordni ġeopolitiku liberali jekk mhux ukoll imġiegħla jaddottaw il-kummerċ ħieles u l-investiment barrani. Kien hemm propaganda ċara u anki inizjattivi aktar sottili bħal pereżempju d-diplomazija pubblika u strateġiji ta' *soft power*, li kienu jmantnu perspettiva dominanti. Midja oligopolisitiċi tal-Punent saħħew l-ideoloġija tal-Paċi Liberali u għenu jitkissru l-fruntieri. Dawn idealizzawha bħala sistema tajba minn ewl id-dinja u fl-istess waqt huma stess firxu l-kontroll u l-poter tagħhom mal-erba' rjiħat.

It-theddida tal-prevalenza tat-televiżjoni satellitari tal-Punent (bħal CNN, BBC International, France 24 u Euronews) dlonk ġew kontroposti minn stazzjonijiet internazzjonali appoġġjati minn stati oħra emerġenti bħal Al Jazeera (Qatar), MBC (Sawdi Għarabja), Russia Today (Russja), u CCTV (Ċina), TRT (Turkija) eċċ... Skattat tellieqa għat-trasmissjonijiet mwaħħda ma' pjattaformi fuq l-internet fejn bdew jippreżentaw perspettivi varji imma mhux bilfors perspettivi alternattivi għall-kummerċjalizzazzjoni u l-kapitaliżmu globali bla rażan.

**Il-qawwa algoritmika tal-midja socjali u l-AI**

F'dan il-kuntest xterdet il-propaganda diġitali moderna li hija mmirata lejn l-individwi bil-kumplissitajiet kollha tagħhom ... u hija prevalentament f'idejn l-Istati Uniti. F'Jannar 2025 dawk li huma mlaqqma 'tech titans', jiġifieri l-biljunarji tal-era diġitali, inġabru kollha fl-ewwel filliera għat-tieni inawgurazzjoni solenni ta' Donald Trump. Hemm kienu, spalla ma' spalla ma' familt Trump: Elon Musk (SpaceX, u X); Mark Zuckerberg (Meta); Jeff Bezos (Amazon); Tim Cook (Apple); Sundar Pichai (Google), Shou Zi Chew (TikTok) u Sam Altman (OpenAI). Mhux biss ħareġ ċar li dawn kienu għenuh fil-kampanja presidenzjali, iżda dehret l-ambizzjoni ċara ta' wħud minnhom li jirkbu fuq il-karru politiku biex ikomplu jseddqu l-ġid personali tagħhom u tal-kumpaniji rispettivi tagħhom.

Il-kaz ta' Elon Musk u l-attentat tiegħu li jinfluwenza l-istat, kien eżempju ċar ta' kif dawn l-oligarki għandhom ukoll interess jimbottaw ideoloġija partikolari: fil-każ ta' Musk dik tal-Lemin Estrem li timmina l-qafas tad-demokrazija, mhux biss fl-Istati Uniti iżda anki fl-Ewropa u bnadi oħra (Polychroniou, 2025; Caiani, 2025). Elon Musk appoġġja pubblikament l-gwerra f'Gaża u enfasizza l-ħtieġa li jiġu newtralizzati gruppi li għandhom l-intenzjoni li jheddu lil Iżrael filwaqt li ried sehem fir-rikostruzzjoni u l-iżvilupp ekonomiku ta' Gaża wara li jintemm il-kunflitt.

Fl-era li qegħdin fiha, l-individwu safa aktar vulnerabbli għall-propaganda mistura li taslilna minn pjattaformi diġitali li komplew ifframentaw l-isfera pubblika u xejnu l-kompetenzi limitati tagħna biex nagħrfu l-verità minn miżinformazzjoni ppjanata. Bosta minna maqfula f'*echo chamber* marsus li jillimita l-aċċess għall-perspettivi wiesgħa (Sunstein, 2001; Jamieson u Cappella, 2008), li jista' jbarrina minn vuċijiet u avvenimenti importanti; jimmanipula l-għarfien tagħna b'ħeffa liema bħalha mingħajr ebda 'gatekeeper' jew filtru editorjali. Il-mibegħda u d-demonizzazzjoni tista' tixtered bħal-leħħa ta' berqa u l-possibbilita' tagħna li niżnu dak li naraw u nisimgħu hija ferm imxekkla.

Sa ftit ilu ftit konna nobsru li l-għadu l-kbir tan-neoliberaliżmu kellu jitfaċċa fl-Istati Uniti. Ftit kien hemm min basar li kellu jitla' President Amerikan biljunarju li kkappara narrattiva populista biex appella għall-ħaddiema skomdi bil-globalizzazzjoni u rnexxielu jħott

kemm-il paċi liberali u saħansitra l-qafas tal-jeddijiet umani u l-ligi internazzjonali. Ftit kienu jobsru li dan se jasal juża mezzi despotiċi, fosthom tkeċċija tal-ħaddiema federali, deportazzjonijiet bla rażan u saħansitra l-ingaġġar tal-Gwarda Nazzjonali biex jitrażnu l-protesti kontrih. Ftit kienu jobsru li kien se jkollu l-ardir jikkontesta riżultat elettorali u wara jipprova jrażan il-libertà tal-istampa u x-xandir ... u li juża l-gideb u l-kontradizzjonijiet biex ħadd ma jlaħħaq miegħu u jmerih bil-verifika tal-fatti.[5] Qabel l-2025, ħadd ma kien basar li t-Trumpiżmu msejjes fuq nazzjonaliżmu iżolanti kien se jsir qisu l-Messija tal-Insara Evanġeliċi u n-nemisi ta' dawk li ħaddnu l-internazzjonaliżmu u r-rispett lejn sistemi internazzjonali. Qatt ma konna nobsru li kull diskors anti-Żijonista kien se jitpoġġa fl-istess keffa mal-antisemitiżmu, u li l-ewwel li ġew ikkastigati għal dan kienu l-Universitajiet, minkejja l-qafas tal-libertà akkademika li tant jgħożżu...

## Il-kunċett ta' paċi pożittiva

L-isforzi għall-paċi jeħtieġu kuntest informattiv li jgħin biex in-nies ikunu lesti għall-paċi pożittiva la darba jintlaħaq ftehim, fejn nies għedewwa jaċċettaw u jidraw jgħixu ta' ġirien. Dan mhux proċess faċli, wara snin ta' tiġrib u propaganda bil-kontra. Il-'paċi pożittiva', kif kien isejjħilha s-soċjologu Norveġiż Johan Galtung (1969), ma tistax tiffjorixxi fl-assenza tal-ġustizzja jew dment li tippersisti l-vjolenza strutturali. Dan għax il-paċi mhix biss in-nuqqas tat-taqbid u l-ġlied.

Kif tista' tnessi f'ħin ta' anqas minn 72 siegħa it-tiġrib ta' poplu sħiħ? Kif tista' tibda tgħix fil-paċi wara ġenoċidju u fin-nuqqas ta' ndiema sinċiera ta' min wettqu? Kif tista' titfi l-ġamar u l-għadab fuq medda ta' 77 sena u ttaffi t-trawma tal-istraġi ta' 70 elf ruħ mejta u tant eluf oħra midruba jew misruqa minn għejxien xieraq? Kif tista' tfarraġ lill-qraba u ħbieb tal-1,195 Iżraeljan maqtula mill-Ħamas u dawk il-250 li kienu ttieħdu ostaġġi? X'tista' tikseb billi titlob lill-Ħamas iċedu l-armi kollha mingħajr il-garanziji li Iżrael kien se jwettaq dak li wiegħed u meta dan lanqas waqqaf il-bumbardamenti waqt in-negozjati indiretti? Kif tista' sseħħ il-paċi sakemm ġenerazzjonijiet ta' tfal u żgħażagħ li sfaw radikalizzati ma jkollhomx l-opportunità jduqu kuntest sikur fejn ikunu ttrattati ta' nies?

Għalhekk il-propaganda u t-tgħawwiġ tal-fatti, in-narrattivi li javvelenaw l-imħuħ għandhom konsegwenzi dejjiema li jimpattaw bosta ġenerazzjonijiet. It-triq għall-paċi qatt mhi waħda qasira u sempliċi. Mingħajr paċi pozittiva m'hemmx paci u sigurtà dejjiema.

## Noti

1. Jean Baudrillard (1995) kien itteorizza li l-Gwerra tal-Golf ma kinitx gwerra fis-sens tradizzjonali iżda spettaklu tal-midja. Il-kunflitt aktar ġie esperjenzat permezz ta' immaġini u propaganda tal-midja milli gwerra attwali, u ħoloq simulazzjoni jew gwerra "virtwali" aktar milli konfrontazzjoni antagonistika diretta.
2. Kien ċar li l-għaġla żejda u l-pressjoni ta' Trump biex ikun hemm simulazzjoni ta' ftehim mingħajr dewmien, kienet ġejja mill-fatt li hu xtaq bil-qawwa li jingħata l-Premju Nobel għall-Paċi. It-tħabbira tal-Premju Nobel kienet skedata għall-10 ta' Ottubru 2025. Trump kien gie nominat mill-Kungressista Repubblikan Buddy Carter mill-istat ta' Georgia fl-Istati Uniti. Iżda ġie nnominat ukoll għal dan il-premju minn Netanyahu.
3. Barghouti ngħata 5 sentenzi ta' għomor il-ħabs u 40 sena oħra magħhom biex tul ħajtu żgur ma jingħatax ħelsien. Huwa ġie mġiegħel iqatta' l-parti l-kbira minnhom f'iżolament.
4. Niftakru kif l-Inkjesta Chilcot kienet ikkonkludiet li l-intelligence dwar l-armi ta' qerda tal-massa (weapons of mass destruction) tal-Iraq ġiet ippreżentata b'ċertezza mhux ġustifikata u li l-għażliet diplomatiċi paċifiċi ma kinux ġew eżawriti qabel l-invażjoni (BBC News, 2016).
5. Bl-Ingliż dan il-mudell ta' propaganda jissejjaħ 'firehosing of falsehood'.

## Biblijografija


Archdiocese of Baltimore (2012) Gaza Strip resembles a concentration camp, says top Vatican official. Available at: https://www.archbalt.org/gaza-strip-resembles-a-concentration-camp-says-top-vatican-official/ (Accessed: 2 October 2025).

Baudrillard, J. (1995) *The Gulf War Did Not Take Place*. Indianapolis: Indiana University Press.

BBC News (2016) 'Chilcot report: Tony Blair's Iraq War case not justified', 5 July. Available at: https://www.bbc.com/news/uk-politics-36712735 (Accessed: 2 October 2025).

BBC News (2015) ‘Why Tony Blair could never succeed in the Middle East’, 15 March. Available at: https://www.bbc.com/news/world-middle-east-31905033 (Accessed: 2 October 2025).

Caiani, M. (2025) ‘How Elon Musk’s powerful disinformation machine works’, *EDMO*. Available at: https://edmo.eu/publications/how-elon-musks-powerful-disinformation-machine-works/ (Accessed: 2 October 2025).

Chomsky, N. and Pappé, I. (2010) Gaza in Crisis: Reflections on Israel’s War against the Palestinians. Edited by F. Barat, London: Haymarket Books.

Cinelli, M. et al. (2021) ‘The echo chamber effect on social media’, *Proceedings of the National Academy of Sciences*, 118(9). Available at: https://www.pnas.org/doi/10.1073/pnas.2023301118 (Accessed: 2 October 2025).

Fox News Digital. (2025) ‘Israel claims Hamas ties to Global Sumud Flotilla bound for Gaza Strip’, Fox News, 30 September. Available at: https://www.foxnews.com/world/israel-claims-greta-thunbergs-flotilla-seeking-break-gaza-blockade-has-hamas-ties-cites-documents (Accessed: 2 October 2025).

Galtung, J. (1969) ‘Violence, Peace, and Peace Research’, *Journal of Peace Research*, 6(3), pp. 167-191.

Ghanem, A., Mustafa, M. and Brake, S. (2020) Israel in the Post Oslo Era: Prospects for Conflict and Reconciliation with the Palestinians. 1st edition. Abingdon: Routledge.

Jamieson, K. H. and Cappella, J. N. (2008) *Echo Chamber: Rush Limbaugh and the Conservative Media Establishment*. New York: Oxford University Press.

Lachter, E. (2025) ‘Italy’s Meloni says Gaza flotilla risks escalation, could “blow up” potential ceasefire deal. Israeli foreign minister calls flotilla “a dangerous provocation intended to inflame tensions and undermine ongoing diplomatic efforts”’, Fox News, 30 September. Available at: https://www.foxnews.com/world/italys-meloni-says-gaza-flotilla-risks-escalation-could-blow-up-potential-ceasefire-deal (Accessed: 2 October 2025).

Morgenthau, H. J. (1978) Politics Among Nations: The Struggle for Power and Peace. (5th Ed.). New York: Knopf.

New York Post (2025) ‘Trump unveils 20-point Gaza cease-fire plan with him running “board of peace,” warns Israel will “finish the job” if Hamas objects’. Available at: https://nypost.com/2025/09/29/us-news/trump-unveils-20-point-gaza-cease-fire-plan-with-him-running-board-of-peace-warns-israel-will-finish-the-job-if-hamas-objects/ (Accessed: 2 October 2025).

Orwell, G. (1938) *Homage to Catalonia*. London: Secker & Warburg.

Polychroniou, C. J. (2025) ‘Musk Aims to Lead the Far-Right International’, *Global Policy Journal*. Available at: https://www.globalpolicyjournal.com/blog/14/01/2025/musk-aims-lead-far-right-international (Accessed: 2 October 2025).

Sacco, J. (2001) Palestine: A Nation Occupied. Seattle: Fantagraphics.

Sacco, J. (2009) Footnotes in Gaza. New York: Metropolitan Books.

Sail to Gaza (2024) ‘Collective Action for Gaza’. Available at: https://globalsumudflotilla.org/ (Accessed: 2 October 2025).

Sunstein, C. R. (2001) *Republic.com*. Princeton: Princeton University Press.

Thussu, D. K. (2000) International Communication. London: Arnold.

Wells, R. A. (2024) ‘Propaganda at Home (USA)’, *1914-1918-online. International Encyclopedia of the First World War*. Available at: https://encyclopedia.1914-1918-online.net/article/propaganda-at-home-usa/ (Accessed: 2 October 2025).

# L-immigrant għaliex jaħrab? Xi jkun qiegħed ifittex? … tifhimhom meta tisma' l-istorja

Victor Vella

"Ma nafx għaliex taqbeż għalihom! Imtlejna ta. Kullimkien bihom. Mela aħna nifilħu iżjed? U oħra, inti taf humiex kriminali dawn? Għaliex ħarbu minn pajjiżhom? Għaliex ħarbu mit-Tuneżija jew il-Libja?" Jieqaf ftit. Iħares lejja b'ħarsa ta' diżappunt aktar milli ta' rabja. "Jgħidu li qegħdin jaħarbu l-gwerer. Fl-Afrika m'hemm ebda gwerra. Semmili fejn hemm gwerra? Jien bi tnejn naf gwerer, tal-Ukrajna u ta' Gaża. Għalfejn tibqa' ssemmihom? Parassiti dawk. Ħadd m'għadu jsemmihom. Ħadd ma jrid jaf bihom." Miegħu ngħaqdu tnejn oħra. Resqet mara u b'ton jgħajjat qaltli li tibża' toħroġ barra billejl. "Jien għalija jaqbdu u jitfgħuhom kollha 'l barra." F'ħanut mimli nies jieħdu l-kafè u l-pastizzi, id-diskors malajr waqa' fuq l-immigranti. L-argument kien idur li fl-Afrika hemm il-paċi. Gwerer m'hemmx.

Meta tisma' dan tifhem kemm daħal l-argument populist li fil-pajjiżi minn fejn jiġu l-immigranti bla dokumenti m'hemmx gwerer. Hemm il-paċi. Rajna pereżempju kif meta waqa' l-President Assad fis-Sirja ħafna bdew imexxu l-argument li dawk li ħarbu fil-gwerra għandhom jintbagħtu lura, qisu kien hemm xi bakketta maġika u kollox tranġa u seħħet il-paċi.

Ejja ngħiduha kif inhi l-perċezzjoni, l-isterjotipi u r-razziżmu fostna qegħdin dejjem jiżdiedu. B'movimenti populisti jrewħu b'mod kontinwu u b'mod aggressiv, u b'min suppost jara li jiġġieled dan jibqa' litteralment sieket u jipprova jneħħi minn fuq l-aġenda l-kriżi tal-immigrazzjoni fil-Mediterran, mhix sorpriża li ssib min jaffrontak b'dan il-mod. Għax deffsuha f'moħħ il-poplu, li l-immigranti jaħarbu minn pajjiżhom għax m'hemmx paċi. U l-poplu jifhem li m'hemmx paċi tfisser gwerra. Suldati jisparaw kontra oħrajn. Tankijiet u missili. Bini mġarraf.

F'31 sena ġurnaliżmu, tkellimt u intervistajt ħafna immigranti. Kulħadd bi storja differenti. Tifhem ir-realtajiet. Tifhem li dik il-'paċi' li jkunu qegħdin ifittxu, li ħafna drabi nirreferu għaliha bħala 'it-tama għal ħajja aħjar', hi paċi oħra u li tmur lil hinn mid-definizzjoni simplistika li għandna f'moħħna ħafna minna u li nassoċjawha biss ma' kunflitti militari u bl-armi. Għalihom il-paċi tfisser ġustizzja. Sigurtà. Li jieħdu d-dinjità tagħhom lura. Li jgħixu ħajjithom. Il-libertà u l-ħelsien.

Fuq il-paċi u x'inhi eżatt kien tkellem b'mod ċar ħafna l-Papa Pawlu VI f'Diċembru tas-sena 1968. Definizzjoni li llum ninjorawha għax hekk hawn min jaqbillu. Jekk taqbad id-definizzjoni tiegħu u tpoġġiha f'ħajjet l-immigranti li jaħarbu, tifhem bla dewmien, għaliex il-ħarba. Għaliex dik il-perseveranza biex tagħmel il-vjaġġ. Biex tissogra ħajtek fuq il-baħar fuq biċċa qoxra. Li tafda lilek innifsek, kollok kemm int, f'idejn nies li ma tafhomx biex iqabbduk it-triq bir-riskji kollha u l-abbużi li dan iġib miegħu. Jagħmluha għax ma jkunux qed jaraw ebda alternattiva oħra fejn ikunu qegħdin jgħixu.

Il-Papa Pawlu VI, f'messaġġ li kien għamel, kien rabat flimkien il-promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem mal-paċi. Kien iddikjara b'mod ċar ħafna li biex il-bniedem ikun garantit id-dritt għall-ħajja, għal-libertà, għall-ugwaljanza, għall-kultura, għat-tgawdija tal-benefiċċji taċ-ċivilizzazzjoni, għad-dinjità personali u soċjali, il-paċi hija meħtieġa. Kien ċar ħafna u qal li meta l-paċi titlef l-ekwilibriju u l-effiċjenza tagħha, id-drittijiet tal-bniedem isiru prekarji u jiġu kompromessi. Kien qal li meta ma jkunx hemm paċi, id-dritt jitlef l-istatura umana tiegħu. Barra minn hekk, fejn id-Drittijiet tal-Bniedem ma jiġux rispettati, difiżi u promossi, fejn issir vjolenza jew frodi lil-libertajiet tal-bniedem, fejn il-personalità tiegħu tiġi injorata jew degradata, fejn jipprevalu d-diskriminazzjoni, il-jasar jew l-intolleranza, ma jistax ikun hemm paċi vera. Il-paċi u d-drittijiet huma reċiprokament kawża u effett, wieħed tal-ieħor: Il-paċi tiffavorixxi d-drittijiet, u d-drittijiet min-naħa tagħhom jiffavorixxu l-paċi.

U b'din it-tifsira ta' x'inhi l-paċi mill-Papa Pawlu VI nistgħu nifhmu eżatt u bla xkiel is-sitwazzjoni tal-immigranti u l-ħarba tagħhom. Ħafna politiċi biex joskuraw lill-immigranti jgħidulna f'dak il-pajjiż m'hemmx gwerer. Tistgħu tfittxu u taraw. Jgħidulna hekk għax ikunu qegħdin

jaraw tifsira simplistika għall-aħħar ta' x'inhi l-paċi – dik marbuta ma' kunflitti militari. Illum saru wkoll idaħħlulna l-frażi immigranti ekonomiċi. Jiġifieri qed jaħarbu biex isibu xogħol jew pagi aħjar. Din hi xi ħaġa li meta titkellem mal-immigranti ma ssibhiex bħala r-raġuni prinċipali. Ir-raġuni dejjem tkun marbuta ma' drittijiet, nuqqas ta' ġustizzja soċjali, diskriminazzjoni u skjavitù.

Il-ħarba u t-tluq għal għonq it-triq f'xi każi, iva, ikunu minħabba l-gwerer. F'każi oħra persekuzzjoni. Ma' dawn imma jkun hemm kwistjonijiet oħra marbutin mal-orjentazzjoni sesswali, mar-reliġjon, mal-etniċità, il-ħajja prekarja u l-iskjavitù li jkunu qegħdin jgħixu fih f'pajjiżi bħal-Libja u t-Tuneżija. Il-vjaġġ tal-immigranti hu tfittxija sħiħa u kontinwa għall-paċi fis-sens wiesa' tagħha. Li jgħixu bħal bnedmin oħra u jgawdu d-drittijiet tagħhom.

Allura għandek irġiel u nisa, tfal, żgħażagħ u anzjani li jitilqu għal għonq it-triq ifittxu post fejn jgħixu fil-paċi. Bil-għan li jsibuh, ħafna minnhom huma disposti jirriskjaw ħajjithom fi vjaġġ li fil-parti l-kbira tal-każi hu twil u perikoluż, jgħaddihom minn taħbit u tbatijiet, jaffrontaw kull tip ta' affarijiet quddiemhom. Ibda milli jafdaw ruħhom kompletament f'idejn nies li ma jafuhomx. Xi drabi nies bla skrupli ta' xejn li jieħdu l-okkażjoni u jabbużaw minnhom b'kull mod. Jiffaċċjaw il-famuż 'barbed wire' u ħitan imtellgħin biex iżommuhom imbiegħda mid-destinazzjoni tagħhom.

Jitilqu b'ta' fuqhom senduqhom u jaslu fl-Ewropa l-istess. Idejhom vojta.

Fl-esperjenza tiegħi magħhom, fl-intervisti li wettaqt, dawn in-nies mingħajr ma riedu wrewni xi ħaġa li forsi lanqas huma stess ma japprezzaw.

Dejjem rajt fihom li mhux minnu li jaslu b'idejhom vojta. Materjalment veru ma jkollhom xejn. Imma meta titkellem magħhom tinduna bil-kuraġġ li jkollhom. Il-perserveranza. Li minkejja kollox baqgħu jippruvaw. Niftakar f'dak l-immigrant li ttanta l-vjaġġ bil-baħar sitt darbiet mil-Libja sakemm ġabha żewġ. Ħames darbiet ġie interċettat u spiċċa fid-detenzjoni u bata t-tortura. Imma baqa' jipprova u jipprova. L-enerġija. Il-ħiliet. Fuq kollox l-aspirazzjonijiet – dik li jibdew ħajjithom mill-ġdid. Li jitħarrġu, biex jaħdmu. Tifhem fihom

li lesti jagħmlu kull sagrifiċċju biex jilħqu dik il-ħolma. Fuq kollox tagħraf fosthom l-ispirtu ta' solidarjetà. Lesti jgħinu 'l xulxin waqt il-vjaġġ.

Il-vjaġġi wasslu biex il-Mediterran sar ċimiterju. Mis-sena 1990 'l hawn hu kalkulat li aktar minn 50,000 persuna sabu qabarhom fil-Mediterran. Snin ilu kien hemm inizjattiva mit-Taljani u diversi pajjiżi msejħa Mare Nostrum li fiha kienu jieħdu sehem diversi bastimenti militari biex isalvaw l-immigranti li jkunu qegħdin jaqsmu. Maż-żmien iżda l-kurrent beda jimbotta aktar mhux lejn li jiġu salvati iżda li jinbnew il-ħitan.

Allura x'ġara? Dawn l-inizjattivi waqfu. Issaħħet ħafna aktar il-politika ta' deterrent. Dejjem kien hemm politika ta' deterrent għax kull min kien jasal wara dak il-vjaġġ u dak kollu li jiffaċċja, kien jispiċċa jiġi detenut għal xhur sħaħ. Maż-żmien minħabba mwiet fil-Mediterran, diversi għaqdiet non-governattivi bdew jidħlu b'bastimenti li jkunu xtraw biex iwettqu operazzjonijiet ta' salvataġġ. Maż-żmien bdejna naraw id-deportazzjonijiet. Il-pushbacks. Saru ftehim bejn l-Italja u l-Libja u dan bit-tama li jkunu kontrollati l-vjaġġi. Bdejna naraw il-Gwardji tal-Kosta Libjani jagħmlu interċettazzjonijiet. Wara dawn anki t-Tuneżini, għax it-tnejn li huma kienu megħjuna minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Bdejna naraw it-Taljani jissikkaw fuq il-bastimenti ta' ngo's. Għall-ewwel bdew jitrattjenu, ġieli anki ġimagħtejn biex jagħtu port sikur. Imbagħad bdew jagħtu port sikur 'il bogħod ħafna minn fejn ikun twettaq is-salvataġġ u dan biex joħloq pressjoni fuq ir-riżorsi tal-istess organizzazzjonijiet. Bdew isiru l-ispezzjonijiet abbord il-bastimenti. Ittieħdu proċeduri anki fil-qrati. Fejn jidħlu ċ-ċentru ta' kordinament, bdejna naraw li sfaxxaw fix-xejn il-koperazzjonijiet mal-organizazzjonijiet non-governattivi, b'każi kontinwi ta' sejħiet mill-ngo's ma jiġux imweġbin, waqt li ma tingħata ebda informazzjoni dwar sejħiet ta' salvataġġ. Din kienet politika ta' deterrent. Politika intiża li taqta' qalb lil dawk li jkunu se jagħmlu vjaġġ. Jafu li l-kelma tasal għax il-messaġġi jixxerrdu malajr u allura l-ħitan u l-politika ta' deterrent kellhom l-għan li jaqtgħu qalb l-immigranti.

L-ebda ħajt ma jwaqqaf dik il-forza li tfittex il-paċi u l-ġustizzja… ir-reazzjoni Ewropea tkun dik ta' bini ta' aktar ħitan.

L-esperjenza wriet li xejn ma jwaqqaf dik il-forza li jkollhom dawn in-nies fi tfittxija għall-ġustizzja, għal ħajja aħjar biex jgħixu ħajja bi drittijiet u fil-paċi. Ma nafx kemm-il darba għamiltilhom il-mistoqsija, mhux aħjar fuq l-art milli tipprova l-vjaġġ bil-baħar jew aktar min ġimgħa fi vjaġġ fid-deżert tas-Sahara bil-perikli kollha li dan iġib? Ir-risposta li tingħata hi li l-vjaġġ bil-baħar isir għax tħossok aktar sikur fuq dik id-daqsxejn ta' qoxra milli fuq l-art. L-istess il-vjaġġ fid-deżert. Kemm se ddum tistaħba f'pajjiż barrani? Kemm se ddum tħossok mhedded? Tiddeċiedi li tmur lejn post ieħor, 'il fuq, u taqsam id-deżert. Tħossok aktar sikur tagħmel dak il-vjaġġ, milli fejn tkun qiegħed tgħix.

U għalhekk in-numri ta' immigranti naqsu minn ammont ta' snin ilu, xorta waħda n-numri ta' dawk li jaqsmu baqa' għoli minkejja kull ħitan li saru, minkejja l-imwiet u l-miżuri ta' deterrent. U llum il-kuntest fl-Ewropa hu wieħed. Dak ta' kif se jissaħħu aktar il-ħitan. Il-pajjiżi Ewropej qegħdin jikkunsidraw deportazzjonijiet u esternalizzazzjoni biex irażżnu l-immigrazzjoni fost żieda qawwija fil-lemin estrem madwar il-kontinent.

Għandna sitwazzjoni fejn il-mexxejja tal-Unjoni Ewropea qegħdin jagħmlu pressjoni għal regoli aktar stretti dwar il-migrazzjoni. Il-pajjiżi Ewropej qegħdin dejjem aktar jissikkaw il-politika tal-migrazzjoni. Il-politiku jsibha komda li quddiem il-fallimenti tal-politika tiegħu, iwaħħal fl-immigranti. Saret faċli jipponta sebgħu lejn l-immigranti għal dak kollu li jkun sejjer ħażin. Politika ta' biża'. Politika li mhi tagħmel xejn għajr iżżid ir-razziżmu u l-perċezzjonijiet kontra dawn il-persuni. U waqt li jagħmlu hekk, igawdu dawk tal-lemin estrem. Rajna kif fl-elezzjonijiet fis-snin 2024 u l-2025 partiti tal-lemin estrem u kontra l-migrazzjoni jikbru fil-popolarità.

Quddiem dan u minħabba l-mod kif bdew jitilfu l-appoġġ, diversi gvernijiet bdew jieħdu miżuri drastiċi. Il-pajjiżi Ewropej żiedu l-kontrolli fuq il-fruntieri, ħadu passi kontra gruppi ta' kuntrabandu u esternalizzaw l-ipproċessar tal-ażil, filwaqt li l-leġiżlaturi tal-Unjoni Ewropea approvaw riforma kbira tal-politika tal-ażil biex jippruvaw inaqqsu l-wasliet irregolari. Il-miżuri l-ġodda se japplikaw mis-sena 2026. Miżuri li huma kritikati mill-partiti tal-lemin li qegħdin jgħidu li ma jmorrux 'il bogħod biżżejjed.

Mill-banda l-oħra gruppi għad-drittijiet umani jiddikjaraw li hemm riskju akbar ta' detenzjoni arbitrarja u ripatrijazzjonijiet lejn pajjiżi fejn dawk li qed ifittxu ażil huma f'riskju ta' vjolenza jew priġunerija inġusta.

U ma tridx tkun għaref wisq biex tinduna x'se jiġri minkejja dawn il-miżuri kollha. Rajnieha ssir u m'hemmx dubju li se terġa' ssir. Jinbidlu ir-rotot. Jinstabu rotot ġodda. Aktarx ikunu aktar perikolużi u itwal. Dan hu l-effett li jħallu l-bini ta' ħitan fuq il-fruntieri biex nagħmlu fortizza Ewropea. Is-soluzzjoni dejjem hi waħda. Kurituri umani. Solidarjetà fuq il-fruntieri. L-umanità għandha tirbaħ fuq kull konsiderazzjoni oħra.

# Ir-rwol tar-reliġjonijiet għall-paċi: xkiel jew opportunità?

Dr André P. DeBattista

Ir-reliġjon – jew ir-reliġjonijiet – huma ta' spiss akkużati li huma kawża ta' diviżjoni u xkiel għall-paċi. Storikament, issir referenza għall-Kruċjati tal-Medju Evu u l-Gwerer tar-Reliġjonijiet ġewwa Franza. Fi żmien eqreb lejn tagħna, isiru wkoll referenzi għall-kunflitti bejn gruppi differenti, fosthom il-Kattoliċi u l-Protestanti fl-Irlanda ta' Fuq u l-estremiżmu f'isem ir-reliġjon f'bosta pajjiżi tal-Lvant Nofsani iżda wkoll f'pajjiżi oħra bħall-India, Sri Lanka u Burma.

Ir-realtà hija iktar kumplessa minn hekk. Apparti dan, hemm bosta paradossi. Fosthom, hemm il-fatt li kull reliġjon titkellem dwar il-paċi; imma jekk dan hu minnu, għax hemm tant kunflitti li jsiru taħt il-kappa tar-reliġjon, tant li din taf tidher bħala ostaklu għall-paċi?

**Il-konflitti fl-istorja**

Hemm bosta konflitti li jissemmew fl-istorja li huma assoċjati mar-reliġjon. Fost dawn hemm il-famużi Kruċjati ta' bejn is-seklu ħdax u tlettax. Imma anki dawn għandhom bżonn jitpoġġew fil-kuntest storiku tagħhom.

Pereżempju, il-"Kruċjati" jitpinġew minn kritiċi tal-Knisja bħala gwerer li kienu xprunati mill-Knisja biex tikseb aktar poter u terġa' tirkupra l-postijiet imqaddsa fil-Lvant Nofsani li kienet tilfet, speċjalment il-belt qaddisa ta' Ġerusalemm. Fil-Konċilju ta' Clermont, f'Novembru tal-1095, il-Papa Urbanu II kien ħabbar li jekk raġel jagħmel vjaġġ lejn Ġerusalemm biex jeħles il-Knisja mjassra, dan jitqies bħala penitenza għal dnubietu. Dan il-vjaġġ kellu jkun imqanqal mid-devozzjoni, u mhux mir-reputazzjoni jew xewqa għall-qligħ finanzjarju.[1] Iżda dan il-kuntest jfiehmu tajjeb l-istoriku Christopher Dawson li jgħid li hu

impossibbli tissepara l-istorja politika minn dik ekkleżjastika. Dan minħabba li, kunflitti bħall-Kruċjati kienu *prima facie* għall-ġid tar-reliġjon – imma kienu wkoll immottivati minn *forma mentis* li kienet tħares lejn is-salvazzjoni tal-erwieħ bħala l-għan finali li jiżboq kollox. Naturalment, dawn il-kunflitti wasslu wkoll għal ċaqliq fid-dinamiċi tal-poter u fl-istrutturi ekonomiċi.

L-istess il-famuża *Thirty Years War* – il-Gwerra ta' Tletin Sena – li seħħet bejn l-1618 u l-1648. Il-figuri tal-imwiet f'din il-gwerra jvarjaw bejn 4.5 miljun sa 8 miljun ruħ li mietu kemm fil-ġlied kif ukoll fil-kawżi soċjo-politiċi tal-ġlied bħall-ġuħ u mard. Wara r-Riforma Protestanta, il-Paċi ta' Augsburg tal-1555 ippruvat taqsam s-Santu Imperu Ruman fi stati Kattoliċi u Luterani. Iżda l-espansjoni tal-Protestantiżmu lill hinn minn dawn il-fruntieri pperikolaw din il-paċi. Iżda, minkejja li r-reliġjon taf tidher bħala l-kawża primarja, ma jfissirx li hekk kien. Pereżempju, għalkemm Franza kienet pajjiż Kattoliku mmexxija mill-Kardinal Armand Jean du Plessis – magħruf bħala l-Kardinal Richelieu[2] – hija ma qagħditx lura milli tagħti l-appoġġ tagħha lil stati Protestanti, bħar-Repubblika Olandiża, fil-ġlieda tagħhom kontra d-dinastija Kattolika tal-Habsburg li kienet tiggverna s-Sagru Imperu Ruman, Spanja u pajjiżi oħra. B'hekk, dan jista' jitqies bħala konflitt li, nominalment kien jidher bħala wieħed reliġjuż, iżda, minflok kellu motivazzjonijiet oħra – fosthom dawk ekonomiċi, politiċi u dinastiċi. F'dan il-kuntest, id-diskors u n-narrativa reliġjuża ġew użati bħala pretest biex jiġġustifikaw il-vjolenza u jiksbu l-appoġġ meħtieġ.

Studjużi bħal Pecknold u Cavanaugh jipproponu teżi li treġi f'dan il-kuntest: il-gwerer tar-reliġjon ma kinux bejn Kattoliċi u Protestanti, imma kienu ġlieda "fuq il-fdalijiet immermrin tal-ordni ekkleżjali medjevali" li wasslu għall-bidu ta' formazzjoni politika ġdida tal-istat-nazzjon – għalkemm b'mod primittiv ħafna minn kif nafuh illum. L-*elites* f'din ir-realtà politika emerġenti xprunaw ir-reliġjon bħala xi ħaġa privata li m'għandiex x'taqsam mal-istat, iżda li fl-istess ħin hija wkoll ta' "interess nazzjonali". B'hekk inqered kompletament l-ordni medjevali fejn l-awtoritajiet ċivili kellhom jirrispondu għal dak ekkleżjastiku. Issa, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi saru funzjoni oħra tal-istat.[3]

Li forzi politiċi jinqdew b'awtoritajiet ekkleżjastiċi hija xi ħaġa li narawha llum ukoll. Pereżempju, id-diviżjonijiet bejn ir-Russja u l-Ukrajna mmanifestaw ruħhom qabel l-invażjoni tar-Russja fl-24 ta' Frar tal-2022 proprju fi ħdan il-Knisja Ortodossa wara r-rikonoxximent tal-Knisja Ortodossa fl-Ukrajna bħala Knisja autoċefala.[4] It-talba għal dan ir-rikonoxximent ġiet proprju wara li l-Parlament Ukren adotta riżoluzzjoni f'Ġunju tal-2016 biex il-Patrijarka ta' Kostantinopoli jirrikonoxxi l-autoċefalija tal-Knisja fl-Ukrajna. Moska, min-naħa tagħha, ma setgħetx taċċetta dan u ssospendiet kull tip ta' rabta ma' Kostantinopoli. Min-naħa tiegħu, il-Patrijarka Kirill ta' Moska bena relazzjoni simbjotika mal-President Vladimir Putin, tant li dan sejjaħlu "miraklu minn Alla." Fi stqarrija, l-istess Patrijarka qal li lanqas fi żmien l-Imperu Russu ma kien hemm Gvern li seta' jitqies bħala "*equal partner*" mal-Knisja.[5] Dan jaf juri wkoll xi paralleli mal-ideoloġija Imperjalista tat-Tsar Nikola I li kienet ibbażata fuq it-tliet pilastri tal-Ortodossija, l-Awtokrazija u n-Nazzjonaliżmu.

Huwa impossibbli li wieħed jagħti riassunt tal-konflitti kollha li jitqiesu bħala konflitti tar-reliġjon. Madankollu, din il-ħarsa ħafifa ttina tliet ħjiel importanti ħafna dwar dan is-suġġett:

1. Li konflitti li nsejħulhom "reliġjużi" għandhom dimensjonijiet ekonomiċi, politiċi u etniċi.

2. Li r-reliġjon għandha lingwaġġ b'saħħtu li jista' jagħti dimensjoni metafiżika lill-konflitti li mhumiex u li huma immotivati purament minn ambizzjonijiet territorjali jew ekonomiċi.

3. Li s-sottomissjoni tar-reliġjon lejn il-poter tal-istat hija l-ikbar theddida kemm għall-fidi kif ukoll għall-ordni ta' paċi li l-istati suppost iġibu imma li dejjem fallew bl-ikrah biex imantnu.

## Il-mit tal-vjolenza reliġjuża?

F'din il-kitba, wieħed ma jistax ma jagħmilx referenza għall-istudju superlattiv ta' William T. Cavanaugh, "The Myth of Religious Violence." Huwa jieħu d-diċerija popolari fil-Punent li tgħid li r-reliġjon għandha tendenza li tippromwovi l-vjolenza. Din hija fehma li llum hija predominanti f'bosta mkejjen u hija wżata kemm biex tiġġustifika l-fatt li l-knejjes m'għandhomx ikollhom rwol pubbliku, kif ukoll biex

tippromwovi tibdil fir-reġimi f'bosta mkejjen tad-dinja fosthom fil-Lvant Nofsani. Il-ħsieb hu li jekk tneħħi r-reliġjon, il-paċi tiġi b'mod awtomatika peress li din hija għodda ta' firda.

Skont Cavanaugh, din l-attitudni bħala "mit". Huwa jgħid li huwa impossibbli però li tissepara dak li huwa reliġjuż minn dak li hu ekonomiku jew politiku b'tali mod li l-motivazzjonijiet ta' vjolenza ma jkunux attribwiti lejn ir-reliġjon. Cavanaugh jistaqsi, pereżempju, kif jista' wieħed jissepara l-politika minn mar-reliġjon fl-Iżlam meta ħafna Musulmani ma jagħmlux distinzjoni simili. L-argument tiegħu hu li s-separazzjoni bejn ir-reliġjon u l-politika hija invenzjoni moderna tal-Punent. Huwa jispjega wkoll li l-Kristjaneżmu għandu wkoll iġorr ir-responsabbilità tiegħu. Il-fidi Nisranija mhux sett ta' duttrina imma parti minn l-esperjenza storika mgħejxa. Huwa jirrikonoxxi wkoll li l-knejjes Insara huma xi kultant kompliċi fil-leġitimizzazzjoni tal-gwerer li jsiru min-naħa ta' armati nazzjonali.[6]

Minkejja dan kollu, huwa jargumenta li ma jaqbilx mal-fehma li hemm differenza bejn ir-reliġjonijiet fuq naħa u l-ideoloġiji sekolari – bħan-Nazzjonaliżmu, il-Marxiżmu, il-Kapitaliżmu u l-Liberaliżmu – fejn tidħol il-vjolenza. Anzi, huwa jemmen li l-ideoloġiji sekolari huma iktar "assolutisti, diviżivi u irrazzjonali" mir-reliġjonijiet.[7]

Essenzjalment, allura, dawn il-gwerer huma riżultat ta' kif kien eżerċitat il-poter pubbliku. Għalkemm in-narrattivi moderni jweħħlu fil-poter ekkleżjastiku għal ħafna gwerer storiċi, naraw ukoll ċaqliq ta' dak li jitqies sagru mill-Knisja għall-Istat. Waħda mill-konklużjonijiet ta' Cavanaugh hija ċara: "Ostensibly, the holy was separated from politics for the sake of peace; in reality, the emerging state appropriated the holy to become itself a new kind of religion."[8]

Cavanaugh jgħid li hija wkoll konvenjenti għall-Punent kontemporanju li jmexxi din in-narrattiva li r-reliġjon twassal għall-gwerra. Dan minħabba li tagħti poteri lill-istati biex jadottaw politika partikolari. Pereżempju, fl-Istati Uniti, din intużat biex indirettament tissanzzjona ċertu politika domestika u internazzjonali. Minn lat domestiku, hija għenet biex issaħħaħ in-narrattiva kontra t-talb pubbliku fl-iskejjel, kontra l-iskejjel parrokkjali u favur aderenza lejn l-istat-nazzjon fuq kull identità oħra. Minn lat ta' politika barranija, din tintuża biex tkompli tmexxi ċertu preġudizzju lejn

attitudnijiet li huma differenti minn tal-Punent – pereżempju, fil-Punent hemm preġudizzju lejn pajjiżi Musulmani għax dawn ma jippruvawx iwaqqfu s-sentimenti reliġjużi fil-pubbliku bħalma jsir f'pajjiżi bħall-Istati Uniti u r-Renju Unit.[9]

Cavanaugh jasal għall-konklużjoni importanti ħafna. L-argumenti dwar ir-reliġjon u l-vjolenza mhux argumenti li huma "anti-reliġjon" imma "anti-reliġjon pubblika." Dan jidher anki f'dawk il-pajjiżi li jikkunsidraw ruħhom reliġjużi – bħall-Istati Uniti – imma li fl-istess ħin jaraw is-sekularizzazzjoni tal-politika bħala karatteristika ta' soċjetà ċivili u razzjonali. Fl-istess waqt, fl-istess pajjiżi, soċjetajiet Musulmani jidhru "strambi" minħabba li m'hemmx separazzjoni bejn il-politika u r-reliġjon.[10] Kmiec jagħmel punt f'essay tiegħu dwar is-sekulariżmu: "For many Muslims, secularism, especially in its exclusionary guise, is practically the equivalent of atheism. As described earlier, secularism cannot mean the same thing for Muslims that it does for Europeans, or even more broadly for Americans, since there is no equivalent of rendering unto Caesar what is Caesar's in Muslim theology."[11]

Minkejja dan, wieħed ma jistax jinjora l-fatt li hemm drabi fejn ir-reliġjon taf twassal għall-imġiba mhux xierqa. Fil-ktieb *Salt of the Earth*, il-Kardinal Ratzinger (wara Benedittu XVI) jagħmel osservazzjoni f'waqtha:

"Religions can also make it harder for man to be good. This can happen even in Christianity because of false ways of living the Christian reality, sectarian deformations, and so forth. In this sense, in the history and universe of religions, there is always a great necessity to purify religion so that it does not become an obstacle to the right relation to God but in fact puts man on the right path."[12]

Din l-osservazzjoni hija kruċjali biex wieħed jirrispondi l-mistoqsija li tqanqlet fil-bidu ta' din il-kitba – ir-rwol tar-reliġjonijiet għall-paċi: xkiel jew oppurtunità?

## Xkiel jew opportunità?

F'Diċembru tal-1999 – lejliet Ġublew u fil-bidu ta' millenju ġdid, il-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi mmexxija dakinhar mill-Kardinal Joseph Ratzinger, ħarġet dokument f'waqtu li jġib l-isem

"Memory and Reconciliation: the Church and the Faults of the Past." Fost it-temi li jitratta hemm dik tal-"purifikazzjoni tal-memorja" li għandha l-għan li teħles kuxjenzi personali u kollettivi minn kull forma ta' riżentiment u vjolenza li huma l-legat ta' żbalji tal-passat, permezz ta' evalwazzjoni mill-ġdid minn lenti storika u teoloġika. Dan il-proċess mhux marbut biss mal-għarfien ta' min għandu ħtija, iżda wkoll għandu jwassal għar-rikonċiljazzjoni. U dan il-proċess mhux marbut biss mal-passat minħabba li l-kwistjonijiet tal-passat għad għandhom effett fuq il-preżent.[13]

Dan l-eżerċizzju, skont l-istess test, għandu jsir mill-Knisja mifhuma fis-sens l-aktar wiesgħa tagħha. Dan ifisser li l-Knisja mhix biss l-istituzzjoni jew il-kommunjoni spiritwali ta' dawk li jippruvaw jgħixu l-veritajiet tal-fidi. Minflok, il-Knisja hija mifhuma bħala l-ġemgħa tal-imgħammdin li huma viżibbli fl-istorja taħt id-direzzjoni tar-ragħajja tagħhom u li huma magħqudin fl-Ispirtu li jagħti l-ħajja. Il-Knisja, li tgħaqqad l-uliedha kollha ta' kull żmien, hija wkoll l-unika Omm tal-Grazzja li tieħu fuqha t-toqol tal-passat biex tippurifika l-memorja u tgħix it-tiġdid tal-qalb u tal-ħajja skont ir-rieda t'Alla.[14]

L-att tal-"purifikazzjoni tal-memorja" huwa wkoll meqjus bħala att li jigglorifika lil Alla peress li, li wieħed jgħix f'ubbidjenza lejn il-Verità Divina iwassal biex wieħed jistqarr in-nuqqasijiet u jafda fil-ħniena u l-ġustizzja ta' Alla. Id-dokument jispjega:

> "The '*confessio peccati*,' sustained and illuminated by faith in the Truth which frees and saves ('*confessio fidei'*), becomes a '*confessio laudis'* addressed to God, before whom alone it becomes possible to recognize the faults both of the past and of the present, so that we might be reconciled by and to him in Christ Jesus, the only Saviour of the world, and become able to forgive those who have offended us."[15]

Din hija parentesi importanti ħafna biex titwieġeb il-mistoqsija inizjali dwar ir-reliġjon bħala xkiel jew opportunità. Biex fid-dinja tal-lum, ir-reliġjon tkun opportunità, trid l-ewwel tirrikonoxxi l-bżonn tal-maħfra t'Alla u tkun onesta mal-passat fil-kumplessitajiet

u l-isfumaturi kollha tiegħu. Mingħajr "purifikazzjoni tal-memorja", ir-rikonċiljazzjoni ssir diffiċli ħafna.

It-tieni punt – u dak l-iktar kruċjali – huwa li r-reliġjon jew il-fidi għandhom bżonn ir-raġuni bħal mar-raġuni għandha bżonn il-fidi. Wieħed minn l-iktar diskorsi importanti kien dak li Papa Benedittu XVI ta fl-Università ta' Regensburg fejn tkellem fuq "Il-Fidi, ir-Raġuni u l-Università." Huwa jikkwota djalogu ta' Manuel II Palaiologos[16] li f'diskussjoni ma' interlokutur Persjan, jitkellem kontra l-konverżjonijiet reliġjużi li jseħħu permezz tal-vjolenza, peress li dawn imorru kontra r-raġuni. Il-vjolenza hija inkompatibbli kemm man-natura t'Alla u kemm man-natura tar-ruħ. Huwa jikkwota l-Imperatur biex juri li Alla mhux kuntent bid-dmija u, meta wieħed ma jħaddimx ir-raġuni, ikun qed imur kontra n-natura t'Alla – li hu *logos* (kelma u raġuni). Għalhekk, biex wieħed iwassal lil ħaddieħor lejn il-fidi ma jistax juża l-forza u l-armi, imma għandu jkollu l-kapaċità li jitkellem b'mod raġjonevoli, mingħajr vjolenza u mingħajr theddid.[17]

Ifisser ukoll li l-fidi u r-raġuni m'humiex theddida għal xulxin. Għalhekk, mhux talli l-fidi mhux xkiel għal paċi, imma hija wkoll opportunità li mingħajra ma' jistax ikun hemm djalogu favur il-paċi. Fid-diskors ta' Regensburg, Benedittu XVI kompla jisħaq fuq prinċipju kruċjali: hemm bżonn ta' djalogu ġenwin bejn il-kulturi u r-reliġjonijiet. L-esklużjoni tal-affarijiet tal-fidi, f'ċertu ċirkostanzi, jafu jidhru bħala attakk kontra l-konvinzjonijiet l-aktar profondi tal-persuni. Huwa jisħaq b'mod kategoriku: "ir-raġuni li hi truxa għal dak li hu divin, u li tirrelega r-reliġjon fid-dinja tas-sottokulturi, hija inkapaċi li tidħol fi djalogu bejn il-kulturi."[18]

Fl-enċiklika *Caritas in Veritate* il-Papa Benedittu XVI huwa iktar emfatiku fl-analiżi tiegħu; mhux talli r-reliġjon hija opportunità għall-paċi, imma "ir-reliġjon Nisranija u reliġjonijiet oħra jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom għall-iżvilupp biss jekk Alla jingħata post fl-isfera pubblika, b'referenza speċifika għaddimensjonijiet kulturali, soċjali, ekonomika u l-aktar nett politika tagħha."[19] Dan minħabba li "l-esklużjoni tar-reliġjon mill-ambitu pubbliku, bħalma fl-estrem l-ieħor jagħmel ilfundamentaliżmu reliġjuż, ittellef il-laqgħa bejn il-persuni u l-kollaborazzjoni tagħhom favur il-progress tal-umanità."[20]

Għal Benedittu XVI, l-ikbar għedewwa tal-paċi huma s-sekulariżmu u l-fundamentaliżmu peress li dawn "jeskludu l-possibbiltà ta' djalogu għammiel u l-kooperazzjoni effettiva bejn ir-raġuni u t-twemmin reliġjuż."[21]

Madanakollu, dan ma jfissirx li l-fidi tista' topera – jew għandha timxi – mingħajr ma' tkun imsoffija. Huwa jisħaq li "ir-raġuni dejjem teħtieġ tissaffa bil-fidi: dan hu minnu wkoll għar-raġuni politika, li ma għandhiex tqis lilha nfisha setgħana fuq kollox. Min-naħa tagħha, ir-reliġjon dejjem teħtieġ tissaffa bir-raġuni biex turi l-wiċċ uman veru tagħha. Il-ksur ta' dan id-djalogu jissarraf fi prezz kbir wisq għall-iżvilupp tal-bniedem."[22]

Fl-ambitu politiku, wieħed jista' jieħu spunt minn dan il-kliem ta' Papa Benedittu XVI. Il-politika teħtieġ kemm il-fidi kif ukoll ir-raġuni biex tkun mezz ta' paċi u mhux ta' firda. Mingħajr raġuni, l-politika ssir fundamentaliżmu, mingħajr fidi issir ideoloġija pura; mingħajr fidi u raġuni ssir domma mmexxija minn interessi mmexxija mill-kilba għal poter u l-interessi personali. Il-fidi u r-raġuni fil-politika jwasslu għall-għarfien li hemm dimensjonijiet li jmorru oltre dawk utilitarji – jitfgħu il-ħarsa ta' min jieħu d-deċiżjonijiet fuq dawk l-affarijiet li huma essenzjali fil-ħajja imma li ta' spiss jintesew fit-treġija għal poter, fosthom id-dinjità ta' kull bniedem, u s-sakralità tal-ħajja.

Minkejja dan, wieħed irid jirikonoxxi li hemm perikli serji. Meta il-politika tinqeda bil-fidi, taf toħloq diviżjonijiet bla bżonn u ssarraf fit-tkissir tal-istess fidi li tgħid li qed tipprova tissalvagwardja. Dan jaf joħloq settarjaniżmu vjolenti bħal ma' wieħed kien jara fl-Irlanda ta' Fuq. Meta l-politika tieħu r-raġuni bħala l-assolut, taf toħloq inġustizzji ġodda bħalma wieħed kien jara fl-Unjoni Sovjetika, fejn r-razzjonaliżmu xjentifiku kien jiżboq kull kunsiderazzjoni oħra u l-bniedem isir biss oġġett biex jintlaħqu għanjiet ekonomiċi u politiċi.

F'dan l-isfond, allura, hemm bilanċ delikat li jrid jintlaħaq propju biex il-fidi tkompli tkun mezz ta' għaqda u mhux ta' firda – bilanċ delikat, iżda mhux impossibbli.

## Noti

1. T. Holland (2009). *Dominion: The Making of the Western Mind*. London: Little, Brown, p. 217
2. Armand Jean du Plessis, Kardinal Richelieu (1585–1642), kien statista Franċiż u kardinal li serva bħala ministru ewlieni għar-Re Louis XIII mill-1624 sal-mewt tiegħu. Magħruf għall-istrateġija politika, huwa iċċentralizza l-poter fi Franza, saħħaħ il-monarkija, u naqqas l-influwenza tan-nobbli u l-Ugnoti. Richelieu kellu rwol ewlieni fil-Gwerra tat-Tletin Sena, meta allinja lil Franza ma' poteri Protestanti biex jikkontrobilanċja d-dominanza tal-Habsburg. Patrun tal-arti u fundatur tal-Académie Française, kien figura kumplessa, ammirata għall-intelliġenza tiegħu, imma magħruf ukoll għall-ħruxija tiegħu fil-mod ta' kif iggverna.
3. C.C. Pecknold (2010). *Christianity and Politics: A Brief Guide to the History*. Eugene OR: Cascade, p. 114-115.
4. Autoċefalu (bl-Ingliż a*Autocephalous*) - terminu użat primarjament fid-dinja Ortodossa biex jiddeskrivi knisja jew djoċesi li hija awtonoma u mmexxija minn kap indipendenti, mingħajr ma tkun taħt il-ġurisdizzjoni ta' awtorità ekkleżjastika ogħla esterna.
5. TASS Russian News Agency (31 January 2019). *Church and state equal partners 'for the first time in history', says Russian Patriarch*. Online: https://tass.com/society/1042720 (sit aċċessat 27 ta' Settembru 2025).
6. W.T. Cavanaugh (2009). *The Myth of Religious Violence: Secular Ideology and the Roots of Modern Conflic*t. Oxford: Oxford University Press, pg. 5-6.
7. Ibid., p. 6
8. Ibid., p. 11.
9. Ibid., p. 12.
10. Ibid., p. 12.
11. D.W. Kmiec and G.J. Adler (ed.) (2015). *Secularism, Catholicism, and the Future of Public Life.* New York: Oxford University Press, p. 83.
12. J. Ratzinger (1997). *Salt of the Earth: The Church at the End of the Millennium*. San Francisco: Ignatius Press, p. 24.
13. International Theological Commission (1999*). Memory and Reconciliation: The Church and the Faults of the Past*. Online: https://www.vatican.va/roman_curia/congregations/cfaith/cti_documents/rc_con_cfaith_doc_20000307_memory-reconc-itc_en.html (sit aċċessat 27 ta' Settembru 2025).

14. Ibid.
15. Ibid.
16. Manuel II Palaiologos (1350–1425) kien imperatur Biżantin li rrenja minn l-1391 sal-mewt tiegħu. Quddiem theddid kostanti mill-Imperu Ottoman, ħadem biex isaħħaħ l-imperu Biżantin permezz ta' diplomazija u alleanzi. Ivvjaġġa fl-Ewropa tal-Punent, inkluż fl-Ingilterra u Franza, biex ifittex għajnuna kontra l-Ottomani, iżda kiseb ftit appoġġ. Magħruf għall-ħila letterarja tiegħu, kiteb ittri, poeżiji, u trattati teoloġiċi. Minkejja l-isforzi tiegħu, ma setax iwaqqaf id-deklin tal-imperu, iżda baqa' magħruf għall-għerf u d-determinazzjoni tiegħu.
17. Pope Benedict XVI (12 September 2006). *Faith, Reason and the University: Memories and Reflections*. Online: https://www.vatican.va/content/benedict-xvi/en/speeches/2006/september/documents/hf_ben-xvi_spe_20060912_university-regensburg.html (sit aċċessat 27 ta' Settembru 2025).
18. Ibid. Diskors oriġinali: "A reason which is deaf to the divine and which relegates religion into the realm of subcultures is incapable of entering into the dialogue of cultures".
19. Benedittu XVI (29 ta' Ġunju 2009). *Caritas in Veritate*, n. 56. Verżjoni Maltija online: https://www.laikos.org/bxvi_carita-in-veritate_29062009.htm (sit aċċessat 27 ta' Settembru 2025).
20. Ibid., n. 56.
21. Ibid., n. 56.
22. Ibid., n. 56.

# Il-gwerra ġusta fil-ħsieb Kattoliku

Dr Daniel Darmanin

## Introduzzjoni

Il-Knisja Kattolika ilha kważi mit-twaqqif tagħha titqabad mad-dilemma morali tal-gwerra. Filwaqt li l-paċi hija l-ideal li l-Vanġelu jsejħilna għalih, id-dinja li ngħixu fiha hija maqsuma bil-vjolenza u il-kunflitt. B'reazzjoni għal dan, il-Knisja matul is-sekli żviluppat it-Teorija tal-Gwerra Ġusta. Din hija qafas morali biex jivvaluta jekk u meta l-użu ta' forza jista' jkun permessibli. Imnissla fit-teoloġija, il-filosofija u l-esperjenza mgħixa, din it-tradizzjoni tfittex li tagħmel limitazzjonijiet etiċi stretti fuq il-gwerra, dejjem bl-għan ta' rikonċiljazzjoni, paċi u ġustizzja.

Madankollu, l-istorja tal-bniedem turina li l-applikazzjoni ta' din it-teorija qatt ma hu sempliċi. Dak li jidher ċar fit-teorija spiss jidher imċajpar fid-dinja reali. Dan l-artiklu jesplora l-bidu ta' Teorija tal-Gwerra Ġusta fil-ħsieb Kattoliku, jivvaluta l-applikazzjoni tagħha f'xi kunflitti u jirrifletti fuq it-tensjoni morali bejn il-prinċipji tagħha u d-dgħufija tal-bniedem quddiem il-vjolenza.

## I. Il-bidu u l-iżvilupp storiku tat-teorija tal-gwerra ġusta fil-ħsieb Kattoliku

It-Teorija tal-Gwerra Ġusta għandha l-għeruq tagħha fil-kitbiet klassiċi, imma kien il-Kristjaneżmu li ta żvilupp teoloġiku u morali aktar profond. Hekk kif il-Knisja bikrija nbidlet minn minorità persegwitata għar-reliġjon uffiċjali marbuta mal-poter imperjali, il-ħassieba nsara kellhom jispjegaw il-bżonn tal-gwerra f'dinja imperfetta.

Fis-sekli 4 u 5, Santu Wistin kien fost l-ewwel teoloġi li beda jifformula teorija għal-gwerra ġusta. Hu ħadem biex jgħaqqad il-

bżonn ta' mħabba u paċi mal-irwol tal-istat li jipproteġi l-ordni u l-ġustizzja.

Skont Santu Wistin, il-gwerra tista' tkun tassew ġusta jekk għandha l-għan li tirrestawra l-paċi u tikkoreġi l-inġustizzji. Hu enfasizza l-intenzjoni retta – l-użu ta' forza m'għandux joħroġ minn rieda jew xewqa ta' vendetta, imma mir-rieda li jiġu mwaqqfa l-inġustizzji u terġa' tissawwar l-armonija. Huwa insista wkoll li awtorità legittima biss (bħall-Istat) tista' tħabbar gwerra. Il-vendetta privata m'għandhiex post fl-etika nisranija. L-ideat ta' Santu Wistin kienu l-bażi għal struttura aktar sistematika mfassla aktar tard minn San Tumas t'Akwinu.

Fis-seklu 13, San Tumas, fis-*Summa Theologica*, iddefinixxa tliet kundizzjonijiet essenzjali, biex il-gwerra tkun waħda ġusta:

1. **Awtorità leġittima** – Awtoritajiet kostitwiti leġittimament biss jistgħu jibdew gwerra.
2. **Każ ġust** – Il-gwerra trid tikkonfronta periklu ċar, bħal difiża minn aggressjoni jew korrezzjoni ta' inġustizzja serja.
3. **Intenzjoni tajba** – L-għan finali għandu jkun il-promozzjoni tal-ġid jew l-evitar ta' ħsara.

Kriterji oħra ġew żviluppati:

- **L-aħħar riżors** – Għandhom jiġu esplorati l-alternattivi paċifiċi kollha, qabel tinbeda gwerra.
- **Proporzjonalità** – Il-ħsara u l-ispejjeż ma jistgħux jaqbżu l-ħsara indirizzata.
- **Possibbiltà raġonevoli ta' suċċess** – Il-gwerra ma għandhiex tinbeda jekk se twassal għal tixrid inutli ta' demm (għax ma jkollhiex ir-riżultat mixtieq).

Dan il-qafas ma kienx maħsub biex jiġġustifika l-gwerer, imma biex jipprovdi limitazzjonijiet morali stretti.

Fil-perjodu ta' wara dawn il-prinċipji ġew adottati minn bosta studjużi fid-dinja ta' dak iż-żmien magħmula prinċiparjament minn stati mmexxija minn prinċpijiet u rejiet kollha taħt il-kappa tal-Papa. Iżda maż-żmien, bil-ħolqien ta' stati ġodda, bl-iżviluppi fl-ideoloġiji u kif ukoll fl-armi, l-applikazzjoni ta' dawn it-teoriji beda jsir kull ma jmur aktar kumpless.

Il-Konċilju Vatikan II permezz ta' *Gaudium et Spes* (1965) afferma mill-ġdid, l-impenn għall-paċi, filwaqt li għaraf id-dritt ta' gvern li jipproteġi ċ-ċittadini tiegħu. Id-dokument isejjaħ ukoll lill-Kattoliċi biex ikunu ħaddiema tal-paċi u biex jirrikonoxxu l-konsegwenzi devastanti tal-gwerra, speċjalment fl-era nukleari.

Din il-bidla hija parti minn żvilupp usa' li jidher fit-tagħlim tal-Knisja minn Pacem in Terris (1963), fejn il-Papa Ġwanni XXIII enfasizza l-paċi permezz tal-ġustizzja, id-drittijiet, u d-djalogu internazzjonali. Maħruġa fid-dell tal-Gwerra Bierda u l-Kriżi tal-Missili Kubani, l-enċiklika ħeġġet id-diżarm u wissiet dwar il-perikli morali tal-gwerra moderna. Kif kiteb Ġwanni XXIII, "Għaldaqstant, il-ġustizzja, ir-raġuni u s-sens tad-dinjità umana jitolbu b'qawwa li titwaqqaf din it-tiġrija tal-armamenti; ... u li jsir fl-aħħar nett diżarmament" (Pacem in Terris). Għalkemm mhux trattat formali dwar Gwerra Ġusta, immarka żvolta sinifikanti fl-enfasi – mill-ġustifikazzjoni tal-gwerra għall-bini tal-paċi.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (1992) jikkodifika l-kriterji tradizzjonali għal gwerra ġusta (ara CCC 2309) iżda jqegħidhom f'sejħa usa' għall-paċi, l-iżvilupp uman integrali, u d-djalogu. Madankollu, f'dawn l-aħħar deċennji, il-Papiet esprimew xettiċiżmu dejjem jikber dwar il-vijabbiltà prattika tat-teorija fid-dinja kontemporanja.

Il-Papa Franġisku, b'mod partikolari, iddubita jekk it-Teorija tal-Gwerra Ġusta tistax tiġi applikata b'mod sinifikanti llum. Fl-enċiklika tiegħu tal-2020, *Fratelli Tutti*, huwa jgħid:

> "illum diffiċli ħafna nibqgħu nħaddnu l-kriterji razzjonali li waslu għalihom fi żminijiet oħra biex tkellmu fuq il-possibbiltà ta' 'gwerra ġusta'" (*Fratelli Tutti*, 258).

Huwa jenfasizza li l-gwerra spiss hija l-falliment tal-politika, triq li tħalli d-dinja f'qagħda agħar minn qabel. F'diversi diskorsi, huwa tenna dan il-ħsieb, u wissa li l-gwerra moderna – bit-tbatija sproporzjonata tan-nies ċivili, il-qerda teknoloġika, u l-motivi mċajpra tagħha – tagħmilha kważi impossibbli li jintlaħqu l-kundizzjonijiet morali previsti mit-tradizzjoni. Din l-evoluzzjoni fit-tagħlim Kattoliku ma tabbandunax għalkollox it-Teorija tal-Gwerra Ġusta, iżda tirrifletti għarfien prattiku: fi żmienna, l-akbar urġenza morali tista' ma tkunx fil-ġustifikazzjoni tal-gwerra, iżda fil-prevenzjoni tagħha.

## II. L-applikazzjoni fl-istorja riċenti

Għalkemm it-Teorija tal-Gwerra Ġusta toffri prinċipji morali ċari, l-applikazzjoni ta' dawk il-prinċipji fid-dinja reali rriżultat ferm aktar diffiċli. Kull kunflitt iseħħ f'xibka ta' motivi politiċi, informazzjoni mhux kompluta, u tbatija umana li tirreżisti ġudizzji morali sempliċi. Minkejja dan, l-istorja riċenti tipprovdi studji ta' każ importanti fejn mexxejja Kattoliċi, teoloġi u lajċi rrikorrew għall-prinċipji tal-Gwerra Ġusta biex jevalwaw il-leġittimità – jew l-illeġittimità – tal-gwerra.

### It-Tieni Gwerra Dinjija

It-Tieni Gwerra Dinjija spiss titqies bħala l-aktar eżempju modern ċar ta' "gwerra ġusta". Ir-rispons tal-Alleati għall-aggressjoni, il-ġenoċidju u l-ambizzjoni imperjali tal-Ġermanja Nazista jilħaq ħafna mill-kriterji klassiċi tal-Gwerra Ġusta:

• Kawża ġusta: Id-difiża ta' nazzjonijiet taħt attakk, u l-protezzjoni ta' ċivili innoċenti minn sterminju tal-massa.

• Awtorità leġittima: Il-gwerra ġiet iddikjarata minn stati sovrani.

• Intenzjoni retta: L-għan kien li tingħeleb it-tirannija u terġa' tiġi stabbilita l-paċi.

• L-aħħar rimedju: L-isforzi diplomatiċi kienu fallew.

• Proporzjonalità u suċċess: Għalkemm swiet ħafna, il-gwerra fl-aħħar intrebħet, u l-Ewropa ġiet liberata.

Madankollu, anke din il-gwerra tqajjem mistoqsijiet morali serji. Il-bumbardamenti mifruxa fuq popolazzjonijiet ċivili fil-Ġermanja u l-Ġappun, bħal bumbardament ta' Dresden u l-bombi atomiċi fuq Hiroshima u Nagasaki, ġebbdu – jew kisru għalkollox – il-prinċipju tal-proporzjonalità. L-immirar intenzjonat taċ-ċivili jmur direttament kontra t-tagħlim Kattoliku dwar l-immunità ta' dawk li mhumiex kombattenti. Dawn l-atti, għalkemm forsi strateġiċi f'sens militari, qanqlu dibattitu etiku dejjiemi fi ħdan il-Knisja.

### Il-gwerra tal-Iraq (2003)

B'kuntrast, l-invażjoni tal-Iraq tal-2003, immexxija mill-Istati Uniti, kienet opposta bil-qawwa minn mexxejja Kattoliċi madwar id-dinja, inkluż il-Papa Ġwanni Pawlu II, li għamel appelli ripetuti kontra

l-intervent militari. Il-gwerra kienet ġustifikata mill-proponenti tagħha bħala forma ta' awtodifiża preventiva, bażata fuq l-allegat theddida ta' armi tal-qerda tal-massa (li qatt ma nstabu). Madankollu, skont l-istandards tal-Gwerra Ġusta, ir-raġunament falla fuq diversi fronti:

• Nuqqas ta' kawża ġusta: It-theddida kienet spekulattiva u mhux verifikata.

• Awtorità dubjuża: Il-gwerra ma kellhiex kunsens internazzjonali wiesa' jew mandat tan-Nazzjonijiet Uniti.

• Nuqqas li kienet l-aħħar rimedju: Ħafna argumentaw li l-għażliet diplomatiċi ma kinux ġew eżawriti għalkollox.

• Konsegwenzi sproporzjonati: Il-gwerra rriżultat f'telf kbir ta' ħajjiet ċivili, iddistabbilizzat ir-reġjun, u xewxet il-vjolenza settarja għal snin sħaħ.

L-oppożizzjoni Kattolika ma kinetx limitata għall-Vatikan. Il-Konferenzi Episkopali f'ħafna pajjiżi kkundannaw il-gwerra qabel u wara li faqqgħet. Dan serva bħala tfakkira serja ta' kif it-Teorija tal-Gwerra Ġusta tista' tiġi manipulata – jew sempliċement injorata – fit-tfittxija ta' għanijiet nazzjonali jew ideoloġiċi.

**L-Ukrajna (2022-): gwerra difensiva**

L-invażjoni Russa tal-Ukrajna fl-2022 reġgħet qajmet diskussjonijiet globali dwar il-gwerra ġusta. F'dan il-każ, id-difiża tal-Ukrajna hija meqjusa b'mod wiesa' – fi ħdan ir-raġunament morali Kattoliku – bħala waħda li taqa' fil-limiti ta' gwerra ġusta:

• Aggressjoni ċara minn qawwa barranija;

• Dritt leġittimu ta' awtodifiża taħt il-liġi internazzjonali u t-tagħlim Kattoliku;

• Għanijiet li jipproteġu lill-innoċenti u jiddefendu s-sovranità.

Minkejja dan, il-mexxejja tal-Knisja, inkluż il-Papa Franġisku, enfasizzaw ripetutament li anke difiża ġustifikata trid tkun immoderata bi sforzi lejn il-paċi, id-de-eskalazzjoni, u t-tħassib umanitarju. Il-Papa Franġisku kkundanna l-invażjoni għalkollox, iżda wissa wkoll kontra li l-gwerra tingħata l-fuel permezz tal-eskalazzjoni tal-armi, filwaqt li sostna li l-vjolenza faċilment taħrab mil-kontroll morali. Il-messaġġ tiegħu huwa konsistenti: anke fl-aktar ċirkostanzi ġustifikati, il-gwerra

hija traġedja, u l-isfida morali vera hija li jinbnew strutturi ta' djalogu u solidarjetà li jipprevjenu kunflitti bħal dawn milli jinqalgħu.

### III. Konklużjoni: Bejn prinċipju u prattika

It-Teorija tal-Gwerra Ġusta tirrappreżenta wieħed mill-aktar tentattivi serji u sfumati fi ħdan it-tradizzjoni morali Kattolika biex tikkontempla r-realtà terribbli tal-gwerra. Hija tfittex li trażżan il-vjolenza, tipproteġi lill-innoċenti, u żżomm lill-poter politiku responsabbli lejn il-liġi morali. Il-prinċipji tagħha – awtorità leġittima, kawża ġusta, intenzjoni retta, proporzjonalità, u l-aħħar rimedju – għandhom l-għeruq tagħhom fi tħassib profond għall-ġustizzja u l-paċi. Madankollu, fil-prattika, iċ-ċarezza ta' dawn il-kriterji spiss tinħall fiċ-ċpar tal-kunflitt tad-dinja reali. Il-gwerer qatt ma huma nodfa. Huma msawra mill-ambizzjoni, il-biża', l-informazzjoni skorretta, il-propaganda, u l-kaos tad-deċiżjonijiet umani taħt pressjoni. Anke dawk li jippretendu li għandhom ġustifikazzjoni morali jistgħu jaġixxu b'motivi mħallta jew ifallu fl-eżekuzzjoni. It-tbatija taċ-ċivili, il-qerda tal-ambjent, u l-instabbiltà fit-tul ħafna drabi huma konsegwenzi inevitabbli, anke fi gwerer li jistgħu jissodisfaw il-kriterji formali. Dawn ir-riżultati ma jistgħux jiġu injorati jew skużati moralment sempliċement għax gwerra ġiet meqjusa bħala "ġusta". Barra minn hekk, kif enfasizzaw il-Papa Franġisku u oħrajn, in-natura li dejjem tinbidel tal-gwerra moderna – theddid nukleari, attakki ċibernetiċi, gwerer bi prokura, u terroriżmu – għamlet l-applikazzjoni tat-Teorija tal-Gwerra Ġusta dejjem aktar diffiċli. L-armi tal-lum jistgħu jikkawżaw qerda fuq skala li tagħmel il-kunċett ta' rispons proporzjonat kważi bla sens. U f'dinja mimlija narrattivi konfliġġenti u interessi ġeopolitiċi, anke l-identifikazzjoni ta' "kawża ġusta" vera hija mimlija diffikultà. Iżda forsi l-aktar għarfien profond minn perspettiva Kattolika huwa dan: aħna lkoll midinbin. L-ebda nazzjon, ideoloġija, jew individwu ma jista' jippretendi li għandu raġun morali assolut. Jekk neżaminaw qlubna u l-istorja tagħna b'onestà, spiss insibu li aħna wkoll ikkontribwejna – direttament jew indirettament – għall-kundizzjonijiet li jwasslu għall-kunflitt. Kemm jekk permezz ta' deċiżjonijiet politiċi, strutturi ekonomiċi, jew indifferenza għall-inġustizzja, rarament inkunu spettaturi innoċenti. Din il-kuxjenza m'għandhiex tipparalizzana iżda

għandha ssejħilna għal aktar umiltà u responsabbiltà. Tisfidana biex naħdmu aktar għall-paċi – mhux biss billi nevalwaw il-gwerer wara li jibdew, iżda billi ninvestu fid-diplomazija, il-ġustizzja, l-edukazzjoni u s-solidarjetà ferm qabel ma tfaqqa' l-vjolenza. Is-sejħa Kattolika mhijiex biss li ssir gwerra b'mod ġust, iżda li tinbena paċi li tagħmel il-gwerra mhux meħtieġa. Fl-aħħar mill-aħħar, dak jista' jkun l-aktar kompitu morali urġenti u diffiċli minn kulħadd.

# Il-Papiet u s-sejħa għall-paċi

Fr Raymond Gatt OP

Matul dawn l-aħħar sittin sena l-Papiet qatt ma waqfu jsejħu lill-ġnus biex fid-dinja tirrenja l-għaqda u l-paċi. Il-mexxejja tal-Knisja Kattolika, fit-tagħlim tagħhom dejjem telqu mill-perspettiva biblika fejn Alla ħalaq kollox u ra li kollox kien tajjeb ħafna u fil-paċi (Ġen 1:4,10,18,21,25,31). L-aħħar Papiet fil-ħidma tagħhom favur il-paċi kollha saħqu li din trid tkun il-frott tal-ġustizzja u l-imħabba.Temi oħra trattati matul dawn is-snin biex il-paċi tintlaħaq fil-prattika kienu: id-difiża leġittima, id-dmir tal-protezzjoni tal-innoċenti, id-diżarmament, il-kundanna tat-terroriżmu, l-importanza tal-fraternità fost il-ġnus, l-ekonomija li tgħin lill-fqar u li jkun hemm miżuri kontra dawk li jheddu l-paċi biex din tkun difiża.

## I

L-enċiklika 'Pacem in Terris'[1] tal-Papa Ġwanni XXIII[2] kienet l-ewwel dokument papali li tratta fid-dettall it-tema tal-paċi fi żmien meta d-dinja tas-sittinijiet bdiet tistejqer mid-diżastru tat-Tieni Gwerra Dinjija u fl-istess ħin nibtet il-gwerra bierda bejn l-Oċċident u l-Unjoni Sovjetika. Għalhekk din l-enċiklika filwaqt li tevalwa s-sitwazzjoni storika-soċjali hija tipproponi t-tagħlim kattoliku biex mill-ġdid issir ħidma għall-paċi. Ġwanni XXIII isemmi l-bżonn li jkun hemm ordni internazzjonali, li jkun hemm interdipendenza tan-nazzjonijiet b'mod speċjali fis-setturi ekonomiċi u xjentifiċi, li tingħata iktar importanza l-komunikazzjoni bejn il-ġnus meta jinqala' d-diżgwid u li jiġi mħares il-ġid komuni.[3] Imma qabel kollox il-paċi trid l-ewwel tixxettel f'kull bniedem u dan iseħħ meta kull persuna timxi mal-pjan ta' Alla u jagħraf il-valuri spiritwali tal-verità, il-ġustizzja, l-imħabba u l-libertà.[4] Għal

Ġwanni XXIII il-paċi tista' tiġi milħuqa għaliex hija don li ngħata lid-dinja mill-Prinċep tal-Paċi u li kull bniedem hu responsabbli li jaħdem għaliha fl-isferi kollha li jgħix fihom.

Il-Konċilju Vatikan II[5] kompla bis-sejħa għall-paċi li għamel Ġwanni XXIII permezz tal-Kostituzzjoni Pastorali 'Gaudium et Spes'. F'dan id-dokument l-isqfijiet kollha tad-dinja miġbura fil-Vatikan, irriflettew u ddiskutew fuq il-missjoni tal-Knisja fid-dinja u semmew il-problemi l-aktar urġenti. Huma ħassew li jiddedikaw il-kapitlu 5 fuq 'Il-Ħidma għall-Paċi u l-Bini tal-Komunità tal-Ġnus'.[6] L-isqfijiet fakkru fil-kruha tal-gwerer meta kitbu: *'Kull għemil ta' gwerra li jfittex bla għażla l-qerda ta' bliet sħaħ jew ta' reġjunijiet kbar flimkien man-nies li jgħammru fihom huma delitt kontra Alla u kontra l-istess bniedem, u għandu jkun ikkundanat bil-qawwa u bla tlaqqiq'*.[7] Fl-istess ħin iħeġġu għall-għaqda fost il-bnedmin għaliex *'il-paċi qatt mhi ħaġa miksuba għal dejjem imma għandha tinbena l-ħin kollu… it-tfittxija tal-paċi titlob it-trażżin tal-passjonijiet minn kull bniedem u ħarsien tal-awtorità leġittima'*.[8]

## II

Minħabba l-importanza tal-paċi fid-dinja, l-Papiet minn Pawlu VI[9] sal-lum, f'kull l-ewwel jum tas-sena bdew joħorġu messaġġi li jħeġġu lill-ġnus kollha biex fid-dinja tgħammar l-għaqda u l-paċi. Filfatt kien il-Papa Pawlu VI li fl-1 ta' Jannar tal-1968 ħareġ l-ewwel messaġġ fl-ewwel Jum Dinji tal-Paċi u fih stqarr li *'l-bnedmin dejjem iridu jitkellmu fuq il-paċi… id-dinja trid tkun edukata li tħobb il-paċi, tibniha u tiddefendiha… għaliex hi kemm neċessarja u mhedda'*.[10] Papa Montini jiġbed l-attenzjoni fuq dawk il-kawżi li jistgħu iwasslu għal gwerra jiġifieri in-nazzjonaliżmu, it-tiġrija tal-armamenti, il-provokazzjonijiet rivoluzzjonarji, il-mibegħda razzjali u l-ispirtu ta' vendetta. Huwa jerġa' jagħmel l-enfasi kif għamel il-Papa ta' qablu li *'aħna għandna inxettlu fin-nies ta' żmienna u tal-ġenerazzjonijiet futuri is-sens u l-imħabba għall-paċi mibnija fuq il-verità, il-ġustizzja, il-libertà u l-imħabba'*.[11]

Papa Ġwanni Pawlu II[12] li matul il-pontifikat tiegħu ġera d-dinja kollha jwassal messaġġ ta' għaqda fost il-popli, fil-Messaġġ fil-Jum

Dinji tal-Paċi tal-1984 stqarr li *'l-paċi hija verament dgħajfa'*.[13] Huwa kien qiegħed isegwi s-sitwazzjonijiet ta' gwerra li kien hemm bejn l-Iran u l-Iraq, fil-Bosnja-Herzegovina u dak li kien qiegħed jiġri fis-Sudan. Huwa baqa' jtambar fuq il-fatt li *'li l-gwerra qatt ma' tgħin il-komunità umana, li l-vjolenza teqred u qatt ma tibni, li l-feriti li tikkawża jdumu wisq biex ifiqu, u bħala riżultat tal-kunflitti l-kundizzjoni diġà prekarja tal-fqar tkompli tmur għal-agħar b'tali mod li jidhru forom oħra ta' faqar'*.[14]

Il-Papa Benedittu XVI[15] kompla fuq il-passi tal-Papiet ta' qablu. Fil-messaġġ tiegħu tal-jum Dinji tal-Paċi tal-2009 huwa jiġbed l-attenzjoni kif ċerti stati b'mod eċċessiv jonfqu l-flus fuq l-armamenti bil-konsegwenza li jkun hemm nuqqas ta' żvilupp, disperazzjoni, instabbiltà, tensjoni u kunflitti. Għal Papa Ratzinger il-paċi mhijiex ħolma jew utopija imma hija possibli. Huwa jgħid li kull bniedem, mara u raġel, ġew maħluqa fuq ix-xbieha ta' Alla u huma msejħa biex jibnu dinja ġdida.[16] Għalih il-bniedem tal-paċi huwa dak li skont il-beatitudni ta' Kristu, ifittex il-ġid ta' l-ieħor, il-milja tat-tajjeb fil-ġisem u r-ruħ, illum u għada.[17] Il-paċi hija prinċipalment it-twettiq tal-ġid komuni fis-soċjetà fil-livelli kollha tagħha. Dan jimplika r-rispett lejn il-ħajja umana ibda mill-bidu sat-tmiem tagħha.[18] Il-persuni veri tal-paċi huma dawk li jħobbu, jiddefendu u jippromovu l-ħajja umana fid-dimensjonjiet kollha tagħha. Dak li jħobb il-paċi qatt ma jista' jittollera l-attakki u l-qtil tal-ħajja umana.[19]

## III

L-iktar Papa li tkellem fuq l-importanza tal-Paci matul it-tnax-il sena tal-pontifikat tiegħu kien il-Papa Franġisku.[20] Mill-bidunett Papa Bergoglio juri li s-sejħa għall-paċi fid-dinja kienet se tkun it-tema prinċipali tal-missjoni tiegħu. Fl-Eżortazzjoni Appostolika 'Evangelii Gaudium' (2013) huwa jikteb: *'Il-Knisja xxandar "il-vanġelu tas-sliem" (Efes 6:15) u hi miftuħa għall-kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali kollha biex tieħu ħsieb dan il-ġid universali hekk kbir'*.[21] Huwa qatt ma waqaf permezz tal-kelma, bil-kitba, bl-azzjonijiet u bil-vjaġġi appostoliċi, u saħansitra fil-jum qabel ma miet fil-messaġġ tiegħu tal-Għid il-Kbir[22],

jitlob lill-mexxejja dinjija biex iwarrbu l-armi u jduru lejn id-djalogu.

Ħafna kienu d-drabi fejn Papa Franġisku iddenunċja l-industrija tal-armi u kkundanna lil dawk li japprofitaw ruħhom mill-gwerer. B'mod pożittiv huwa stqarr li: *'Ir-rispons tagħna għandu jkun dak tat-tama u l-fejqan, tal-paċi u l-ġustizzja. Aħna mitlubin li bil-kuraġġ u l-intelliġenza niffaċċjaw u nsolvu l-kriżijiet ġeopolitiċi u ekonomiċi. Anki fid-dinja żviluppata, jidhru l-effetti ta' strutturi u azzjonijiet inġusti. L-isforzi tagħna jridu joħolqu t-tama, jirranġaw il-ħażin, iżommu l-impenji u jippromovu l-benesseri tal-individwi u l-popli. Irridu nimxu 'l quddiem flimkien, magħqudin, fi spirtu mġedded ta' fraternità u solidarjetà, f'koperazzjoni ġeneruża għall-ġid komuni'.*[23]

Il-Papa Arġentin dejjem baqa' qrib lejn dawk li qed ibatu u kienet prijorità għalih l-insistenza biex tinqered l-vjolenza globali. Quddiem il-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina, huwa wera kemm kien qrib lejn dawn in-nies għax baqa' jikkomunika mal-membri tal-komunità Kattolika ġewwa l-Palestina sal-aħħar ta' ħajtu meta kien l-isptar. Matul il-Ġublew tat-Tama ċċelebrat matul is-sena 2025, Papa Franġisku ppriedka mhux biss biex ma jkunx hemm gwerer imma li jirrenjaw il-ġustizzja, id-djalogu u l-fraternità, għad-dinja li hija ta' kulħadd u mhux tal-ftit, u dawk li għandhom il-ħafna qatt ma jinsew lil dawk li għandhom il-ftit.

Il-fraternità hija tema li tant kien iħobb Papa Bergoglio, u għalih din hija l-pedament tal-paċi. Filfatt huwa jitkellem fit-tul fuq din it-tema fl-enċiklika 'Fratelli Tutti'.[24] Huwa jiġbed l-attenzjoni fuq dak li qed iseħħ fid-dinja: *'Dawn is-sitwazzjonijiet ta' vjolenza qed ikomplu jimmultiplikaw f'ħafna reġjuni tad-dinja, tant li ħadu l-fattizzi ta' dik li nistgħu nsejħulha t-tielet gwerra dinjija miġġielda biċċa biċċa'*.[25] Ma' dan huwa jsemmi kemm nies qegħdin jitilqu pajjiżhom minħabba s-sitwazzjoni diżastruża ta' pajjiżhom: *'Il-migranti jitqiesu li ma jistħoqqilhomx biżżejjed li jieħdu sehem fil-ħajja soċjali bħal ħaddieħor, u ninsew li għandhom l-istess dinjità intrinsika ta' kull persuna. Għalhekk huma għandhom ikunu protagonisti tal-istess fidwa tagħhom'*.[26]

Il-fraternità trid tkun il-pedament tal-paċi. Huwa jkompli jellabora u jgħid: *'Ma nistgħux ma ngħidux li x-xewqa u t-tiftixa tal-ġid tal-oħrajn u tal-umanità kollha jitolbu minna wkoll li nħabirku għall-maturazzjoni tal-persuni u tas-soċjetajiet fid-diversi valuri morali li jwasslu għal żvilupp uman sħiħ'*.[27] Papa Franħisku jħeġġeġ li l-ħidma għall-paċi trid tkun bla waqfien: *'Ma hemmx punt finali fil-bini tal-paċi soċjali ta' pajjiż, għax din hi ħidma bla tmiem u teħtieġ l-impenn ta' kulħadd'*.[28]

F'messaġġ li ta l-Papa Ljun XIV[29] lill-Mexxejja Reliġjużi f'laqgħa ta' talb li saret fil-Colosseo fit-28 ta'Ottubru 2025, bħal Papiet ta' qablu kompla jisħaqq fuq il-bżonn li jkun hemm djalogu biex jiġu mirbuħa l-kunflitti fost il-ġnus miġġeldin. Huwa sostna: *'Iva, id-djalogu, in-negozjati u l-koperazzjoni jwasslu biex jiġu indirizzati u jsolvu it-tensjonijiet li jqumu f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt… Anki jekk id-dinja tagħlaq widnejha għal dan l-appell, aħna ċerti li Alla jisma' t-talba tagħna u l-għajta ta' dawk il-ħafna li qed ibatu. Alla jrid dinja mingħajr gwerra. Huwa se jeħlisna minn dan il-ħażen!'*[30]

Minn dan kollu l-impenn tal-Papiet għall-promozzjoni tal-paċi kien kontinwu mill-1963 sal-lum. Quddiem it-theddid li ma jaqta' xejn kontra l-paċi, il-Knisja Kattolika permezz tal-mexxejja tagħha ipperseverat fil-missjoni tagħha li taħdem favur il-paċi kemm fuq il-livell personali, nazzjonali u internazzjonali. Il-Papiet elenkaw fid-diversi interventi tagħhom kemm bil-kliem, bil-kitba u bil-preżenza tagħhom il-kundizzjonijiet li jsaħħu u jpoġġu l-paċi fil-prattika. Kull Papa ħadem bil-mod tiegħu biex iwassal lid-dinja messaġġ ta' paċi, imnebbaħ mit-talba ta' San Franġisk: *'Mulej agħmilni strument tal-paċi tiegħek.'*

## Noti

1. Il-Papa Ġwanni XXIII ħareġ din l-enċiklika fil-11 ta' April tal-1963.
2. Mexxa l-Knisja Kattolika bejn is-snin l-1958 u l-1963.
3. Għal aktar informazzjoni ara *The Concept of Peace in Pope John XXIII* ta' Paul Cremona OP, Dominican Publication, Malta, 1988.
4. Ara Papa Ġwanni XXIII, *Pacem in Terris*, nru.39.
5. Tlaqqa' bejn l-1962 u l-1965 fil-Vatikan, Ruma.

6. Konċilju Vatikan II, *Gaudium et spes*, nru.77-90. Dan id-dokument ġie promulgat fis-7 ta' Diċembru, 1965.
7. Ibid. nru.80.
8. Ibid. nru.78.
9. Mexxa l-Knisja Kattolika bejn is-snin 1963 u 1978.
10. Papa Pawlu VI, *Messaġġ fl-Ewwel Jum Dinji tal-Paċi*, 1 ta' Jannar 1968.
11. Ibid.
12. Mexxa l-Knisja Kattolika bejn is-snin 1978 u 2005.
13. Papa Ġwanni Pawlu II, *Messaġġ fil-Jum Dinji tal-Paċi*, 1 ta' Jannar 1984.
14. Ibid. *Messaġġ fil-Jum Dinji tal-Paċi*, 1 ta' Jannar 1993, nru.4.
15. Mexxa l-Knisja Kattolika bejn is-snin l-2005 u l-2013.
16. Papa Benedittu XVI, *Messaġġ fil-Jum Dinji tal-Paċi*, 1 ta' Jannar 2013, nru.3.
17. Ibid.
18. Ibid.
19. Ibid.
20. Mexxa l-Knisja Kattolika bejn is-snin 2013 u 2025.
21. Papa Franġisku, *Evangelii Gaudium,* nru.239.
22. L-Għid il-Kbir ġie ċċelebrat fl-20 ta' April 2025. Il-kuntest ta' dan l-aħħar messaġġ *Urbi et Orbi* kien il-gwerra kontinwa bejn ir-Russja u l-Ukrajna u Iżrael u l-Palestina.
23. Ara d-diskors li Papa Franġisku għamel lill-Kungress Amerikan fl-24 ta' Settembru 2015.
24. Ara Papa Franġisku, *Fratelli Tutti*, 3 ta' Ottubru 2020.
25. Ibid. nru.25.
26. Ibid. nru.39.
27. Ibid. nru.112; ara Papa Franġisku, *Messaġġ fil-Jum Dinji tal-Paċi*, 1 Jannar 2014, nru.4.
28. Ara *Fratelli Tutti,* nru.232.
29. Beda t-tmexxija tal-Knisja Kattolika fit-18 ta' Mejju 2025.
30. Ara Papa Ljun XIV, *Messaġġ lill-Mexxejja Reliġjużi miġburin fil-Colosseo,* Ruma, 28 ta' Ottubru 2025.

## Biblijografija


Cremona Paul, *The Concept of Peace in Pope John XXIII*, Dominican Publication, Malta, 1988.

Konċilju Vatikan II, *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II,* Edizzjoni Studia, Moviment Azzjoni Socjali, Malta, 1982.

Papa Benedittu XVI, *Messaġġ fil-Jum Dinji tal-Paċi*, 2013.

Papa Franġisku, *Evangelii Gaudium (Il-Ferh tal-Vangelu)*. Pubblikazzjonijiet Dumnikani, Malta, 2014.

_____________, *Messaġġ fil-Jum Dinji tal-Paċi*, 2014.

_____________, *Fratelli Tutti*, 2020.

Papa Ġwanni XXIII, *Pacem in Terris*, 1963.

Papa Ġwanni Pawlu II., *Messaġġ fil-Jum Dinji tal-Paċi*, 1984.

______________ *Messaġġ fil-Jum Dinji tal-Paċi*, 1993.

Papa Ljun XIV, *Messaġġ lill-Mexxejja Reliġjużi fil-Colosseo*, Ruma, 2025.

Papa Pawlu VI, *Messaġġ fil-Jum Dinji tal-Paċi*, 1968.

Pontifical Council for Justice and Peace, *Compendium of the Social Doctrine of the Church*, Libreria Editrice Vaticana, Città del Vaticano, 2004.

# KONTRIBUTURI KNISJA 2000

## *Ħarġa Numru 154*

**Fr Ivan Attard OP** twieled f'Ħaż-Żebbuġ fl-1 ta' Marzu tal-1977. Ipprofessa fl-Ordni Dumnikan fl-1997 u sar saċerdot fl-2003. Huwa studja l-Filosofija fl-Università ta' Malta (1997-2000) u t-Teoloġija f'Bologna, l-Italja (2000-03). Imbagħad huwa kompla l-istudji tiegħu fl-Università San Tommaso d'Aquino (Angelicum) f'Ruma fejn kiseb il-Baċċellerat, il-Liċenzjat u d-Dottorat (2025) fix-Xjenzi Socjali. Huwa ħadem fil-missjoni tad-Dumnikani fl-Albanija u bħalissa huwa l-Promutur tal-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi tal-Ordni Dumnikan għal Ewropa u għal Malta. Fr Attard huwa *visiting lecturer* fid-Dipartiment tal-Public Policy fl-Università ta' Malta u jgħix fil-kunvent tal-Madonna ta' Fatima fi Gwardamanġa.

**Prof. Carmel Borg** jgħallem fil-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta. Il-ħidma tiegħu tiffoka fuq il-ġustizzja soċjali, id-demokrazija u l-edukazzjoni kritika. Huwa awtur u editur ta' bosta pubblikazzjonijiet akkademiċi dwar il-politika edukattiva u l-edukazzjoni tul il-ħajja. Borg huwa wkoll attiv f'inizjattivi li jxettlu l-edukazzjoni inklużiva u trasformattiva. Huwa għallem u rriċerka f'diversi Universitajiet Ewropej.

**Prof. Trevor Calafato** jgħallem fid-Dipartiment tal-Kriminoloġija fil-Fakultà tas-Social Wellbeing fl-Università ta' Malta. Fid-Dottorat tiegħu huwa ħadem fuq il-kitba ta' Lombroso fejn jidħlu s-sigurtà u t-terroriżmu fuq l-iskala Ewropea. Calafato jinteressawh fir-riċerka tiegħu l-oqsma tas-sigurtà, it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni. Huwa ħadem u għandu esperjenza bħala probation officer.

**Dr Daniel Darmanin** iggradwa bl-unuri mill-Università ta' Malta fl-2007 fl-Arkitettura u ħadem mal-Architecture Project u d-Dipartiment tal-Kuntratti qabel ma fetaħ l-uffiċċju tiegħu. Daniel dejjem kellu għal qalbu l-ġustizzja soċjali u l-iżvilupp sostenibbli, u kompla b'suċċess l-istudji tiegħu permezz ta' Masters fil-Ġustizzja Soċjali u l-Iżvilupp tal-Komunità mill-Università ta' Loyola f'Chicago. Minn età żgħira huwa kien involut fis-settur tal-Volontarjat u serva diversi rwoli fil-komunità kemm fuq bażi parrokkjali u anki Djoċesana. F'Settembru tal-2017 huwa nħatar mill-Arċisqof Scicluna bħala l-President tal-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi. Fl-2018 ġie elett bħala membru fil-kunsill eżekuttiv tal-Konferenza tal-Kummissjonijiet Ewropej għall-Ġustizzja u Paċi.

**Dr Andrè P. DeBattista** twieled fid-9 ta' Mejju tal-1987. Huwa lettur fl-Istitut tal-Istudji Ewropej fl-Università ta' Malta u riċerkatur fil-qasam tal-politika, il-ħajja pubblika u r-relazzjonijiet internazzjonali. Huwa artikolista regolari fil-gazzetti *The Times of Malta* u *Il-Leħen.* Bejn l-2009 u l-2011 ħadem fil-qasam tar-relazzjonijiet pubbliċi. Fl-2013

ifforma parti minn tim ta' riċerka fi ħdan is-Segretarjat tal-Commonwealth f'Londra. Bejn l-2018 u l-2020 għallem ukoll fl-Istitut tal-Formazzjoni Pastorali tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

**Fr Raymond Gatt OP** twieled il-Belt Valletta fl-1966, ingħaqad mal-Patrijiet Dumnikani fl-1983 u ġie ordnat presbiteru fl-1993. Huwa studja l-Filosofija, is-Soċjoloġija u l-Psikoloġija (1986-89) u t-Teoloġija (1989-92) fl-Università ta' Malta u wara kompla l-istudji tiegħu fl-*Institute Catholique de Toulouse* fi Franza fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija fl-1994. Huwa serva f'diversi uffiċċji fl-Ordni Dumnikan kemm f'Malta u anki għal xi żmien fl-Albanija. Huwa ilu editur tar-rivista *Knisja 2000* sa mill-1994. Bħalissa huwa qiegħed iwettaq il-ħidma pastorali tiegħu fil-knisja ta' Sidtna Marija tal-Għar fir-Rabat, u huwa membru tal-Kunsill Presbiterali tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

**Dr Michael Grech** hu minn Ħal Għargħur u lettur fid-Dipartiment tal-Istudji tal-Edukazzjoni fil-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta. Huwa għallem fil-Junior College għal iktar minn għoxrin sena. Michael ħadem ukoll f'komunitajiet terapewtiċi u korrettivi. Hu awtur ta' diversi kotba u g ħal xi żmien kien jikteb b'mod regolari fil-gazzetti u jieħu sehem f'forom oħra ta' media.

**Prof. Carmen Sammut** hija l-Prorettur għall-Affarijiet tal-Istudenti u l-Impjegati u l-Kuntatt mal-Komunità fl-Università ta' Malta. Hija għandha d-Dottorat fil-Media u l-Komunikazzjoni minn Goldsmiths College, l-Università ta' Londra. Sammut tinteressaha r-riċerka u t-tagħlim fil-ġurnaliżmu, fil-komunikazzjoni internazzjonali, il-komunikazzjoni politika u l-istudji tal-ġeneru. Matul il-perjodu 2017-20 hija mexxiet kumitat tekniku biex tiżdied il-preżenza tan-nisa fil-Parlament Malti. Imbagħad fis-snin 2022-23 Sammut kienet appuntata mill-Gvern f'kumitat ta' esperti tal-media biex isiru riformi legali f'dan is-settur. Fl-2021 hija serviet bħala Kap tal-Public Broadcasting Services.

**Victor Vella** għal dawn l-aħħar wieħed u tletin sena ħadem bħala ġurnalist mal-gazzetti *L-Orizzont* u *It-Torċa.* Fost l-aktar oqsma li jinteressawh apparti l-politika lokali u dik internazzjonali hemm il-qasam soċjali. Fil-perjodu li ilu ġurnalist kiteb diversi stejjer u kellu sensiliet b'tema soċjali. Mis-sena elfejn 'l hawn segwa mill-qrib il-kwistjoni tal-immigrazzjoni b'għadd ta' intervisti mal-immigranti nfushom.

**Prof. Patricia Vella de Fremeaux** hija l-Kap tad-Dipartiment tal-Liġi Internazzjonali fl-Università ta' Malta. Hija ggradwat fil-Liġi mill-Università ta' Malta u mill-Università ta' Oxford. Hija għandha d-Dottorat mill-IMO International Maritime Law Institute. Vella de Fremeaux għandha diversi pubblikazzjonijiet kemm lokali u anki barra fosthom *Migrant Smuggling by Sea* (Brill/Nijhoff 2020). Hija ġiet mistiedna f'diversi istituzzjonijiet fosthom l-University of Maine, University of Ferrara, u l-Meditarranean Academy of Diplomatic Studies. Hija konsulenta u membru ta' diversi advisory boards internazzjonali u l-Viċi President tal-ILA, Malta Branch.

KNISJA elfejn

## Il-Volumi ppubblikati s'issa

1 L-Evanġelizzazzjoni (eżawrit)
2 Marija
3 Iż-Żwieġ u l-Familja (eżawrit)
4 Bioġenetika
5 L-Ewkaristija (eżawrit)
6 Iż-Żgħażagħ
7 It-Teoloġija tal-Liberazzjoni
8 Il-Lajċi
9 Reliġjon u Kultura
10 Ir-Reliġjużi
11 Is-Setet
12 Il-Papa jkellem lil Malta (eżawrit)
13 Il-Magħmudija
14 Il-Paċi
15 Il-Konfirmazzjoni
16 L-Adozzjoni
17 Il-Liturġija
18 Lejn Soċjetà Umana
19 Lejn Soċjetà Mġedda
20 Is-Sens Reliġjuż
21 Valuri Umani
22 Spiritwalità Nisranija
23 Soċjetà u Kristjaneżmu
24 L-Ordni Sagri
25 Iż-Żwieġ
26 Il-Qrar
27 Twemmin – Xandir – Xhieda
28 Fidi u Politika
29 Il-Familja
30 Knisja u Kultura
31 Id-Dilka tal-Morda
32 Is-Sesswalità Umana
33 Is-Sataniżmu (eżawrit)
34 Il-Bibbja
35 Il-Mewt
36 Il-Mara
37 Il-Festi
38 It-Tfulija
39 Il-Movimenti Ġodda fil-Knisja
40 Min hu Ġesù Kristu?
41 Il-Valur tax-Xogħol
42 Iż-Żgħożija
43 Ir-Reliġjonijiet
44 L-Ispirtu s-Santu fil-Ħajja tan-Nisrani
45 It-Talb: Ilbieraħ u Llum
46 Il-Missjoni Dumnikana fl-Albanija
47 L-Anzjani fis-Soċjetà
48 Min hu Alla l-Missier?
49 L-Ispiritwalità Dumnikana
50 Kelmet Alla f'Ħajjet il-Bniedem
51 Il-Ħarsien tal-Ambjent
52 Il-Knisja: Oriġini u Żvilupp
53 Il-Bniedem u l-Isport
54 L-Eskatoloġija: Il-Ħajja Futura
55 L-Anġli: Simboli jew Realtà
56 L-Abort: il-Qtil tal-Innoċenti
57 It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja
58 L-Ekumeniżmu
59 L-Ewtanasja
60 Il-Parroċċa: Il-Komunità li Temmen
61 San Tumas ta' Akwinu: Ilbieraħ u Llum
62 Il-Globalizzazzjoni: Vantaġġi u Żvantaġġi
63 Sejħa – Dixxerniment – Missjoni
64 New Age u Movimenti oħra
65 Il-Konċilju Vat. II: Fejn Wasalna?
66 Il-Kloning: il-Qerda tal-Bniedem
67 L-Annimali fuq l-Aġenda Nisranija
68 Saħħa – Mard – Fejqan
69 Id-Droga: il-Pjaga ta' Żmienna
70 L-Islam: Fidi u Għajxien
71 L-Omosesswalità mil-Lenti Kristjana
72 Santu Wistin: Ħajtu u Ħidmietu

73 Alkoħoliżmu u Logħob tal-Azzard
74 Knisja u Edukazzjoni
75 It-Tifsira taż-Żmien
76 San Pawl: l-Appostlu tal-Ġnus
77 Dnubiet Soċjali
78 Il-Prietka tal-Muntanja (Mt 5-7)
79 L-Istudju tat-Teoloġija
80 Il-Kruha tar-Razziżmu
81 Nistaqsi, Nemmen, Ngħix
82 Ġwanni Pawlu II, il-Kbir
83 It-Teżor tal-Ħbiberija
84 Reliġjon u Letteratura
85 Is-Sagramenti f'Ħajjitna
86 Theddid u Sfidi Dinjija
87 "Hu… li Ħalaq is-Sema u l-Art"
88 Insaħħu l-Familji Tagħna
89 Bioetika: l-Aħħar Żviluppi
90 Ir-Relazzjoni Fidi u Raġuni
91 Is-Saċerdozju Taħt il-Lenti
92 It-Tmexxija Demokratika Llum
93 Okkult u Sataniżmu: Fejn jiltaqgħu?
94 Marija ta' Nazaret: Ikona għal Ħajjitna
95 L-Ordni Dumnikan: Ilbieraħ u Llum
96 Il-Fenomenu tal-Migrazzjoni
97 San Ġorġ Preca: l-Ewwel Qaddis Malti
98 Il-Feminiżmu u l-Mara fis-Soċjetà
99 Il-Mużika Sagra fil-Mixja Nisranija
100 Lejn Evanġelizzazzjoni Ġdida
101 Il-Memorja tal-Olokawst (1939-45)
102 Ġurnaliżmu: Verità tal-Aħbar?
103 Id-Don u l-Pedagoġija tal-Fidi
104 Post il-Persuni b'Diżabilità fis-Soċjetà
105 Il-bżonn tal-mistrieħ u l-ħin liberu
106 Il-Quddiesa: storja, tifsira, għajxien
107 L-Evanġelju ta' Papa Franġisku
108 Noti fuq il-Poeżija Reliġjuża Maltija
109 Nemmen fil-Ħajja Eterna
110 Indiċi (Mejju 1988 – Diċ. 2014)
111 L-Isqof: Sejħa u Missjoni
112 Oscar Romero
113 Bibbja u Ċinema
114 Il-Ħidma tal-Iskular Bibliku fil-Knisja
115 Il-Ħniena t'Alla fil-Ħajja Nisranija
116 Id-Dumnikani: għas-servizz tal-bniedem
117 Vjolenza u Terroriżmu: Fejn sejrin?
118 L-Għerf tal-Papiet fl-Enċikliki
119 Madre Tereża
120 Il-Kultura Neo-Liberali
121 Il-Parabboli: Mir-Rakkont għall-Azzjoni
122 Il-Problema tal-Faqar
123 Luteru u r-Riforma
124 L-Isfida tal-Multikulturaliżmu
125 Ħarsa lejn Missirijiet il-Knisja
126 L-Etika fil-Politika
127 Wirt Pawlu VI
128 Ħsibijiet fuq id-*Divina Commedia*
129 Ħarsa lejn id-Dutturi tal-Knisja
130 Fuq l-Era Diġitali
131 L-Għajta ta' Ommna l-Art
132 Il-Knisja u s-Sette Giugno
133 Mistiċi Nisa
134 John Henry Newman
135 Favur il-Ħajja fil-Ġuf
136 Is-Sena Liturġika tal-Knisja
137 Nipproteġu lit-tfal tagħna
138 Perspettivi fuq Mosè
139 Ġustizzja – Impenn – Solidarjetà
140 Dun Karm: Għadu Rilevanti?
141 Lejn Knisja Sinodali
142 Dietrich Bonhoeffer: Profeta u Martri
143 Il-Virtù tal-Ospitalità
144 Komunikazzjoni u Evanġelizzazzjoni
145 Teoloġi Kattoliċi ta' Żmienna
146 Temi f'Tumas t'Akwinu
147 Għarfien il-Ħajja Umana
148 Il-Politika u l-Ġid Komuni
149 Il-Mixja tal-Konċilji Ekumeniċi
150 L-Għan tat-Tama
151 Mistiċi Rġiel Insara
152 Riflessi fuq Kristu
153. Oliver Friggieri: Ħassieb u Kittieb

# Inkomplu nibnu Knisja elfejn

Il-Provinċja Dumnikana Maltija fl-1988 bdiet inizjattiva ta' tagħlim nisrani għas-soċjetà Maltija permezz tal-volumi **Knisja 2000**. Il-Provinċja ta' dak iż-żmien, taħt it-tmexxija ta' Patri Pawl Cremona OP, Eks Arċisqof ta' Malta, kienet tenniet li dan għandu jkun strument biex jgħin fil-formazzjoni prattika u attwali tal-persuni kollha bil-għatx li jiskopru aktar kif jistgħu jgħixu l-Kelma ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum quddiem sfidi li jitfaċċaw.

**Knisja 2000** żammet dan l-appuntament u llum qed nipproponu lilek biex inti tabbona f'din l-enċiklopedija ta' tagħlim nisrani magħmula minn volumi li kull darba jittrattaw suġġett ta' morali, teoloġija, fidi u issues soċjali li jfeġġu fis-soċjetà Maltija.

aqta' hawn ✂

## Applikazzjoni Abbonamenti

KOMUNIKAZZJONI DUMNIKANA

☐ Nixtieq nabbona fi Knisja 2000 **għal sena** bil-prezz ta' €21

☐ Nixtieq nabbona **għal tliet snin** bil-prezz ta' €40

☐ Nixtieq li tibgħatli dawn il-**back numbers** bil-prezz ta' €5 għal kull volum

Isem

Indirizz

Kodiċi Postali

Telefon E-mail

Back numbers li tixtieq:

**Ibgħat ċekk lil: FR RAYMOND GATT OP**
**Kunvent Patrijiet Dumnikani, Misraħ San Duminku, Rabat RBT 2521**